Parlament Ewropew
2019-2024

Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

2023/0205(COD)

13.12.2023

***I
ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar qafas għall-Aċċess għad-Data Finanzjarja u emenda tar-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010, (UE) Nru 1094/2010, (UE) Nru 1095/2010 u (UE) 2022/2554
(COM(2023)0360 – C9-0215/2023 – 2023/0205(COD))

Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

Rapporteur: Michiel Hoogeveen

Tifsira tas-simboli użati

*	Proċedura ta' konsultazzjoni
***	Proċedura ta' approvazzjoni
***I	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari)
***II	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari)
***III	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi ġuridika proposta mill-abbozz ta' att.)

Emendi għal abbozz ta' att

Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat

Il-partijiet ġodda tat-test huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa.*** Il-partijiet imħassra tat-test huma indikati permezz tas-simbolu ▌ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni tintwera billi jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** t-test il-ġdid u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit. Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW 5

NOTA SPJEGATTIVA 109

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar qafas għall-Aċċess għad-Data Finanzjarja u emenda tar-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010, (UE) Nru 1094/2010, (UE) Nru 1095/2010 u (UE) 2022/2554
(COM(2023)0360 – C9-0215/2023 – 2023/0205(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: (l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2023)0360),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0215/2023),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (A9-0000/2023),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

Emenda 1

Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) Il-klijenti tal-istituzzjonijiet finanzjarji, kemm il-konsumaturi kif ukoll id-ditti, jenħtieġ li jkollhom kontroll ***effettiv*** fuq id-data finanzjarja tagħhom u l-opportunità li jibbenefikaw minn	(2) Il-klijenti tal-istituzzjonijiet finanzjarji, kemm il-konsumaturi kif ukoll id-ditti, jenħtieġ li jkollhom ***sjieda u*** kontroll ***effettivi*** fuq id-data finanzjarja tagħhom u l-opportunità li jibbenefikaw

innovazzjoni xprunata mid-data li tkun miftuħa, ġusta u sikura fis-settur finanzjarju. Jenħtieġ li dawk il-klijenti jingħataw is-setgħa li jiddeċiedu kif u minn min tintuża d-data finanzjarja tagħhom u jenħtieġ li jkollhom l-għażla li jagħtu lid-ditti aċċess għad-data tagħhom għall-finijiet tal-kisba ta' servizzi finanzjarji u ta' informazzjoni jekk ikunu jixtiequ.	minn innovazzjoni xprunata mid-data li tkun miftuħa, ġusta u sikura fis-settur finanzjarju. Jenħtieġ li dawk il-klijenti jingħataw is-setgħa li jiddeċiedu kif u minn min tintuża d-data finanzjarja tagħhom u jenħtieġ li jkollhom l-għażla li jagħtu lid-ditti aċċess ***sikur*** għad-data tagħhom għall-finijiet tal-kisba ta' servizzi finanzjarji u ta' informazzjoni jekk ikunu jixtiequ.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huwa ssuġġerit li jiġi enfasizzat li l-klijenti jżommu s-sjieda tad-data finanzjarja tagħhom, u li l-aċċess għad-data finanzjarja għandu jkun sikur.

Emenda 2

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) L-Unjoni għandha interess ta' politika ddikjarat li tippermetti l-aċċess tal-klijenti tal-istituzzjonijiet finanzjarji għad-data finanzjarja tagħhom. Il-Kummissjoni kkonfermat fil-komunikazzjoni tagħha dwar strateġija għall-finanzi diġitali u fil-Komunikazzjoni dwar unjoni tas-swieq kapitali adottata fl-2021 l-intenzjoni li tistabbilixxi qafas għall-aċċess għad-data finanzjarja għall-ħsad tal-benefiċċji għall-klijenti ***tal-kondiviżjoni*** tad-data fis-settur finanzjarju. Tali benefiċċji jinkludu l-iżvilupp u l-forniment ta' prodotti finanzjarji u servizzi finanzjarji xprunati mid-data, li jsiru possibbli permezz ***tal-kondiviżjoni*** tad-data tal-klijenti.	(3) L-Unjoni għandha interess ta' politika ddikjarat li tippermetti l-aċċess tal-klijenti tal-istituzzjonijiet finanzjarji għad-data finanzjarja tagħhom. Il-Kummissjoni kkonfermat fil-komunikazzjoni tagħha dwar strateġija għall-finanzi diġitali u fil-Komunikazzjoni dwar unjoni tas-swieq kapitali adottata fl-2021 l-intenzjoni li tistabbilixxi qafas għall-aċċess għad-data finanzjarja għall-ħsad tal-benefiċċji għall-klijenti ***tal-ftuħ*** tad-data ***tagħhom*** fis-settur finanzjarju. Tali benefiċċji jinkludu l-iżvilupp u l-forniment ***mis-settur finanzjarju*** ta' prodotti finanzjarji u servizzi finanzjarji xprunati mid-data, li jsiru possibbli permezz ***tal-użu mill-ġdid*** tad-data tal-klijenti. ***Billi jinħolqu sinerġiji mad-data minn setturi rilevanti oħra, il-potenzjal innovattiv ta' tali prodotti finanzjarji u servizzi finanzjarji jista' jissaħħaħ aktar għall-benefiċċju tal-klijenti u l-ekonomija ġenerali tad-data.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huwa ssuġġerit li jintuża lingwaġġ li jiffoka b'mod aktar ċar fuq l-istabbiliment ta' drittijiet tal-aċċess għad-data għall-konsumaturi u l-klijenti kummerċjali. Il-FiDA għandu l-ewwel u qabel kollox jippermetti lill-klijenti jieħdu kontroll fuq id-data tagħhom sabiex ikunu jistgħu jaċċessawha u jerġgħu jużawha kif jidhrilhom xieraq. Barra minn hekk, huwa ssuġġerit li jiġi ċċarat li l-FiDA jippermetti lis-settur finanzjarju joffri servizzi u prodotti finanzjarji abbażi tad-data aċċessata.

Emenda 3

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) Fi ħdan is-servizzi finanzjarji, u b'riżultat tad-Direttiva riveduta (UE) 2015/2366 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[7], ***il-kondiviżjoni*** tad-data tal-kontijiet tal-pagamenti fl-Unjoni ***bbażata*** fuq il-permess tal-klijent ***bdiet tittrasforma*** l-mod kif il-konsumaturi u n-negozji jużaw is-servizzi bankarji. Sabiex wieħed jibni fuq il-miżuri f'dik id-Direttiva, jenħtieġ li jiġi stabbilit qafas regolatorju ***għall-kondiviżjoni*** tad-data tal-klijenti fis-settur finanzjarju kollu lil hinn mid-data tal-kontijiet tal-pagamenti. Jenħtieġ li dan ikun ukoll element kostitwenti għall-integrazzjoni sħiħa tas-settur finanzjarju fl-istrateġija tal-Kummissjoni għad-data[8] li tippromwovi ***l-kondiviżjoni*** tad-data bejn is-setturi.	(4) Fi ħdan is-servizzi finanzjarji, u b'riżultat tad-Direttiva riveduta (UE) 2015/2366 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[7], ***l-aċċess*** tad-data tal-kontijiet tal-pagamenti fl-Unjoni ***bbażat*** fuq il-permess tal-klijent ***beda jittrasforma*** l-mod kif il-konsumaturi u n-negozji jużaw is-servizzi bankarji. Sabiex wieħed jibni fuq il-miżuri f'dik id-Direttiva, jenħtieġ li jiġi stabbilit qafas regolatorju ***għall-aċċess*** tad-data tal-klijenti fis-settur finanzjarju kollu lil hinn mid-data tal-kontijiet tal-pagamenti. Jenħtieġ li dan ikun ukoll element kostitwenti għall-integrazzjoni sħiħa tas-settur finanzjarju fl-istrateġija tal-Kummissjoni għad-data[8] li tippromwovi ***l-aċċess*** tad-data bejn is-setturi.
[7] Id-Direttiva (UE) 2015/2366 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar is-servizzi ta' pagament fis-suq intern, li temenda d-Direttivi 2002/65/KE, 2009/110/KE u 2013/36/UE u r-Regolament (UE) Nru 1093/2010, u li tħassar id-Direttiva 2007/64/KE (ĠU L 337, 23.12.2015, p. 35).	[7] Id-Direttiva (UE) 2015/2366 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar is-servizzi ta' pagament fis-suq intern, li temenda d-Direttivi 2002/65/KE, 2009/110/KE u 2013/36/UE u r-Regolament (UE) Nru 1093/2010, u li tħassar id-Direttiva 2007/64/KE (ĠU L 337, 23.12.2015, p. 35).

[8] https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?qid=1593073685620&uri=CELEX%3A52020DC0066

[8] https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?qid=1593073685620&uri=CELEX%3A52020DC0066

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huwa ssuġġerit li jintuża lingwaġġ li jiffoka b'mod aktar ċar fuq l-istabbiliment ta' drittijiet tal-aċċess għad-data għall-konsumaturi u l-klijenti kummerċjali. Il-FiDA għandu l-ewwel u qabel kollox jippermetti lill-klijenti jieħdu kontroll fuq id-data tagħhom sabiex ikunu jistgħu jaċċessawha u jerġgħu jużawha kif jidhrilhom xieraq.

Emenda 4

Proposta għal regolament
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) L-iżgurar tal-kontroll u tal-fiduċja tal-klijenti huwa imperattiv biex jinbena qafas ta' ***kondiviżjoni tad-data*** effettiv u li jiffunzjona tajjeb fis-settur finanzjarju. L-iżgurar ta' kontroll effettiv tal-klijenti fuq ***il-kondiviżjoni tad-data*** jikkontribwixxi għall-innovazzjoni, kif ukoll għall-fiduċja tal-klijenti ***fil-kondiviżjoni tad-data***. B'riżultat ta' dan, il-kontroll effettiv jgħin biex tingħeleb ir-riluttanza tal-klijenti li ***jikkondividu d-data*** tagħhom. Taħt il-qafas attwali tal-Unjoni, id-dritt tal-portabbiltà tad-data ta' suġġett tad-data f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[9] huwa limitat għad-data personali u jista' jiġi invokat biss meta jkun teknikament fattibbli li d-data tiġi ttrasferita. Id-data tal-klijenti u l-interfaċċi tekniċi fis-settur finanzjarju lil hinn mill-kontijiet tal-pagamenti ma humiex standardizzati, u b'hekk ***il-kondiviżjoni tad-data ssir*** aktar ***għalja***. Barra minn hekk, l-istituzzjonijiet finanzjarji huma biss obbligati legalment li jagħmlu d-data dwar il-pagamenti tal-klijenti tagħhom disponibbli.	(5) L-iżgurar tal-kontroll u tal-fiduċja tal-klijenti huwa imperattiv biex jinbena qafas ta' ***aċċess għad-data*** effettiv u li jiffunzjona tajjeb fis-settur finanzjarju. L-iżgurar ta' kontroll effettiv tal-klijenti fuq ***id-data tagħhom*** jikkontribwixxi għall-innovazzjoni, kif ukoll għall-fiduċja tal-klijenti ***fl-użu ta' forniturі ta' servizzi alternattivi***. B'riżultat ta' dan, il-kontroll effettiv jgħin biex tingħeleb ir-riluttanza tal-klijenti li ***jużaw mill-ġdid id-data*** tagħhom. Taħt il-qafas attwali tal-Unjoni, id-dritt tal-portabbiltà tad-data ta' suġġett tad-data f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[9] huwa limitat għad-data personali u jista' jiġi invokat biss meta jkun teknikament fattibbli li d-data tiġi ttrasferita. Id-data tal-klijenti u l-interfaċċi tekniċi fis-settur finanzjarju lil hinn mill-kontijiet tal-pagamenti ma humiex standardizzati, u b'hekk ***l-aċċess għad-data jsir*** aktar ***għali***. Barra minn hekk, l-istituzzjonijiet finanzjarji huma biss obbligati legalment li jagħmlu d-data dwar il-pagamenti tal-klijenti tagħhom disponibbli.

[9] Ir-Regolament (EU) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

[9] Ir-Regolament (EU) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huwa ssuġġerit li jintuża lingwaġġ li jiffoka b'mod aktar ċar fuq l-istabbiliment ta' drittijiet tal-aċċess għad-data għall-konsumaturi u l-klijenti kummerċjali. Il-FiDA għandu l-ewwel u qabel kollox jippermetti lill-klijenti jieħdu kontroll fuq id-data tagħhom sabiex ikunu jistgħu jaċċessawha u jerġgħu jużawha kif jidhrilhom xieraq.

Emenda 5

Proposta għal regolament
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) Għalhekk, l-ekonomija tad-data finanzjarja tal-Unjoni għadha frammentata, ikkaratterizzata minn ***kondiviżjoni*** mhux uniformi ***tad-data***, ostakli, u riluttanza għolja tal-partijiet ikkonċernati biex jinvolvu ruħhom ***fil-kondiviżjoni*** tad-data lil hinn mill-kontijiet tal-pagamenti. Għaldaqstant, il-klijenti ma jibbenefikawx minn prodotti u servizzi individwalizzati u xprunati mid-data li jistgħu jissodisfaw il-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom. In-nuqqas ta' prodotti finanzjarji personalizzati jillimita l-possibbiltà ta' innovazzjoni, billi joffri aktar għażla u prodotti u servizzi finanzjarji għall-konsumaturi interessati li inkella jistgħu jibbenefikaw minn għodod xprunati mid-data li jistgħu jappoġġawhom biex jagħmlu għażliet infurmati, iqabblu l-offerti b'mod faċli għall-utenti, u jaqilbu għal prodotti aktar vantaġġużi li jaqblu mal-preferenzi tagħhom abbażi tad-data	(6) Għalhekk, l-ekonomija tad-data finanzjarja tal-Unjoni għadha frammentata, ikkaratterizzata minn ***aċċess*** mhux uniformi ***għad-data***, ostakli, u riluttanza għolja tal-partijiet ikkonċernati biex jinvolvu ruħhom ***fil-ftuħ u l-użu mill-ġdid*** tad-data lil hinn mill-kontijiet tal-pagamenti. Għaldaqstant, il-klijenti ma jibbenefikawx minn prodotti u servizzi individwalizzati u xprunati mid-data li jistgħu jissodisfaw il-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom. In-nuqqas ta' prodotti finanzjarji personalizzati jillimita l-possibbiltà ta' innovazzjoni, billi joffri aktar għażla u prodotti u servizzi finanzjarji għall-konsumaturi interessati li inkella jistgħu jibbenefikaw minn għodod xprunati mid-data li jistgħu jappoġġawhom biex jagħmlu għażliet infurmati, iqabblu l-offerti b'mod faċli għall-utenti, u jaqilbu għal prodotti aktar vantaġġużi li jaqblu mal-preferenzi

tagħhom. L-ostakli eżistenti ***għall-kondiviżjoni*** tad-data kummerċjali qed iwaqqfu lid-ditti, b'mod partikolari ***lill-SMEs***, milli jibbenefikaw minn servizzi finanzjarji aħjar, konvenjenti u awtomatizzati.	tagħhom abbażi tad-data tagħhom. L-ostakli eżistenti ***għall-użu mill-ġdid*** tad-data kummerċjali qed iwaqqfu lid-ditti, b'mod partikolari ***lill-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs)***, milli jibbenefikaw minn servizzi finanzjarji aħjar, konvenjenti u awtomatizzati.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huwa ssuġġerit li jintuża lingwaġġ li jiffoka b'mod aktar ċar fuq l-istabbiliment ta' drittijiet tal-aċċess għad-data għall-konsumaturi u l-klijenti kummerċjali. Il-FiDA għandu l-ewwel u qabel kollox jippermetti lill-klijenti jieħdu kontroll fuq id-data tagħhom sabiex ikunu jistgħu jaċċessawha u jerġgħu jużawha kif jidhrilhom xieraq. Barra minn hekk, introduzzjoni tal-abbrevjazzjoni "SME".

Emenda 6

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) It-tqegħid tad-data disponibbli permezz ta' interfaċċi ta' kwalità għolja għall-ipprogrammar tal-applikazzjonijiet huwa essenzjali biex jiġi ffaċilitat l-aċċess mingħajr xkiel u effettiv għad-data. Madankollu, lil hinn mill-qasam tal-kontijiet tal-pagamenti, minoranza biss ta' istituzzjonijiet finanzjarji li huma detenturi tad-data jindikaw li jagħmlu d-data disponibbli permezz ta' interfaċċi tekniċi bħall-interfaċċi għall-ipprogrammar tal-applikazzjonijiet. Minħabba li l-inċentivi għall-iżvilupp ta' tali servizzi innovattivi huma neqsin, id-domanda tas-suq għall-aċċess għad-data tibqa' limitata.	(7) It-tqegħid tad-data disponibbli permezz ta' interfaċċi ***tekniċi*** ta' kwalità għolja ***bħall-interfaċċi*** għall-ipprogrammar tal-applikazzjonijiet huwa essenzjali biex jiġi ffaċilitat l-aċċess mingħajr xkiel u effettiv għad-data. Madankollu, lil hinn mill-qasam tal-kontijiet tal-pagamenti, minoranza biss ta' istituzzjonijiet finanzjarji li huma detenturi tad-data jindikaw li jagħmlu d-data disponibbli permezz ta' interfaċċi tekniċi bħall-interfaċċi għall-ipprogrammar tal-applikazzjonijiet. Minħabba li l-inċentivi għall-iżvilupp ta' tali servizzi innovattivi huma neqsin, id-domanda tas-suq għall-aċċess għad-data tibqa' limitata.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Biex ma nkunux speċifiċi dwar it-teknoloġija użata (l-APIs huma ovvjament l-aktar forma

prevalenti sal-lum), huwa ssuġġerit li jintuża l-istess kliem bħal fit-tieni sentenza tal-premessa.

Emenda 7

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Jenħtieġ li d-data inkluża fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament turi valur miżjud għoli għall-innovazzjoni finanzjarja, kif ukoll riskju baxx ta' esklużjoni finanzjarja għall-konsumaturi. Għalhekk, jenħtieġ li dan ir-Regolament ma jkoprix data relatata mal-assigurazzjoni tal-mard u tas-saħħa ta' konsumatur f'konformità mad-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[10] kif ukoll data dwar prodotti tal-assigurazzjoni tal-ħajja ta' konsumatur f'konformità mad-Direttiva 2009/138/KE għajr kuntratti ta' assigurazzjoni tal-ħajja koperti minn prodotti ta' investiment ibbażati fuq l-assigurazzjoni. Jenħtieġ li dan ir-Regolament ma jkoprix ukoll id-data miġbura bħala parti minn valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja ta' konsumatur. Jenħtieġ li ***l-kondiviżjoni*** tad-data tal-klijenti fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament ***tirrispetta*** l-protezzjoni ta' data kummerċjali kunfidenzjali u sigrieti kummerċjali.	(9) Jenħtieġ li d-data inkluża fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament turi valur miżjud għoli għall-innovazzjoni finanzjarja, kif ukoll riskju baxx ta' esklużjoni finanzjarja għall-konsumaturi. Għalhekk, jenħtieġ li dan ir-Regolament ma jkoprix data relatata mal-assigurazzjoni tal-mard u tas-saħħa ta' konsumatur f'konformità mad-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[10] kif ukoll data dwar prodotti tal-assigurazzjoni tal-ħajja ta' konsumatur f'konformità mad-Direttiva 2009/138/KE għajr kuntratti ta' assigurazzjoni tal-ħajja koperti minn prodotti ta' investiment ibbażati fuq l-assigurazzjoni. ***Jenħtieġ li dan ir-Regolament ma jkoprix data relatata mal-mard u l-kopertura tas-saħħa ta' membru jew benefiċjarju f'konformità mad-Direttiva 2016/2341[10a].*** Jenħtieġ li dan ir-Regolament ma jkoprix ukoll id-data miġbura bħala parti minn valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja ta' konsumatur. Jenħtieġ li ***l-aċċess u l-użu*** tad-data tal-klijenti fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament ***jirrispettaw il-protezzjoni*** ta' data kummerċjali kunfidenzjali u sigrieti kummerċjali ***f'konformità mad-Direttiva (UE) 2016/943[10b], inklużi approċċi matematiċi u metodoloġiċi***.
[10] Id-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni (Solvenza II)	[10] Id-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni (Solvenza II)

(riformulazzjoni) (ĠU L 335, 17.12.2009, p. 1).

(riformulazzjoni) (ĠU L 335, 17.12.2009, p. 1).

[10a] Id-Direttiva (UE) 2016/2341 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2016 dwar l-attivitajiet u s-superviżjoni ta' istituzzjonijiet għall-provvista ta' rtirar okkupazzjonali (IORPs) (ĠU L 354, 23.12.2016, p. 37).

[10b] Id-Direttiva (UE) 2016/943 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni ta' konoxxenza u ta' informazzjoni kummerċjali kunfidenzjali (sigrieti kummerċjali) kontra l-ksib, l-użu u l-iżvelar illegali tagħhom (ĠU L 157, 15.6.2016, p. 1).

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-IORPs jistgħu jipprevedu benefiċċji li jkopru r-riskji tal-mard u tas-saħħa u huma komparabbli mal-assigurazzjoni tal-mard u tas-saħħa. Billi r-riskji tal-esklużjoni finanzjarja huma simili, huwa ssuġġerit li tiġi eskluża wkoll tali data mill-kamp ta' applikazzjoni tal-FiDA. Ara wkoll il-kummenti li saru f'dan ir-rigward mill-EDPS fl-opinjoni tiegħu (punt 13). Barra minn hekk, huwa ssuġġerit li tiġi inkluża referenza għad-Direttiva dwar il-Protezzjoni tas-Sigrieti Kummerċjali.

Emenda 8

Proposta għal regolament
Premessa 9a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(9a) Għall-fini tal-forniment ta' servizzi u prodotti finanzjarji fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, id-detenturi tad-data u l-utenti tad-data jenħtieġ li jikkonformaw mar-regoli u mal-linji gwida eżistenti tal-Unjoni dwar l-aċċess għad-data personali u l-użu tagħha. Dan jinkludi r-regoli applikabbli għat-twettiq tal-valutazzjonijiet tal-affidabbiltà kreditizja tal-konsumatur kif stipulat fid-Direttiva [XXXX/XXXX] tal-

Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1a] (Direttiva dwar il-Krediti għall-Konsumatur) u d-Direttiva 2014/17/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1b] (Direttiva dwar il-Kreditu Ipotekarju), jew id-dmir tad-ditti tal-investiment li jaġixxu fl-aħjar interess tal-klijent meta jwettqu valutazzjonijiet tal-adegwatezza.

[1a] COM(2021)0347.

[1b] Id-Direttiva 2014/17/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Frar 2014 dwar kuntratti ta' kreditu għall-konsumaturi marbutin ma' proprjetà immobbli residenzjali u li temenda d-Direttivi 2008/48/KE u 2013/36/UE u r-Regolament (UE) Nru 1093/2010 (ĠU L 60, 28.2.2014, p. 34).

Or. en

Ġustifikazzjoni

Kif rakkomandat mill-EDPS fl-opinjoni tiegħu (punt 29), ta' min ifakkar l-eżistenza ta' leġiżlazzjoni u linji gwida speċifiċi għas-settur applikabbli għall-entitajiet eliġibbli elenkati fl-Artikolu 2(2), inkluża leġiżlazzjoni li tapplika għall-krediti għall-konsumaturi.

Emenda 9

Proposta għal regolament
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) Jenħtieġ li ***l-kondiviżjoni tad-data*** tal-klijenti fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament tkun ibbażata fuq il-permess tal-klijent. Jenħtieġ li l-obbligu legali fuq id-detenturi tad-data biex ***jikkondividu d-data*** tal-klijenti jiġi skattat ladarba l-klijent ikun talab li d-data ***tiġi kondiviża ma'*** utent tad-data. ***Din it-talba tista' tiġi sottomessa minn utent*** tad-data ***li jaġixxi f'isem il-klijent***. Meta jkun involut l-ipproċessar ta' data personali, jenħtieġ li utent tad-data ***jkollu bażi*** legali valida	(10) Jenħtieġ li ***l-aċċess għad-data*** tal-klijenti fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament tkun ibbażata fuq il-permess ***espliċitu*** tal-klijent. ***Tali permess jenħtieġ li ma jkunx ibbażat biss fuq approċċ ta' "eżerċizzju ta' rutina" jew l-użu ta' frażijiet ġeneralizzanti. Meta jfittxu l-permess espliċitu tal-klijent biex juża d-data tiegħu jew tagħha, l-utenti tad-data jenħtieġ li jispeċifikaw x'użu beħsiebhom jagħmlu mid-data tal-klijent, jekk il-klijent jipprovdi permess.*** Jenħtieġ li l-

għall-ipproċessar skont ***ir-Regolament*** (UE) 2016/679. Id-data tal-klijenti tista' tiġi pproċessata għall-finijiet miftiehma fil-kuntest tas-servizz ipprovdut. L-ipproċessar tad-data personali jrid jirrispetta l-prinċipji tal-protezzjoni tad-data personali, inklużi l-legalità, il-ġustizzja u t-trasparenza, il-limitazzjoni tal-iskop u l-minimizzazzjoni tad-data. Klijent għandu d-dritt li jirtira l-permess mogħti lil utent tad-data. Meta l-ipproċessar tad-data jkun meħtieġ għall-eżekuzzjoni ta' kuntratt, jenħtieġ li klijent ikun jista' jirtira l-permessi skont l-obbligi kuntrattwali li għalihom is-suġġett tad-data jkun parti. Meta l-ipproċessar tad-data personali jkun ibbażat fuq il-kunsens, suġġett tad-data ***jkollu d-dritt*** li jirtira l-kunsens tiegħu fi kwalunkwe ħin, kif previst fir-Regolament (UE) 2016/679.

obbligu legali fuq id-detenturi tad-data biex ***jippermettu aċċess għad-data*** tal-klijenti jiġi skattat ladarba l-klijent ikun talab ***espliċitament*** li d-data ***ssir aċċessibbli għal*** utent tad-data. ***L-utent*** tad-data ***għandu jkun kapaċi juri kif l-aħjar interess tal-klijent se jiġi ssodisfat u ppreżervat***. ***F'konformità mar-Regolament (UE) [XXXX/XXXX] tal-Parlament Ewropew tal-Kunsill[1a] (Att dwar id-Data), impriża li tipprovdi servizzi ta' pjattaforma ċentrali li tkun ġiet nominata bħala gwardjan skont ir-Regolament (UE) 2022/1925[1b] ma tistax tkun eliġibbli bħala utent tad-data skont dan ir-Regolament. Il-limitazzjoni fuq l-għoti tal-aċċess għall-gwardjani ma teskludihomx mis-suq u ma twaqqafhomx milli joffru s-servizzi tagħhom, peress li l-ftehimiet volontarji bejnhom u bejn id-detenturi tad-data jibqgħu mhux affettwati.*** Meta jkun involut l-ipproċessar ta' data personali, jenħtieġ li utent tad-data ***jibbaża fuq waħda mill-bażijiet*** legali valida għall-ipproċessar skont ***l-Artikolu 6 tar-Regolament*** (UE) 2016/679. Id-data tal-klijenti tista' tiġi pproċessata ***biss*** għall-finijiet miftiehma fil-kuntest tas-servizz ipprovdut. ***Skont dan ir-Regolament, dawn il-finijiet jenħtieġ li jkunu strettament limitati għall-forniment ta' prodott finanzjarju, servizz finanzjarju jew servizz ta' informazzjoni finanzjarja.*** L-ipproċessar tad-data personali jrid jirrispetta l-prinċipji tal-protezzjoni tad-data personali, inklużi l-legalità, il-ġustizzja u t-trasparenza, il-limitazzjoni tal-iskop u l-minimizzazzjoni tad-data. Klijent għandu d-dritt li jirtira l-permess mogħti lil utent tad-data ***fi kwalunkwe ħin***. ***Pereżempju,*** meta l-ipproċessar tad-data jkun meħtieġ għall-eżekuzzjoni ta' kuntratt, jenħtieġ li klijent ikun jista' jirtira l-permessi skont l-obbligi kuntrattwali li għalihom is-suġġett tad-data jkun parti. ***Bl-istess mod,*** meta l-ipproċessar tad-data personali jkun ibbażat fuq il-kunsens, suġġett tad-data ***jenħtieġ*** li ***jkun jista'*** jirtira l-kunsens tiegħu fi kwalunkwe ħin, kif previst fir-Regolament (UE) 2016/679.

Jenħtieġ li ma jkunx possibbli għall-utent tad-data li jittrasferixxi d-data tal-klijenti lil attur terz mingħajr dan il-permess espliċitu, jew saħansitra lil entità oħra fl-istess grupp.

[1a] Ir-Regolament (UE) 2023/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2023 dwar regoli armonizzati dwar l-aċċess ġust għad-data u l-użu tagħha u li jemenda r-Regolament (UE) 2017/2394 u d-Direttiva (UE) 2020/1828 (l-Att dwar id-Data) (ĠU L...).

[1b] Ir-Regolament (UE) 2022/1925 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2022 dwar swieq kontestabbli u ġusti fis-settur diġitali u li jemenda d-Direttivi (UE) 2019/1937 u (UE) 2020/1828 (l-Att dwar is-Swieq Diġitali) (ĠU L 265, 12.10.2022, p. 1).

Or. en

Ġustifikazzjoni

Kjarifiki u suġġerimenti: l-użu tad-data għandu dejjem ikun fl-aħjar interess tal-klijent; l-aċċess għad-data tal-konsumatur miżmuma mid-detenturi tad-data għandu jkun kundizzjonali; il-gwardjani skont id-DMA ma għandhomx ikunu jistgħu jaċċessaw id-data fl-FiDA; referenzi aktar preċiżi għall-GDPR; il-kunsens tal-klijent għandu jkun meħtieġ għal kwalunkwe trasferiment ta' data. Barra minn hekk, il-punt (40) tal-opinjoni tal-EDPS huwa inkluż.

Emenda 10

Proposta għal regolament
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) Il-fatt li l-klijenti jkunu jistgħu ***jikkondividu d-data*** tagħhom dwar l-investimenti attwali tagħhom jista' jinkoraġġixxi l-innovazzjoni fil-forniment ta' servizzi ta' investiment bl-imnut. Il-ġbir ta' data primarja biex titlesta valutazzjoni	(11) Il-fatt li l-klijenti jkunu jistgħu ***jifthu u jużaw mill-ġdid id-data*** tagħhom dwar l-investimenti attwali tagħhom jista' jinkoraġġixxi l-innovazzjoni fil-forniment ta' servizzi ta' investiment bl-imnut. Il-ġbir ta' data primarja biex titlesta valutazzjoni

tal-idoneità u tal-adegwatezza ta' investitur bl-imnut jieħu ħafna ħin għal klijent u jikkostitwixxi fattur ta' kost sinifikanti għall-konsulenti u għad-distributuri ta' prodotti ta' investiment, ta' pensjoni u prodotti ta' investiment ibbażati fuq l-assigurazzjoni. ***Il-kondiviżjoni*** tad-data tal-klijenti dwar il-parteċipazzjonijiet ta' tfaddil u investimenti fi strumenti finanzjarji, inklużi prodotti ta' investiment ibbażati fuq l-assigurazzjoni u d-data miġbura għall-finijiet tat-twettiq ta' valutazzjoni tal-idoneità u tal-adegwatezza tista' ttejjeb il-pariri dwar l-investiment għall-konsumaturi u għandha potenzjal innovattiv qawwi, inkluż fl-iżvilupp ta' pariri personalizzati dwar l-investiment u għodod ta' ġestjoni tal-investiment li jistgħu jagħmlu l-pariri dwar l-investiment bl-imnut aktar effiċjenti. Tali għodod ta' ġestjoni diġà qed jiġu żviluppati fis-suq u jistgħu jiżviluppaw b'mod aktar effettiv fil-kuntest fejn klijent jista' ***jikkondividi d-data*** relatata mal-investiment tiegħu.	tal-idoneità u tal-adegwatezza ta' investitur bl-imnut jieħu ħafna ħin għal klijent u jikkostitwixxi fattur ta' kost sinifikanti għall-konsulenti u għad-distributuri ta' prodotti ta' investiment, ta' ***xi tipi ta'*** pensjoni u prodotti ta' investiment ibbażati fuq l-assigurazzjoni. ***L-użu mill-ġdid*** tad-data tal-klijenti dwar il-parteċipazzjonijiet ta' tfaddil u investimenti fi strumenti finanzjarji, inklużi prodotti ta' investiment ibbażati fuq l-assigurazzjoni u d-data miġbura għall-finijiet tat-twettiq ta' valutazzjoni tal-idoneità u tal-adegwatezza tista' ttejjeb il-pariri dwar l-investiment għall-konsumaturi u għandha potenzjal innovattiv qawwi, inkluż fl-iżvilupp ta' pariri personalizzati dwar l-investiment u għodod ta' ġestjoni tal-investiment li jistgħu jagħmlu l-pariri dwar l-investiment bl-imnut aktar effiċjenti. Tali għodod ta' ġestjoni diġà qed jiġu żviluppati fis-suq u jistgħu jiżviluppaw b'mod aktar effettiv fil-kuntest fejn klijent jista' ***juża mill-ġdid id-data*** relatata mal-investiment tiegħu.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huwa ssuġġerit li jintuża lingwaġġ li jiffoka b'mod aktar ċar fuq l-istabbiliment ta' drittijiet tal-aċċess għad-data għall-konsumaturi u l-klijenti kummerċjali. Il-FiDA għandu l-ewwel u qabel kollox jippermetti lill-klijenti jieħdu kontroll fuq id-data tagħhom sabiex ikunu jistgħu jaċċessawha u jerġgħu jużawha kif jidhrilhom xieraq.

Emenda 11

Proposta għal regolament
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) Id-data tal-klijenti dwar id-dettalji tal-bilanċ, il-kundizzjonijiet jew it-tranżazzjonijiet relatati ma' ipoteki, self u tfaddil tista' tippermetti lill-klijenti jiksbu ħarsa ġenerali aħjar lejn id-depożiti tagħhom u jissodisfaw aħjar il-ħtiġijiet ta'	(12) Id-data tal-klijenti dwar id-dettalji tal-bilanċ, il-kundizzjonijiet jew it-tranżazzjonijiet relatati ma' ipoteki, self u tfaddil tista' tippermetti lill-klijenti jiksbu ħarsa ġenerali aħjar lejn id-depożiti tagħhom u jissodisfaw aħjar il-ħtiġijiet ta'

tfaddil tagħhom abbażi ta' data dwar il-kreditu. Jenħtieġ li dan ir-Regolament ikopri d-data tal-klijenti lil hinn mill-kontijiet tal-pagamenti definiti fid-Direttiva (UE) 2015/2366. ***Il-kontijiet ta' kreditu koperti minn linja ta' kreditu li ma jistgħux jintużaw għall-eżekuzzjoni ta' tranżazzjonijiet ta' pagamenti lil partijiet terzi jenħtieġ li jkunu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Għalhekk, jenħtieġ li jinftiehem li*** dan ir-Regolament ***ikopri l-aċċess għad-dettalji*** dwar il-bilanċ, il-kundizzjonijiet jew it-tranżazzjonijiet relatati ***mal-ftehimiet ta' kreditu ipotekarju, mas-self u*** mal-kontijiet ***ta' tfaddil, kif ukoll mat-tipi ta' kontijiet li ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva (UE) 2015/2366[11]***.	tfaddil tagħhom abbażi ta' data dwar il-kreditu. Jenħtieġ li dan ir-Regolament ikopri d-data tal-klijenti lil hinn mill-kontijiet tal-pagamenti definiti fid-Direttiva (UE) 2015/2366[11]. Dan ir-Regolament ***jenħtieġ li ma jkoprix data dwar id-dettalji*** dwar il-bilanċ, il-kundizzjonijiet jew it-tranżazzjonijiet relatati mal-kontijiet ***li jistgħu jintużaw għall-eżekuzzjoni ta' tranżazzjonijiet ta' pagamenti lill-parti terza u mingħandha u li huma koperti mir-Regolament (UE) [XXXX/XXXX] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill1[1a] (PSR/PSD3)***.
[11] Id-Direttiva (UE) 2015/2366 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar is-servizzi ta' pagament fis-suq intern, li temenda d-Direttivi 2002/65/KE, 2009/110/KE u 2013/36/UE u r-Regolament (UE) Nru 1093/2010, u li tħassar id-Direttiva 2007/64/KE (ĠU L 337, 23.12.2015, p. 35).	[11] Id-Direttiva (UE) 2015/2366 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar is-servizzi ta' pagament fis-suq intern, li temenda d-Direttivi 2002/65/KE, 2009/110/KE u 2013/36/UE u r-Regolament (UE) Nru 1093/2010, u li tħassar id-Direttiva 2007/64/KE (ĠU L 337, 23.12.2015, p. 35). ***[11a] COM(2023)0367.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-kontijiet ta' pagamenti huma regolati skont il-PSD. Iż-żieda tas-suġġeriment għandha l-għan li tiżgura ċ-ċertezza legali billi tiddelinea b'mod aktar espliċitu liema reġim (PSD/FiDA) japplika għal sett ta' data partikolari. It-tħassir issuġġerit għandu l-għan li jindika li tali kontijiet ta' kreditu għandhom ikunu koperti mill-PSD ukoll, li mbagħad jippermetti l-bidu ta' tranżazzjonijiet bejniethom mill-klijent. Il-kopertura tagħhom fil-kamp ta' applikazzjoni tal-FIDA tippermetti biss lill-AIS, u mhux lill-klijenti li jużaw PIS jittrasferixxu flus bejn il-kontijiet tagħhom stess.

Emenda 12

Proposta għal regolament
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) Id-data tal-klijenti inkluża fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li tinkludi informazzjoni ***relatata*** mas-sostenibbiltà li jenħtieġ li tippermetti lill-klijenti jaċċessaw aktar faċilment servizzi finanzjarji li huma allinjati mal-preferenzi ta' sostenibbiltà u mal-ħtiġijiet ta' finanzi sostenibbli tagħhom, f'konformità mal-istrateġija tal-Kummissjoni għall-finanzjament tat-tranżizzjoni lejn ekonomija sostenibbli[12]. L-aċċess għal data relatata mas-sostenibbiltà li tista' tkun inkluża fid-dettalji tal-bilanċ jew tat-tranżazzjoni relatati ma' kont ta' ipoteka, ta' kreditu, ta' self u ta' tfaddil, kif ukoll l-aċċess għal data tal-klijenti relatata mas-sostenibbiltà miżmuma mid-ditti ta' investiment, jistgħu jikkontribwixxu biex jiffaċilitaw l-aċċess għad-data meħtieġa għall-aċċess għal finanzi sostenibbli jew jagħmlu investimenti fit-tranżizzjoni ekoloġika. Barra minn hekk, jenħtieġ li d-data tal-klijenti fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament tinkludi data li tifforma parti minn valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja relatata mad-ditti, inklużi intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, u li tista' tipprovdi għarfien akbar dwar l-objettivi ta' sostenibbiltà ta' ditti żgħar. L-inklużjoni tad-data użata għall-valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja relatata mad-ditti jenħtieġ li ttejjeb l-aċċess għall-finanzjament u tissimplifika l-applikazzjoni għas-self. Jenħtieġ li tali data tkun limitata għal data dwar id-ditti u jenħtieġ li ma tiksirx id-drittijiet tal-proprjetà intellettwali.	(13) Id-data tal-klijenti inkluża fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li tinkludi informazzjoni ***disponibbli dwar il-preferenzi relatati*** mas-sostenibbiltà li jenħtieġ li tippermetti lill-klijenti jaċċessaw aktar faċilment servizzi finanzjarji li huma allinjati mal-preferenzi ta' sostenibbiltà u mal-ħtiġijiet ta' finanzi sostenibbli tagħhom, f'konformità mal-istrateġija tal-Kummissjoni għall-finanzjament tat-tranżizzjoni lejn ekonomija sostenibbli[12]. L-aċċess għal data relatata mas-sostenibbiltà li tista' tkun inkluża fid-dettalji tal-bilanċ jew tat-tranżazzjoni relatati ma' kont ta' ipoteka, ta' kreditu, ta' self u ta' tfaddil, ***prodotti ta' investiment ibbażati fuq l-assigurazzjoni,*** kif ukoll l-aċċess għal data tal-klijenti relatata mas-sostenibbiltà miżmuma mid-ditti ta' investiment***, bħall-preferenzi inizjali ta' sostenibbiltà ta' klijent***, jistgħu jikkontribwixxu biex jiffaċilitaw l-aċċess għad-data meħtieġa għall-aċċess għal finanzi sostenibbli jew jagħmlu investimenti fit-tranżizzjoni ekoloġika. Barra minn hekk, jenħtieġ li d-data tal-klijenti fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament tinkludi data li tifforma parti minn valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja relatata mad-ditti, inklużi intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, u li tista' tipprovdi għarfien akbar dwar l-objettivi ta' sostenibbiltà ta' ditti żgħar. L-inklużjoni tad-data użata għall-valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja relatata mad-ditti jenħtieġ li ttejjeb l-aċċess għall-finanzjament u tissimplifika l-applikazzjoni għas-self. Jenħtieġ li tali data tkun limitata għal data dwar id-ditti u jenħtieġ li ma tiksirx id-drittijiet tal-proprjetà intellettwali. ***Il-preferenzi ta' sostenibbiltà jenħtieġ li jinkludu***

preferenzi ta' sostenibbiltà ta' klijent miġbura minn intermedjarji tal-assigurazzjoni li jqassmu prodotti ta' investiment ibbażati fuq l-assigurazzjoni kif definit fl-Artikolu 2(4) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/1257[12a], u preferenzi ta' sostenibbiltà miġbura minn ditti tal-investiment kif definit fl-Artikolu 2(7) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/565[12b].

---

[12] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Strateġija għall-Finanzjament tat-Tranżizzjoni lejn Ekonomija Sostenibbli, COM/2021/390 final.

---

[12] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Strateġija għall-Finanzjament tat-Tranżizzjoni lejn Ekonomija Sostenibbli, COM/2021/390 final.

[12a] Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/1257 tal-21 ta' April 2021 li jemenda r-Regolamenti Delegati (UE) 2017/2358 u (UE) 2017/2359 fir-rigward tal-integrazzjoni tal-fatturi ta' sostenibbiltà, tar-riskji għas-sostenibbiltà u tal-preferenzi ta' sostenibbiltà fir-rekwiżiti ta' sorveljanza u ta' governanza tal-prodotti għall-impriżi tal-assigurazzjoni u għad-distributuri tal-assigurazzjoni u fir-regoli tal-kondotta tan-negozju u l-konsulenza dwar l-investiment għall-prodotti ta' investiment fl-assigurazzjoni (ĠU L 277, 2.8.2021, p. 18).

[12b] Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/565 tal-25 ta' April 2016 li jissupplimenta d-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward rekwiżiti organizzazzjonali u kundizzjonijiet għall-operat għal ditti tal-investiment u termini definiti għall-finijiet ta' dik id-Direttiva (ĠU L 87, 31.3.2017, p. 1).

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huwa ssuġġerit li ma' din il-lista jiżdiedu prodotti ta' investiment ibbażati fuq l-assigurazzjoni peress li huma fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 2(1)(b). Barra minn hekk, il-preferenzi ta' sostenibbiltà jistgħu jkunu każ ta' użu potenzjalment promettenti tal-FiDA. Billi l-preferenzi ta' sostenibbiltà huma definiti f'żewġ Regolamenti Delegati li huma speċifiċi għall-prodott (MiFID u IBIPs), huwa ssuġġerit li f'din il-premessa ssir referenza għal dawk ir-Regolamenti Delegati.

Emenda 13

Proposta għal regolament
Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) Id-data tal-klijenti relatata mal-forniment ta' assigurazzjoni mhux tal-ħajja hija essenzjali biex ikunu possibbli prodotti u servizzi tal-assigurazzjoni importanti għall-ħtiġijiet ta' klijent, bħall-protezzjoni ta' djar, vetturi u proprjetà oħra. Fl-istess ħin, il-ġbir ta' tali data spiss ikun ta' piż u jiswa ħafna flus u jista' jaġixxi bħala deterrent kontra t-tfittxija tal-aħjar kopertura tal-assigurazzjoni mill-klijenti. Sabiex tiġi indirizzata din il-problema, huwa għalhekk meħtieġ li tali servizzi finanzjarji jiġu inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Jenħtieġ li d-data tal-klijenti dwar il-prodotti tal-assigurazzjoni fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament tinkludi kemm informazzjoni dwar il-prodott tal-assigurazzjoni, bħad-dettall dwar kopertura tal-assigurazzjoni, kif ukoll data speċifika għall-assi assigurati tal-konsumaturi li jinġabru għall-finijiet ta' test tad-domandi u tal-ħtiġijiet. Jenħtieġ li ***l-kondiviżjoni ta'*** tali data ***tippermetti*** l-iżvilupp ta' għodod personalizzati għall-klijenti, bħal dashboards tal-assigurazzjoni li jistgħu jgħinu lill-konsumaturi jiġġestixxu aħjar ir-riskji tagħhom. Dan jista' jgħin ukoll lill-klijenti jiksbu prodotti li huma mmirati aħjar għad-domandi u l-ħtiġijiet tagħhom, inkluż permezz ta' pariri	(14) Id-data tal-klijenti relatata mal-forniment ta' assigurazzjoni mhux tal-ħajja hija essenzjali biex ikunu possibbli prodotti u servizzi tal-assigurazzjoni importanti għall-ħtiġijiet ta' klijent, bħall-protezzjoni ta' djar, vetturi u proprjetà oħra. Fl-istess ħin, il-ġbir ta' tali data spiss ikun ta' piż u jiswa ħafna flus u jista' jaġixxi bħala deterrent kontra t-tfittxija tal-aħjar kopertura tal-assigurazzjoni mill-klijenti. Sabiex tiġi indirizzata din il-problema, huwa għalhekk meħtieġ li tali servizzi finanzjarji jiġu inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Jenħtieġ li d-data tal-klijenti dwar il-prodotti tal-assigurazzjoni fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament tinkludi kemm informazzjoni dwar il-prodott tal-assigurazzjoni, bħad-dettall dwar kopertura tal-assigurazzjoni, kif ukoll data speċifika għall-assi assigurati tal-konsumaturi li jinġabru għall-finijiet ta' test tad-domandi u tal-ħtiġijiet. Jenħtieġ li ***l-aċċess għal*** tali data ***u l-użu mill-ġdid tagħha jippermettu*** l-iżvilupp ta' għodod personalizzati għall-klijenti, bħal dashboards tal-assigurazzjoni li jistgħu jgħinu lill-konsumaturi jiġġestixxu aħjar ir-riskji tagħhom. Dan jista' jgħin ukoll lill-klijenti jiksbu prodotti li huma mmirati aħjar għad-domandi u l-ħtiġijiet tagħhom,

aktar siewja. Dan jista' jikkontribwixxi għal kopertura tal-assigurazzjoni aktar ottimali għall-klijenti u żieda fl-inklużjoni finanzjarja ta' konsumaturi li altrimenti ma jkunux moqdija biżżejjed, billi joffri kopertura ġdida jew miżjuda. Barra minn hekk, ***il-kondiviżjoni*** tad-data tal-assigurazzjoni ***tista' tkun*** ta' benefiċċju għal provvista aktar effiċjenti ta' assigurazzjoni, inkluż, b'mod partikolari, fl-istadji tad-disinn tal-prodotti, is-sottoskrizzjoni, l-eżekuzzjoni tal-kuntratti, inklużi l-ġestjoni tal-pretensjonijiet u l-mitigazzjoni tar-riskju.

inkluż permezz ta' pariri aktar siewja. Dan jista' jikkontribwixxi għal kopertura tal-assigurazzjoni aktar ottimali għall-klijenti u żieda fl-inklużjoni finanzjarja ta' konsumaturi li altrimenti ma jkunux moqdija biżżejjed, billi joffri kopertura ġdida jew miżjuda. Barra minn hekk, ***il-ftuħ u l-użu mill-ġdid*** tad-data tal-assigurazzjoni ***jistgħu jkunu*** ta' benefiċċju għal provvista aktar effiċjenti ta' assigurazzjoni, inkluż, b'mod partikolari, fl-istadji tad-disinn tal-prodotti, is-sottoskrizzjoni, l-eżekuzzjoni tal-kuntratti, inklużi l-ġestjoni tal-pretensjonijiet u l-mitigazzjoni tar-riskju.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huwa ssuġġerit li jintuża lingwaġġ li jiffoka b'mod aktar ċar fuq l-istabbiliment ta' drittijiet tal-aċċess għad-data għall-konsumaturi u l-klijenti kummerċjali. Il-FiDA għandu l-ewwel u qabel kollox jippermetti lill-klijenti jieħdu kontroll fuq id-data tagħhom sabiex ikunu jistgħu jaċċessawha u jerġgħu jużawha kif jidhrilhom xieraq.

Emenda 14

Proposta għal regolament
Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(15) ***Il-kondiviżjoni tad-data*** dwar it-tfaddil tal-pensjonijiet okkupazzjonali u personali għandha potenzjal innovattiv qawwi għall-konsumaturi. Dawk li jfaddlu għall-pensjoni spiss ma jkollhomx biżżejjed għarfien dwar id-drittijiet tal-pensjoni tagħhom, li huwa relatat mal-fatt li d-data dwar tali drittijiet spiss tkun imxerrda bejn detenturi tad-data differenti. ***Il-kondiviżjoni tad-data*** relatata mat-tfaddil tal-pensjonijiet okkupazzjonali u personali jenħtieġ li ***tikkontribwixxi*** għall-iżvilupp ta' għodod ta' traċċar tal-pensjonijiet li jipprovdu lil dawk li jfaddlu b'ħarsa ġenerali komprensiva lejn l-	(15) ***L-aċċess għad-data*** dwar it-tfaddil tal-pensjonijiet okkupazzjonali u personali għandha potenzjal innovattiv qawwi għall-konsumaturi ***li huma membri attwali jew benefiċjarji tal-iskemi tal-pensjonijiet okkupazzjonali***. Dawk li jfaddlu għall-pensjoni spiss ma jkollhomx biżżejjed għarfien dwar id-drittijiet tal-pensjoni tagħhom, li huwa relatat mal-fatt li d-data dwar tali drittijiet spiss tkun imxerrda bejn detenturi tad-data differenti. ***L-aċċess għal data*** relatata mat-tfaddil tal-pensjonijiet okkupazzjonali u personali***, u l-użu mill-ġdid tagħha,*** jenħtieġ li ***jikkontribwixxu*** għall-iżvilupp ta' għodod ta' traċċar tal-

intitolamenti tagħhom u l-introjtu tal-irtirar kemm fi ħdan Stati Membri speċifiċi kif ukoll b'mod transfruntier fl-Unjoni. Id-data dwar id-drittijiet tal-pensjoni tikkonċerna b'mod partikolari l-intitolamenti tal-pensjoni akkumulati, il-livelli pproġettati ta' benefiċċji tal-irtirar, ir-riskji u l-garanziji tal-membri u l-benefiċjarji tal-iskemi tal-pensjonijiet okkupazzjonali. L-aċċess għad-data relatata mal-pensjonijiet okkupazzjonali huwa mingħajr preġudizzju għal-liġi soċjali u tax-xogħol nazzjonali dwar l-organizzazzjoni tas-sistemi tal-pensjonijiet, inkluża s-sħubija fi skemi u l-eżiti ta' ftehimiet ta' negozjar kollettiv.	pensjonijiet li jipprovdu lil dawk li jfaddlu b'ħarsa ġenerali komprensiva lejn l-intitolamenti tagħhom u l-introjtu tal-irtirar kemm fi ħdan Stati Membri speċifiċi kif ukoll b'mod transfruntier fl-Unjoni. Id-data dwar id-drittijiet tal-pensjoni tikkonċerna b'mod partikolari l-intitolamenti tal-pensjoni akkumulati, il-livelli pproġettati ta' benefiċċji tal-irtirar, ir-riskji u l-garanziji tal-membri u l-benefiċjarji tal-iskemi tal-pensjonijiet okkupazzjonali. L-aċċess għad-data relatata mal-pensjonijiet okkupazzjonali huwa mingħajr preġudizzju għal-liġi soċjali u tax-xogħol nazzjonali dwar l-organizzazzjoni tas-sistemi tal-pensjonijiet, inkluża s-sħubija fi skemi u l-eżiti ta' ftehimiet ta' negozjar kollettiv***, u jenħtieġ li jqis il-limitazzjonijiet fid-dikjarazzjoni tal-pagi u ċ-ċikliċità tal-ħin tal-ipproċessar tal-amministrazzjoni tal-pensjoni. Biex jiġu evitati kostijiet ta' ġestjoni tad-data duplikati, id-detenturi tad-data li jikkontribwixxu għal skemi nazzjonali eżistenti ta' traċċar tal-pensjonijiet jenħtieġ li jitħallew jużaw interfaċċi tekniċi eżistenti u standards komuni li diġà ġew żviluppati bħala parti minn dawn l-iskemi sabiex jissodisfaw l-obbligi skont dan ir-Regolament.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-pensjonijiet tas-superstiti jipprovdu pensjoni lill-membri tal-familja ta' membri deċeduti tal-fond tal-pensjoni. Huwa ċċarat li l-membri "attwali" biss ta' fondi tal-pensjoni għandhom jitqiesu bħala konsumaturi fil-qafas tal-FiDA. Barra minn hekk, id-data tal-pensjoni tiddependi mill-katina tad-dikjarazzjoni tal-pagi, li tinvolvi lill-impjegaturi, il-fondi tal-pensjoni u l-awtoritajiet tat-taxxa. Tali data ma tistax tiġi aġġornata kontinwament u f'ħin reali. Fl-aħħar nett, huwa ssuġġerit li tiġi evitata duplikazzjoni bla bżonn ta' servizzi eżistenti ta' traċċar tal-pensjonijiet.

Emenda 15

Proposta għal regolament
Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) Minħabba li dan ir-Regolament huwa maħsub biex jobbliga lill-istituzzjonijiet finanzjarji jipprovdu aċċess għal kategoriji definiti ta' data fuq talba tal-klijent meta jaġixxu bħala detenturi tad-data, u jippermetti ***l-kondiviżjoni ta'*** data bbażata fuq il-permess tal-klijent meta l-istituzzjonijiet finanzjarji jaġixxu bħala utenti tad-data, jenħtieġ li jipprovdi lista tal-istituzzjonijiet finanzjarji li jistgħu jaġixxu bħala detentur tad-data, utent tad-data jew it-tnejn. Għalhekk, jenħtieġ li l-istituzzjonijiet finanzjarji jinftiehmu bħala li jfissru dawk l-entitajiet li jipprovdu prodotti finanzjarji u servizzi finanzjarji jew li joffru servizzi ta' informazzjoni rilevanti lill-klijenti fis-settur finanzjarju.	(17) Minħabba li dan ir-Regolament huwa maħsub biex jobbliga lill-istituzzjonijiet finanzjarji jipprovdu aċċess għal kategoriji definiti ta' data fuq talba ***espressa*** tal-klijent meta jaġixxu bħala detenturi tad-data, u jippermetti ***l-aċċess għal*** data bbażata fuq il-permess ***espliċitu*** tal-klijent***, u l-użu mill-ġdid tagħha,*** meta l-istituzzjonijiet finanzjarji jaġixxu bħala utenti tad-data, jenħtieġ li jipprovdi lista tal-istituzzjonijiet finanzjarji li jistgħu jaġixxu bħala detentur tad-data, utent tad-data jew it-tnejn. Għalhekk, jenħtieġ li l-istituzzjonijiet finanzjarji jinftiehmu bħala li jfissru dawk l-entitajiet li jipprovdu prodotti finanzjarji u servizzi finanzjarji jew li joffru servizzi ta' informazzjoni rilevanti lill-klijenti fis-settur finanzjarju. ***Utent tad-data jenħtieġ li jkun jista' jirċievi kwalunkwe kategorija ta' data tal-klijenti elenkata fl-Artikolu 2(1) ta' dan ir-Regolament u ma jsirx detentur tad-data bis-saħħa tal-aċċess jew b'xi mod ieħor li jirċievi data tal-klijenti mingħand detentur tad-data.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huwa ssuġġerit li jiġu delineati b'mod aktar ċar ir-rwoli u r-responsabbiltajiet tad-detentur tad-data u l-utent tad-data billi jiġi ddikjarat b'mod espliċitu li utent tad-data ma jsirx detentur tad-data bis-saħħa tal-aċċess għad-data tal-klijenti, peress li dan joħloq katina illimitata u jista' potenzjalment iwassal għal tixrid massiv u mhux ikkontrollat tad-data tal-FIDA.

Emenda 16

Proposta għal regolament
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) Il-prattiki użati mill-utenti tad-data	(18) Il-prattiki użati mill-utenti tad-data

biex jikkombinaw sorsi ta’ data ġodda u tradizzjonali tal-klijenti fil-kamp ta’ applikazzjoni ta’ dan ir-Regolament iridu jkunu proporzjonati biex jiżguraw li ma jwasslux għal riskji ta’ esklużjoni finanzjarja għall-konsumaturi. Il-prattiki li jwasslu għal analiżi aktar sofistikata jew komprensiva ta’ ċerti segmenti vulnerabbli ta’ konsumaturi, bħal persuni b’introjtu baxx, jistgħu jżidu r-riskju ta’ kundizzjonijiet inġusti jew prattiki ta’ pprezzar differenzjali bħall-impożizzjoni ta’ primjums differenzjali. Il-potenzjal għall-esklużjoni jiżdied fil-forniment ta’ prodotti u servizzi li jiġu pprezzati skont il-profil ta’ konsumatur, notevolment fis-sistema ta’ evalwazzjoni ta’ kreditu u l-valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja ta’ persuni fiżiċi, kif ukoll għal prodotti u servizzi relatati mal-valutazzjoni tar-riskju u l-ipprezzar ta’ persuni fiżiċi fil-każ ta’ assigurazzjoni tal-ħajja u tas-saħħa. Minħabba r-riskji, jenħtieġ li l-użu tad-data għal dawn il-prodotti u s-servizzi jkun soġġett għal rekwiżiti speċifiċi biex jiġu protetti l-konsumaturi u d-drittijiet fundamentali tagħhom.	biex jikkombinaw sorsi ta’ data ġodda u tradizzjonali tal-klijenti fil-kamp ta’ applikazzjoni ta’ dan ir-Regolament iridu jkunu ***fl-aħjar interess tal-klijent u*** proporzjonati biex jiżguraw li ma jwasslux għal riskji ta’ esklużjoni finanzjarja għall-konsumaturi. Il-prattiki li jwasslu għal analiżi aktar sofistikata jew komprensiva ta’ ċerti segmenti vulnerabbli ta’ konsumaturi, bħal persuni b’introjtu baxx, jistgħu jżidu r-riskju ta’ kundizzjonijiet inġusti jew prattiki ta’ pprezzar differenzjali bħall-impożizzjoni ta’ primjums differenzjali. Il-potenzjal għall-esklużjoni jiżdied fil-forniment ta’ prodotti u servizzi li jiġu pprezzati skont il-profil ta’ konsumatur, notevolment fis-sistema ta’ evalwazzjoni ta’ kreditu u l-valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja ta’ persuni fiżiċi, kif ukoll għal prodotti u servizzi relatati mal-valutazzjoni tar-riskju u l-ipprezzar ta’ persuni fiżiċi fil-każ ta’ assigurazzjoni tal-ħajja u tas-saħħa. Minħabba r-riskji, jenħtieġ li l-użu ***u l-użu mill-ġdid*** tad-data għal dawn il-prodotti u s-servizzi jkun soġġett għal rekwiżiti speċifiċi biex jiġu protetti l-konsumaturi u d-drittijiet fundamentali tagħhom.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-użu tad-data għandu dejjem ikun fl-aħjar interess tal-klijent.

Emenda 17

Proposta għal regolament
Premessa 21

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(21) Il-klijenti jrid ikollhom kontroll effettiv fuq id-data tagħhom u fiduċja fil-ġestjoni tal-permessi li jkunu taw f’konformità ma’ dan ir-Regolament. Għalhekk, jenħtieġ li d-detenturi tad-data	(21) Il-klijenti jrid ikollhom kontroll effettiv fuq id-data tagħhom u fiduċja fil-ġestjoni tal-permessi li jkunu taw f’konformità ma’ dan ir-Regolament. Għalhekk, jenħtieġ li d-detenturi tad-data

jkunu meħtieġa jipprovdu lill-klijenti b'dashboards komuni u konsistenti tal-permessi għall-aċċess għad-data finanzjarja. Jenħtieġ li d-dashboard tal-permessi jagħti s-setgħa lill-klijent biex jiġġestixxi l-permessi tiegħu b'mod infurmat u imparzjali u jagħti lill-klijenti miżura qawwija ta' kontroll dwar kif tintuża d-data personali u mhux personali tagħhom. Dan ma jenħtieġx li jkun iddisinjat b'mod li jinkoraġġixxi jew jinfluwenza b'mod mhux xieraq lill-klijent biex jagħti jew jirtira l-permessi. Jenħtieġ li d-dashboard tal-permessi jqis, fejn xieraq, ir-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà skont id-Direttiva (UE) 2019/882 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[14]. Meta jipprovdu dashboard tal-permessi, id-detenturi tad-data jistgħu jużaw servizz fiduċjarju u ta' identifikazzjoni elettronika nnotifikat, bħall-Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali maħruġa minn Stat Membru kif introdotta mill-proposta li temenda r-Regolament (UE) Nru 910/2014 fir-rigward tal-istabbiliment ta' qafas għal Identità Diġitali Ewropea[15]. Id-detenturi tad-data jistgħu jistrieħu wkoll fuq il-forniturі ta' servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data skont ir-Regolament (UE) 2022/868 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[16] biex jipprovdu dashboards tal-permessi li jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament.

jkunu meħtieġa jipprovdu lill-klijenti b'dashboards komuni u konsistenti tal-permessi għall-aċċess għad-data finanzjarja. Jenħtieġ li d-dashboard tal-permessi jagħti s-setgħa lill-klijent biex jiġġestixxi l-permessi tiegħu b'mod infurmat u imparzjali u jagħti lill-klijenti miżura qawwija ta' kontroll dwar kif tintuża d-data personali u mhux personali tagħhom. Dan ma jenħtieġx li jkun iddisinjat b'mod li jinkoraġġixxi jew jinfluwenza b'mod mhux xieraq lill-klijent biex jagħti jew jirtira l-permessi. ***Pereżempju, il-proċedura biex jiġi rtirat permess jenħtieġ li ma ssirx aktar diffiċli mill-proċedura biex jingħata permess għall-aċċess għad-data.*** Jenħtieġ li d-dashboard tal-permessi jqis, fejn xieraq, ir-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà skont id-Direttiva (UE) 2019/882 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[14]. Meta jipprovdu dashboard tal-permessi, id-detenturi tad-data jistgħu jużaw servizz fiduċjarju u ta' identifikazzjoni elettronika nnotifikat, bħall-Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali maħruġa minn Stat Membru kif introdotta mill-proposta li temenda r-Regolament (UE) Nru 910/2014 fir-rigward tal-istabbiliment ta' qafas għal Identità Diġitali Ewropea[15]. Id-detenturi tad-data jistgħu jistrieħu wkoll fuq il-forniturі ta' servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data skont ir-Regolament (UE) 2022/868 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[16] biex jipprovdu dashboards tal-permessi li jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament.

---

[14] Direttiva (UE) 2019/882 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar ir-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà għall-prodotti u għas-servizzi (ĠU L 151, 7.6.2019, p. 70-115).

[15] COM(2021) 281 final, 2021/0136(COD)

[16] Ir-Regolament (UE) 2022/868 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2022 dwar il-governanza Ewropea tad-data u li jemenda r-Regolament (UE)

[14] Direttiva (UE) 2019/882 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar ir-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà għall-prodotti u għas-servizzi (ĠU L 151, 7.6.2019, p. 70-115).

[15] COM(2021) 281 final, 2021/0136(COD)

[16] Ir-Regolament (UE) 2022/868 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2022 dwar il-governanza Ewropea tad-data u li jemenda r-Regolament (UE)

2018/1724 (Att dwar il-Governanza tad-Data) (ĠU L 152, 3.6.2022, p. 1).	2018/1724 (Att dwar il-Governanza tad-Data) (ĠU L 152, 3.6.2022, p. 1).

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-proċedura biex jiġi rtirat permess ma għandhiex tkun aktar ikkumplikata mill-proċedura biex jingħata permess.

Emenda 18

Proposta għal regolament
Premessa 22

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(22) Jenħtieġ li d-dashboard tal-permessi juri l-permessi mogħtija minn klijent, inkluż meta d-data personali tiġi ***kondiviża*** abbażi tal-kunsens jew tkun meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta' kuntratt. Jenħtieġ li d-dashboard tal-permessi jwissi lil klijent b'mod standard dwar ir-riskju ta' konsegwenzi kuntrattwali possibbli tal-irtirar ta' permess, iżda jenħtieġ li l-klijent jibqa' responsabbli għall-ġestjoni ta' tali riskju. Jenħtieġ li d-dashboard tal-permessi jintuża biex jiġu ġestiti l-permessi eżistenti. Jenħtieġ li d-detenturi tad-data jinfurmaw lill-utenti tad-data f'ħin reali bi kwalunkwe rtirar ta' permess. Jenħtieġ li d-dashboard tal-permessi jinkludi rekord ta' permessi li jkunu ġew irtirati jew li jkunu skadew għal perjodu sa sentejn biex il-klijent ikun jista' jżomm rekord tal-permessi tiegħu b'mod infurmat u imparzjali. Jenħtieġ li l-utenti tad-data jinfurmaw lid-detenturi tad-data f'ħin reali dwar permessi ġodda u stabbiliti mill-ġdid mogħtija mill-klijenti, inklużi d-durata tal-validità tal-permess u sommarju qasir tal-iskop tal-permess. L-informazzjoni pprovduta fuq id-dashboard tal-permessi hija mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti ***ta' informazzjoni*** skont ir-Regolament (UE) 2016/679.	(22) Jenħtieġ li d-dashboard tal-permessi juri l-permessi mogħtija minn klijent, inkluż meta d-data personali tiġi ***aċċessata*** abbażi tal-kunsens jew tkun meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta' kuntratt. Jenħtieġ li d-dashboard tal-permessi jwissi lil klijent b'mod standard dwar ir-riskju ta' konsegwenzi kuntrattwali possibbli tal-irtirar ta' permess, iżda jenħtieġ li l-klijent jibqa' responsabbli għall-ġestjoni ta' tali riskju. Jenħtieġ li d-dashboard tal-permessi jintuża biex jiġu ġestiti l-permessi eżistenti. Jenħtieġ li d-detenturi tad-data jinfurmaw lill-utenti tad-data f'ħin reali bi kwalunkwe rtirar ta' permess. ***Meta permess jiġi stabbilit mill-ġdid, jenħtieġ li d-detenturi tad-data jinfurmaw lill-klijenti, jew jippermettu lill-utenti tad-data jinfurmaw lill-klijenti, bit-termini u l-kundizzjonijiet applikabbli f'dak iż-żmien.*** Jenħtieġ li d-dashboard tal-permessi jinkludi rekord ta' permessi li jkunu ġew irtirati jew li jkunu skadew għal perjodu sa sentejn biex il-klijent ikun jista' jżomm rekord tal-permessi tiegħu b'mod infurmat u imparzjali. Jenħtieġ li l-utenti tad-data jinfurmaw lid-detenturi tad-data f'ħin reali dwar permessi ġodda u stabbiliti mill-ġdid mogħtija mill-klijenti, inklużi d-durata tal-validità tal-permess u sommarju qasir tal-

	iskop tal-permess. L-informazzjoni pprovduta fuq id-dashboard tal-permessi hija mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti skont ir-Regolament (UE) 2016/679***, b'mod partikolari r-rekwiżit ta' informazzjoni***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-permess ipprovdut minn klijent joħloq relazzjoni legali bejn utent tad-data u l-klijent, li hija soġġetta għat-termini miftiehma bejn l-utent tad-data u l-klijent fiż-żmien tal-permess. Klijent għandu jiġi infurmat bit-termini applikabbli anke meta permess jerġa' jiġi stabbilit. Barra minn hekk, għandhom jitqiesu r-rekwiżiti kollha tal-GDPR.

Emenda 19

Proposta għal regolament
Premessa 24

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(24) Dan ir-Regolament jintroduċi obbligu legali ġdid fuq l-istituzzjonijiet finanzjarji ***li*** jaġixxu bħala detenturi tad-data biex ***jikkondividu*** kategoriji definiti ta' data ***fuq talba tal-klijent***. L-obbligu fuq id-detenturi tad-data biex ***jikkondividu d-data*** fuq talba tal-klijent jenħtieġ li jiġi speċifikat billi jsiru disponibbli standards rikonoxxuti b'mod ġenerali biex jiġi żgurat ukoll li d-data ***kondiviża*** tkun ta' kwalità għolja biżżejjed. Jenħtieġ li d-detentur tad-data jagħmel id-data tal-klijenti disponibbli ***kontinwament*** għall-finijiet u taħt il-kundizzjonijiet li għalihom il-klijent ikun ta permess lil utent tad-data. L-aċċess kontinwu jista' jikkonsisti f'talbiet multipli biex id-data tal-klijenti tkun disponibbli biex jitwettaq is-servizz miftiehem mal-klijent. Dan jista' jikkonsisti wkoll f'aċċess ta' darba għad-data tal-klijenti. Filwaqt li d-detentur tad-data huwa responsabbli sabiex l-interfaċċa tkun disponibbli u tkun ta' kwalità adegwata, l-interfaċċa tista' tiġi pprovduta mhux biss mid-detentur tad-	(24) Dan ir-Regolament jintroduċi obbligu legali ġdid fuq l-istituzzjonijiet finanzjarji***, meta l-membri ta' skema ta' aċċess għad-data finanzjarja jkunu qed*** jaġixxu bħala detenturi tad-data biex ***jipprovdu aċċess għal*** kategoriji definiti ta' data ***lill-utenti tad-data li huma disponibbli f'forma diġitali***. L-obbligu fuq id-detenturi tad-data biex ***jipprovdu aċċess għad-data*** fuq talba ***espressa*** tal-klijent jenħtieġ li jiġi speċifikat billi jsiru disponibbli standards rikonoxxuti b'mod ġenerali biex jiġi żgurat ukoll li d-data ***aċċessata*** tkun ta' kwalità għolja biżżejjed. Jenħtieġ li d-detentur tad-data jagħmel id-data tal-klijenti disponibbli ***biss*** għall-finijiet u taħt il-kundizzjonijiet li għalihom il-klijent ikun ta permess ***espliċitament*** lil utent tad-data ***għal servizz speċifiku li huwa identifikat b'mod ċar mill-klijent, meta rilevanti u teknikament fattibbli, fuq bażi kontinwa u f'ħin reali***. L-aċċess kontinwu jista' jikkonsisti f'talbiet multipli biex id-data tal-klijenti tkun disponibbli

data, iżda wkoll minn istituzzjoni finanzjarja oħra, fornitur estern tal-IT, assoċjazzjoni tal-industrija jew grupp ta' istituzzjonijiet finanzjarji, jew minn korp pubbliku fi Stat Membru. Għall-istituzzjonijiet ta' rtirar okkupazzjonali, l-interfaċċa tista' tiġi integrata fid-dashboards tal-pensjoni li jkopru firxa usa' ta' informazzjoni, sakemm tikkonforma mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament.

biex jitwettaq is-servizz miftiehem mal-klijent. Dan jista' jikkonsisti wkoll f'aċċess ta' darba għad-data tal-klijenti. Filwaqt li d-detentur tad-data huwa responsabbli sabiex l-interfaċċa tkun disponibbli u tkun ta' kwalità adegwata, l-interfaċċa tista' tiġi pprovduta mhux biss mid-detentur tad-data, iżda wkoll minn istituzzjoni finanzjarja oħra, fornitur estern tal-IT, assoċjazzjoni tal-industrija jew grupp ta' istituzzjonijiet finanzjarji, jew minn korp pubbliku fi Stat Membru. Għall-istituzzjonijiet ta' rtirar okkupazzjonali, l-interfaċċa tista' tiġi integrata fid-dashboards tal-pensjoni ***jew servizzi eżistenti ta' traċċar tal-pensjonijiet*** li jkopru firxa usa' ta' informazzjoni, sakemm tikkonforma mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-klijenti għandhom jagħtu permess espliċitu biex jagħtu aċċess għad-data tagħhom. Barra minn hekk, id-data għandha tkun disponibbli f'forma diġitali. Fl-aħħar nett, huwa ssuġġerit li tiġi evitata duplikazzjoni bla bżonn ta' servizzi eżistenti ta' traċċar tal-pensjonijiet.

Emenda 20

Proposta għal regolament
Premessa 25

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(25) Sabiex tkun tista' ssir l-interazzjoni kuntrattwali u teknika meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-aċċess għad-data bejn istituzzjonijiet finanzjarji multipli, jenħtieġ li d-detenturi tad-data u l-utenti tad-data jkunu meħtieġa li jkunu parti minn skemi ta' ***kondiviżjoni tad-data*** finanzjarja. Jenħtieġ li dawn l-iskemi jiżviluppaw standards tad-data u tal-interfaċċa, oqfsa kuntrattwali standardizzati konġunti li jirregolaw l-aċċess għal settijiet ta' data speċifiċi, u regoli ta' governanza relatati	(25) Sabiex tkun tista' ssir l-interazzjoni kuntrattwali u teknika meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-aċċess għad-data bejn istituzzjonijiet finanzjarji multipli, jenħtieġ li d-detenturi tad-data u l-utenti tad-data jkunu meħtieġa li jkunu parti minn skemi ta' ***aċċess għad-data*** finanzjarja. Jenħtieġ li dawn l-iskemi jiżviluppaw standards tad-data u tal-interfaċċa, oqfsa kuntrattwali standardizzati konġunti li jirregolaw l-aċċess għal settijiet ta' data speċifiċi, u regoli ta' governanza relatati ***mal-aċċess u***

mal-kondiviżjoni tad-data. Sabiex jiġi żgurat li l-iskemi jiffunzjonaw b'mod effettiv, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti prinċipji ġenerali għall-governanza ta' dawn l-iskemi, inklużi regoli dwar il-governanza inklużiva u l-parteċipazzjoni tad-detenturi tad-data, tal-utenti tad-data u tal-klijenti (biex tiġi żgurata rappreżentanza bilanċjata fl-iskemi), rekwiżiti ta' trasparenza, u proċedura ta' appell u ta' rieżami li tiffunzjona tajjeb (notevolment dwar it-teħid ta' deċiżjonijiet tal-iskemi). L-iskemi ta' ***kondiviżjoni tad-data*** finanzjarja jridu jikkonformaw mar-regoli tal-Unjoni fil-qasam tal-protezzjoni tal-konsumatur u l-protezzjoni tad-data, il-privatezza u l-kompetizzjoni. Il-parteċipanti f'tali skemi huma wkoll imħeġġa li jfasslu kodiċijiet ta' kondotta ***simili għal dawk imħejjija mill-kontrolluri u mill-proċessuri skont l-Artikolu*** 40 tar-Regolament (UE) 2016/679. Filwaqt li tali skemi jistgħu jibnu fuq l-inizjattivi eżistenti tas-suq, jenħtieġ li r-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament ikunu speċifiċi għall-iskemi ta' ***kondiviżjoni tad-data*** finanzjarja jew għal partijiet minnhom li l-parteċipanti fis-suq jużaw biex jissodisfaw l-obbligi tagħhom skont dan ir-Regolament wara d-data tal-applikazzjoni ta' dawn l-obbligi.

l-użu mill-ġdid tad-data. Sabiex jiġi żgurat li l-iskemi jiffunzjonaw b'mod effettiv, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti prinċipji ġenerali għall-governanza ta' dawn l-iskemi, inklużi regoli dwar il-governanza inklużiva u l-parteċipazzjoni tad-detenturi tad-data, tal-utenti tad-data u tal-klijenti (biex tiġi żgurata rappreżentanza bilanċjata fl-iskemi), rekwiżiti ta' trasparenza, u proċedura ta' appell u ta' rieżami li tiffunzjona tajjeb (notevolment dwar it-teħid ta' deċiżjonijiet tal-iskemi). L-iskemi ta' ***aċċess għad-data*** finanzjarja jridu jikkonformaw mar-regoli tal-Unjoni fil-qasam tal-protezzjoni tal-konsumatur u l-protezzjoni tad-data, il-privatezza u l-kompetizzjoni. Il-parteċipanti f'tali skemi huma wkoll imħeġġa li jfasslu kodiċijiet ta' kondotta ***f'konformità mal-Artikolu*** 40 tar-Regolament (UE) 2016/679. Filwaqt li tali skemi jistgħu jibnu fuq l-inizjattivi eżistenti tas-suq, jenħtieġ li r-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament ikunu speċifiċi għall-iskemi ta' ***aċċess għad-data*** finanzjarja jew għal partijiet minnhom li l-parteċipanti fis-suq jużaw biex jissodisfaw l-obbligi tagħhom skont dan ir-Regolament wara d-data tal-applikazzjoni ta' dawn l-obbligi.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-kliem "f'konformità ma" isegwi suġġeriment magħmul mill-EDPS fl-opinjoni tiegħu (punt 47). Il-kjarifika għandha l-għan li ttejjeb iċ-ċarezza u l-konsistenza.

Emenda 21

Proposta għal regolament
Premessa 26

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(26) Jenħtieġ li skema ta' ***kondiviżjoni***	(26) Jenħtieġ li skema ta' ***aċċess għad-***

tad-data finanzjarja tkun tikkonsisti fi ftehim kuntrattwali kollettiv bejn id-detenturi tad-data u l-utenti tad-data bil-għan li tippromwovi l-effiċjenza u l-innovazzjoni teknika ***fil-kondiviżjoni tad-data*** finanzjarja għall-benefiċċju tal-klijenti. F'konformità mar-regoli tal-Unjoni dwar il-kompetizzjoni, jenħtieġ li skema ta' ***kondiviżjoni tad-data*** finanzjarja timponi biss fuq il-membri tagħha restrizzjonijiet li huma meħtieġa biex jintlaħqu l-objettivi tagħha u li huma proporzjonati għal dawk l-objettivi. Ma jenħtieġx li hija tagħti lill-membri tagħha l-possibbiltà li jipprevjenu, jirrestringu jew ifixklu l-kompetizzjoni fir-rigward ta' parti sostanzjali mis-suq rilevanti.	***data*** finanzjarja tkun tikkonsisti fi ftehim kuntrattwali kollettiv bejn id-detenturi tad-data u l-utenti tad-data bil-għan li tippromwovi l-effiċjenza u l-innovazzjoni teknika ***fl-aċċess għad-data*** finanzjarja għall-benefiċċju tal-klijenti. F'konformità mar-regoli tal-Unjoni dwar il-kompetizzjoni, jenħtieġ li skema ta' ***aċċess għad-data*** finanzjarja timponi biss fuq il-membri tagħha restrizzjonijiet li huma meħtieġa biex jintlaħqu l-objettivi tagħha u li huma proporzjonati għal dawk l-objettivi. Ma jenħtieġx li hija tagħti lill-membri tagħha l-possibbiltà li jipprevjenu, jirrestringu jew ifixklu l-kompetizzjoni fir-rigward ta' parti sostanzjali mis-suq rilevanti.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huwa ssuġġerit li jintuża lingwaġġ li jiffoka b'mod aktar ċar fuq l-istabbiliment ta' drittijiet tal-aċċess għad-data għall-konsumaturi u l-klijenti kummerċjali. Il-FiDA għandu l-ewwel u qabel kollox jippermetti lill-klijenti jieħdu kontroll fuq id-data tagħhom sabiex ikunu jistgħu jaċċessawha u jerġgħu jużawha kif jidhrilhom xieraq.

Emenda 22

Proposta għal regolament
Premessa 28

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(28) Jenħtieġ li d-detenturi tad-data u l-utenti tad-data jitħallew jużaw l-istandards eżistenti tas-suq meta jiżviluppaw standards komuni ***għall-kondiviżjoni obbligatorja tad-data***.	(28) Jenħtieġ li d-detenturi tad-data u l-utenti tad-data jitħallew jużaw l-istandards eżistenti tas-suq ***u infrastrutturi għall-interfaċċi tekniċi bħall-interfaċċi tal-ippogrammar tal-applikazzjonijiet*** meta jiżviluppaw standards komuni ***għall-aċċess obbligatorju għad-data***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huwa ssuġġerit li l-industrija tkun tista' tibni fuq infrastrutturi eżistenti għal interfaċċi

tekniċi, peress li dan jista' jkun metodu kosteffiċjenti biex tiġi żgurata tranżizzjoni effiċjenti għall-istituzzjonijiet finanzjarji li jistgħu jkunu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-PSD3 iżda fil-kamp ta' applikazzjoni tal-FiDA.

Emenda 23

Proposta għal regolament
Premessa 29

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(29) Sabiex jiġi żgurat li d-detenturi tad-data jkollhom interess li jipprovdu interfaċċi ta' kwalità għolja biex jagħmlu d-data disponibbli għall-utenti tad-data, jenħtieġ li d-detenturi tad-data jkunu jistgħu jitolbu kumpens raġonevoli mill-utenti tad-data ***biex jistabbilixxu interfaċċi*** għall-ipprogrammar tal-applikazzjonijiet. L-iffaċilitar tal-aċċess għad-data b'kumpens jiżgura distribuzzjoni ġusta tal-kostijiet relatati bejn id-detenturi tad-data u l-utenti tad-data fil-katina tal-valur tad-data. F'każijiet fejn l-utent tad-data jkun SME, jenħtieġ li l-proporzjonalità għal parteċipanti iżgħar fis-suq tiġi żgurata billi l-kumpens jiġi limitat strettament għall-kostijiet imġarrba għall-iffaċilitar tal-aċċess għad-data. Jenħtieġ li l-mudell għad-determinazzjoni tal-livell ta' kumpens jiġi definit bħala parti mill-iskemi ta' ***kondiviżjoni tad-data*** finanzjarja kif previst f'dan ir-Regolament.	(29) Sabiex jiġi żgurat li d-detenturi tad-data jkollhom interess li ***jinvestu u*** jipprovdu interfaċċi ta' kwalità għolja biex jagħmlu d-data disponibbli għall-utenti tad-data***, filwaqt li fl-istess ħin jiġu evitati piżijiet eċċessivi fuq l-aċċess għad-data u l-użu tagħha li ma jibqgħux jagħmlu l-aċċess għad-data kummerċjalment vijabbli***, jenħtieġ li d-detenturi tad-data jkunu jistgħu jitolbu kumpens raġonevoli mill-utenti tad-data ***għall-kostijiet imġarrba biex jipprovdu aċċess għad-data, inklużi l-kostijiet relatati mal-istabbiliment u ż-żamma tal-interfaċċi*** għall-ipprogrammar tal-applikazzjonijiet. L-iffaċilitar tal-aċċess għad-data b'kumpens jiżgura distribuzzjoni ġusta tal-kostijiet relatati bejn id-detenturi tad-data u l-utenti tad-data fil-katina tal-valur tad-data. F'każijiet fejn l-utent tad-data jkun SME, jenħtieġ li l-proporzjonalità għal parteċipanti iżgħar fis-suq tiġi żgurata billi l-kumpens jiġi limitat strettament għall-kostijiet imġarrba għall-iffaċilitar tal-aċċess għad-data***, filwaqt li jiġi żgurat li jkun hemm biżżejjed inċentivi biex titrawwem l-adozzjoni tas-suq u l-kompetizzjoni effettiva***. Jenħtieġ li l-mudell għad-determinazzjoni tal-livell ta' kumpens jiġi definit bħala parti mill-iskemi ta' ***aċċess għad-data*** finanzjarja kif previst f'dan ir-Regolament. ***F'konformità mar-Regolament (UE) [XXXX/XXXX] (Att dwar id-Data), il-Kummissjoni jenħtieġ li tadotta linji gwida dwar il-kalkolu ta' kumpens raġonevoli.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Allinjament aktar mill-qrib mal-Att dwar id-Data (premessa 46).

Emenda 24

Proposta għal regolament
Premessa 30

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(30) Jenħtieġ li l-klijenti jkunu jafu x'inhuma d-drittijiet tagħhom f'każ li jinqalgħu problemi meta tiġi ***kondiviża*** d-data u lil min għandhom javviċinaw biex ifittxu kumpens. Għalhekk, jenħtieġ li l-membri tal-iskema ta' ***kondivižjoni tad-data*** finanzjarja, inklużi d-detenturi tad-data u l-utenti tad-data, ikunu meħtieġa jaqblu dwar ir-responsabbiltà kuntrattwali għall-ksur tad-data, kif ukoll dwar kif isolvu tilwim potenzjali bejn id-detenturi tad-data u l-utenti tad-data dwar ir-responsabbiltà. Jenħtieġ li dawk ir-rekwiżiti jiffokaw fuq l-istabbiliment, bħala parti minn kwalunkwe kuntratt, ta' regoli ta' responsabbiltà, kif ukoll ta' obbligi u drittijiet ċari biex tiġi ddeterminata r-responsabbiltà bejn id-detentur tad-data u l-utent tad-data. Il-kwistjonijiet ta' responsabbiltà relatati mal-konsumaturi bħala suġġetti tad-data jenħtieġ li jkunu bbażati fuq ir-Regolament (UE) 2016/679, notevolment id-dritt għal kumpens u r-responsabbiltà skont l-Artikolu 82 ta' dak ir-Regolament.	(30) Jenħtieġ li l-klijenti jkunu jafu x'inhuma d-drittijiet tagħhom f'każ li jinqalgħu problemi meta tiġi ***aċċessata*** d-data u lil min għandhom javviċinaw biex ifittxu kumpens. Għalhekk, jenħtieġ li l-membri tal-iskema ta' ***aċċess għad-data*** finanzjarja, inklużi d-detenturi tad-data u l-utenti tad-data, ikunu meħtieġa jaqblu dwar ir-responsabbiltà kuntrattwali għall-ksur tad-data***, il-kumpens tal-klijenti meta d-data tintuża ħażin, inkluż meta din tiġi ttrasferita lil parti terza mingħajr il-permess espliċitu tal-klijent***, kif ukoll dwar kif isolvu tilwim potenzjali bejn id-detenturi tad-data u l-utenti tad-data dwar ir-responsabbiltà. Jenħtieġ li dawk ir-rekwiżiti jiffokaw fuq l-istabbiliment, bħala parti minn kwalunkwe kuntratt, ta' regoli ta' responsabbiltà, kif ukoll ta' obbligi u drittijiet ċari biex tiġi ddeterminata r-responsabbiltà bejn id-detentur tad-data u l-utent tad-data. Il-kwistjonijiet ta' responsabbiltà relatati mal-konsumaturi bħala suġġetti tad-data jenħtieġ li jkunu bbażati fuq ir-Regolament (UE) 2016/679, notevolment id-dritt għal kumpens u r-responsabbiltà skont l-Artikolu 82 ta' dak ir-Regolament.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-iskemi ta' aċċess għad-data finanzjarja għandhom jipprovdu kumpens lill-klijenti f'każ ta'

użu ħażin tad-data tal-klijenti.

Emenda 25

Proposta għal regolament
Premessa 32

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(32) Jenħtieġ li l-utenti tad-data fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament ikunu soġġetti għar-rekwiżiti tar-Regolament (UE) 2022/2554 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[18] u, għalhekk, ikunu obbligati li jkollhom standards b'saħħithom ta' reżiljenza ċibernetika fis-seħħ biex iwettqu l-attivitajiet tagħhom. Dan jinkludi li jkun hemm kapaċitajiet komprensivi li jippermettu ġestjoni b'saħħitha u effettiva tar-riskju ***tal-ICT***, kif ukoll mekkaniżmi u politiki speċifiċi għall-immaniġġar tal-inċidenti kollha relatati mal-ICT u għar-rapportar ta' inċidenti kbar relatati mal-ICT. Jenħtieġ li l-utenti tad-data awtorizzati u ssorveljati bħala fornituri ta' servizzi ta' informazzjoni finanzjarja skont dan ir-Regolament isegwu l-istess approċċ u l-istess regoli bbażati fuq il-prinċipji meta jindirizzaw ir-riskji tal-ICT, filwaqt li jqisu d-daqs u l-profil tar-riskju ġenerali tagħhom, u n-natura, l-iskala u l-kumplessità tas-servizzi, l-attivitajiet u l-operazzjonijiet tagħhom. Għalhekk, jenħtieġ li l-fornituri ta' servizzi ta' informazzjoni finanzjarja jiġu inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2022/2554.	(32) Jenħtieġ li l-utenti tad-data fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament ikunu soġġetti għar-rekwiżiti tar-Regolament (UE) 2022/2554 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[18] u, għalhekk, ikunu obbligati li jkollhom standards b'saħħithom ta' reżiljenza ċibernetika fis-seħħ biex iwettqu l-attivitajiet tagħhom. Dan jinkludi li jkun hemm kapaċitajiet komprensivi li jippermettu ġestjoni b'saħħitha u effettiva tar-riskju ***tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT)***, kif ukoll mekkaniżmi u politiki speċifiċi għall-immaniġġar tal-inċidenti kollha relatati mal-ICT u għar-rapportar ta' inċidenti kbar relatati mal-ICT. Jenħtieġ li l-utenti tad-data awtorizzati u ssorveljati bħala fornituri ta' servizzi ta' informazzjoni finanzjarja skont dan ir-Regolament isegwu l-istess approċċ u l-istess regoli bbażati fuq il-prinċipji meta jindirizzaw ir-riskji tal-ICT, filwaqt li jqisu d-daqs u l-profil tar-riskju ġenerali tagħhom, u n-natura, l-iskala u l-kumplessità tas-servizzi, l-attivitajiet u l-operazzjonijiet tagħhom. Għalhekk, jenħtieġ li l-fornituri ta' servizzi ta' informazzjoni finanzjarja jiġu inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2022/2554.
[18] Ir-Regolament (UE) 2022/2554 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 dwar ir-reżiljenza operazzjonali diġitali għas-settur finanzjarju u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1060/2009, (UE) Nru 648/2012,	[18] Ir-Regolament (UE) 2022/2554 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 dwar ir-reżiljenza operazzjonali diġitali għas-settur finanzjarju u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1060/2009, (UE) Nru 648/2012,

(UE) Nru 600/2014, (UE) Nru 909/2014 u (UE) 2016/1011 (ĠU L 333, 27.12.2022, p. 1).	(UE) Nru 600/2014, (UE) Nru 909/2014 u (UE) 2016/1011 (ĠU L 333, 27.12.2022, p. 1).

Or. en

Ġustifikazzjoni

Introduzzjoni tal-abbrevjazzjoni "ICT".

Emenda 26

Proposta għal regolament
Premessa 33

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(33) Sabiex tkun tista' ssir superviżjoni effettiva u tiġi eliminata l-possibbiltà li tiġi evitata s-superviżjoni, il-fornituri ta' servizzi ta' informazzjoni finanzjarja jridu ***jiġu inkorporati legalment fl-Unjoni jew, f'każ li jiġu inkorporati f'pajjiż terz, jaħtru rappreżentant legali fl-Unjoni***. Hija meħtieġa superviżjoni effettiva mill-awtoritajiet kompetenti għall-infurzar tar-rekwiżiti skont dan ir-Regolament biex jiġu żgurati l-integrità u l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja u biex jiġu protetti l-konsumaturi. Ir-rekwiżit tal-inkorporazzjoni legali tal-fornituri ta' servizzi ta' informazzjoni finanzjarja fl-Unjoni ***jew tal-ħatra ta' rappreżentant legali fl-Unjoni*** ma jammontax għal lokalizzazzjoni tad-data, minħabba li dan ir-Regolament ma jinvolvi l-ebda rekwiżit ieħor dwar l-ipproċessar tad-data, inkluż il-ħżin li għandu jsir fl-Unjoni.	(33) Sabiex tkun tista' ssir superviżjoni effettiva u tiġi eliminata l-possibbiltà li tiġi evitata s-superviżjoni, il-fornituri ta' servizzi ta' informazzjoni finanzjarja jridu ***jiġu pprovduti biss minn persuni ġuridiċi li għandhom uffiċċju reġistrat fi Stat Membru li fih ikunu beħsiebhom iwettqu jew effettivament iwettqu attivitajiet kummerċjali sostantivi***. Hija meħtieġa superviżjoni effettiva mill-awtoritajiet kompetenti għall-infurzar tar-rekwiżiti skont dan ir-Regolament biex jiġu żgurati l-integrità u l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja u biex jiġu protetti l-konsumaturi. Ir-rekwiżit tal-inkorporazzjoni legali tal-fornituri ta' servizzi ta' informazzjoni finanzjarja fl-Unjoni ma jammontax għal lokalizzazzjoni tad-data, minħabba li dan ir-Regolament ma jinvolvi l-ebda rekwiżit ieħor dwar l-ipproċessar tad-data, inkluż il-ħżin li għandu jsir fl-Unjoni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Biex jinżammu kundizzjonijiet ekwivalenti, sabiex ma titpoġġiex f'periklu s-superviżjoni effettiva ta' dawn l-atturi ġodda, u biex il-klijenti jiġu protetti minn użu ħażin possibbli tad-data tagħhom, huwa ssuġġerit li titneħħa l-possibbiltà li l-impriżi li ma humiex stabbiliti fl-

UE jibbenefikaw minn awtorizzazzjoni bħala FISP. Il-fornituri ta' pajjiżi terzi ma għandhomx jitħallew iwettqu attivitajiet jekk ma jkunux liċenzjati kif suppost għal tali attivitajiet fi Stat Membru speċifiku. Għażla bħal din ma teżistix fil-PSD2 lanqas għal eż. AISPs u għalhekk tirriżulta f'sitwazzjoni diskriminatorja bejn l-FISPs u l-AISPs.

Emenda 27

Proposta għal regolament
Premessa 34

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(34) Jenħtieġ li fornitur ta' servizzi ta' informazzjoni finanzjarja jiġi awtorizzat fil-ġuriżdizzjoni tal-Istat Membru fejn jinsab l-istabbiliment ewlieni tiegħu, jiġifieri, fejn il-fornitur ta' servizzi ta' informazzjoni finanzjarja jkollu l-uffiċċju prinċipali jew l-uffiċċju rreġistrat tiegħu li fih jiġu eżerċitati l-funzjonijiet prinċipali u l-kontroll operattiv. ***Fir-rigward tal-fornituri ta' servizzi ta' informazzjoni finanzjarja li ma għandhomx stabbiliment fl-Unjoni, iżda li jeħtieġu aċċess għad-data fl-Unjoni u li, għalhekk, jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Istat Membru fejn dawk il-fornituri ta' servizzi ta' informazzjoni finanzjarja jkunu ħatru r-rappreżentant legali tagħhom ikollu ġuriżdizzjoni, meta titqies il-funzjoni tar-rappreżentanti legali skont dan ir-Regolament.***	(34) Jenħtieġ li fornitur ta' servizzi ta' informazzjoni finanzjarja jiġi awtorizzat fil-ġuriżdizzjoni tal-Istat Membru fejn jinsab l-istabbiliment ewlieni tiegħu, jiġifieri, fejn il-fornitur ta' servizzi ta' informazzjoni finanzjarja jkollu ***l-ħsieb li jwettaq attivitajiet kummerċjali sostantivi u fejn ikollu*** l-uffiċċju prinċipali jew l-uffiċċju rreġistrat tiegħu li fih jiġu eżerċitati l-funzjonijiet prinċipali u l-kontroll operattiv.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Sabiex jinżammu kundizzjonijiet ekwivalenti, biex ma titpoġġiex f'periklu s-superviżjoni effettiva ta' dawn l-atturi ġodda, u biex il-klijenti jiġu protetti minn użu ħażin possibbli tad-data tagħhom, huwa ssuġġerit li titneħħa l-possibbiltà li l-impriżi li ma humiex stabbiliti fl-UE jibbenefikaw minn awtorizzazzjoni bħala FISP. Il-fornituri ta' pajjiżi terzi ma għandhomx jitħallew iwettqu attivitajiet jekk ma jkunux liċenzjati kif suppost għal tali attivitajiet fi Stat Membru speċifiku. Għażla bħal din ma teżistix fil-PSD2 lanqas għal eż. AISPs u għalhekk tirriżulta f'sitwazzjoni diskriminatorja bejn l-FISPs u l-AISPs.

Emenda 28

Proposta għal regolament
Premessa 35

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(35) Sabiex tiġi ffaċilitata t-trasparenza fir-rigward tal-aċċess għad-data u tal-forniturі ta' servizzi ta' informazzjoni finanzjarja, jenħtieġ li ***l-EBA tistabbilixxi*** reġistru ta' forniturі ta' servizzi ta' informazzjoni finanzjarja awtorizzati skont dan ir-Regolament, kif ukoll skemi ta' ***kondiviżjoni tad-data*** finanzjarja miftiehma bejn id-detenturi tad-data u l-utenti tad-data.	(35) Sabiex tiġi ffaċilitata t-trasparenza fir-rigward tal-aċċess għad-data u tal-forniturі ta' servizzi ta' informazzjoni finanzjarja, jenħtieġ li ***l-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej jistabbilixxu*** reġistru ta' forniturі ta' servizzi ta' informazzjoni finanzjarja awtorizzati skont dan ir-Regolament, kif ukoll skemi ta' ***aċċess għad-data*** finanzjarja miftiehma bejn id-detenturi tad-data u l-utenti tad-data.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huwa ssuġġerit li l-ASE għandhom ikunu responsabbli b'mod konġunt għar-reġistru.

Emenda 29

Proposta għal regolament
Premessa 47

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(47) ***Il-proposta għal Att*** dwar id-Data [ir-Regolament (UE) XX] ***tistabbilixxi*** qafas orizzontali għall-aċċess għad-data madwar l-Unjoni u l-użu tagħha. Dan ir-Regolament jikkomplementa u jispeċifika r-regoli stipulati ***fil-proposta għal Att*** dwar id-Data [ir-Regolament (UE) XX]. Għalhekk, dawk ir-regoli japplikaw ukoll ***għall-kondiviżjoni tad-data*** regolata minn dan ir-Regolament. Dan jinkludi dispożizzjonijiet dwar il-kundizzjonijiet li taħthom id-detenturi tad-data jagħmlu d-data disponibbli għar-riċevituri tad-data, dwar il-kumpens, il-korpi għas-soluzzjoni tat-tilwim biex jiffaċilitaw il-ftehimiet bejn il-partijiet ***għall-kondiviżjoni tad-data***, il-	(47) ***L-Att*** dwar id-Data [ir-Regolament (UE) XX] ***jistabbilixxi*** qafas orizzontali għall-aċċess għad-data madwar l-Unjoni u l-użu tagħha. Dan ir-Regolament jikkomplementa u jispeċifika r-regoli stipulati ***fl-Att*** dwar id-Data [ir-Regolament (UE) XX]. Għalhekk, dawk ir-regoli japplikaw ukoll ***għall-aċċess għad-data*** regolata minn dan ir-Regolament. Dan jinkludi dispożizzjonijiet dwar il-kundizzjonijiet li taħthom id-detenturi tad-data jagħmlu d-data disponibbli għar-riċevituri tad-data, dwar il-kumpens, il-korpi għas-soluzzjoni tat-tilwim biex jiffaċilitaw il-ftehimiet bejn il-partijiet ***għall-aċċess għad-data***, il-miżuri tekniċi

miżuri tekniċi ta’ protezzjoni, l-aċċess internazzjonali u t-trasferiment tad-data u dwar l-użu awtorizzat jew id-divulgazzjoni tad-data.

ta’ protezzjoni, l-aċċess internazzjonali u t-trasferiment tad-data u dwar l-użu awtorizzat jew id-divulgazzjoni tad-data.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Sadanittant l-Att dwar id-Data ġie adottat, filwaqt li l-pubblikazzjoni fil-ĠU se ssir daqt. Barra minn hekk, huwa ssuġġerit li jintuża lingwaġġ li jiffoka b’mod aktar ċar fuq l-istabbiliment ta’ drittijiet tal-aċċess għad-data għall-konsumaturi u l-klijenti kummerċjali. Il-FiDA għandu l-ewwel u qabel kollox jippermetti lill-klijenti jieħdu kontroll fuq id-data tagħhom sabiex ikunu jistgħu jaċċessawha u jerġgħu jużawha kif jidhrilhom xieraq.

Emenda 30

Proposta għal regolament
Premessa 48

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(48) Ir-Regolament (UE) 2016/679 ***japplika meta tiġi pproċessata data personali. Dan*** jipprevedi d-drittijiet ta’ suġġett tad-data, inkluż id-dritt ta’ aċċess u d-dritt ta’ trasferiment ta’ data personali. Dan ir-Regolament huwa mingħajr preġudizzju għad-drittijiet ta’ suġġett tad-data pprovduti skont ir-Regolament (UE) 2016/679, inkluż id-dritt ta’ aċċess u d-dritt għall-portabbiltà tad-data. Dan ir-Regolament joħloq obbligu legali li ***tiġi kondiviża*** data personali u mhux personali tal-klijenti fuq talba tal-klijent u jagħti mandat għall-fattibbiltà teknika tal-aċċess ***u l-kondiviżjoni*** għat-tipi kollha ta’ data fil-kamp ta’ applikazzjoni ta’ dan ir-Regolament. L-għoti ta’ permess minn klijent huwa mingħajr preġudizzju għall-obbligi tal-utenti tad-data skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2016/679. Id-data personali li ssir disponibbli ***u tiġi kondiviża ma’*** utent tad-data jenħtieġ li tiġi pproċessata biss għas-servizzi pprovduti minn utent tad-data fejn ikun hemm bażi legali valida skont l-Artikolu 6(1) tar-	(48) ***L-ipproċessar ta’ data personali fil-kuntest ta’ dan ir-Regolament jenħtieġ li jitwettaq f’konformità mar-Regolament (UE) 2016/679 u r-Regolament (UE) 2018/1725, kif ukoll, meta applikabbli, mad-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1a] (Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika).*** Ir-Regolament (UE) 2016/679 jipprevedi d-drittijiet ta’ suġġett tad-data, inkluż id-dritt ta’ aċċess u d-dritt ta’ trasferiment ta’ data personali. Dan ir-Regolament huwa mingħajr preġudizzju għad-drittijiet ta’ suġġett tad-data pprovduti skont ir-Regolament (UE) 2016/679, inkluż id-dritt ta’ aċċess u d-dritt għall-portabbiltà tad-data. Dan ir-Regolament joħloq obbligu legali li ***jipprovdi aċċess għal*** data personali u mhux personali tal-klijenti fuq talba tal-klijent***, u jippermetti l-użu mill-ġdid tagħha,*** u jagħti mandat għall-fattibbiltà teknika tal-aċċess għat-tipi kollha ta’ data fil-kamp ta’ applikazzjoni ta’ dan ir-Regolament. L-għoti ta’ permess minn klijent huwa mingħajr preġudizzju għall-

Regolament (UE) 2016/679 u, meta applikabbli, fejn jiġu ssodisfati r-rekwiżiti tal-Artikolu 9 ta' dak ir-Regolament dwar l-ipproċessar ta' kategoriji speċjali ta' data.	obbligi tal-utenti tad-data skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2016/679. ***Jenħtieġ li l-permess ma jiġix interpretat bħala "kunsens" jew "ħtieġa tat-twettiq ta' kuntratt" kif definit fir-Regolament (UE) 2016/679.*** Id-data personali li ssir disponibbli ***għal*** utent tad-data jenħtieġ li tiġi pproċessata biss għas-servizzi pprovduti minn utent tad-data fejn ikun hemm bażi legali valida skont l-Artikolu 6(1) tar-Regolament (UE) 2016/679 u, meta applikabbli, fejn jiġu ssodisfati r-rekwiżiti tal-Artikolu 9 ta' dak ir-Regolament dwar l-ipproċessar ta' kategoriji speċjali ta' data. _____ ***[1a] Id-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2002 dwar l-ipproċessar tad-data personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika (Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjonijiet elettroniċi) (ĠU L 201, 31.7.2002, p. 37).***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Suġġerimenti magħmula mill-EDPS fl-opinjoni tiegħu (punti 9 u 18). Huwa utli li tiżdied gwida aktar ċara dwar l-interazzjoni bejn il-mekkaniżmu tal-permess tal-FiDA u l-bażi legali tal-GDPR.

Emenda 31

Proposta għal regolament
Premessa 50

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(50) Dan ir-Regolament ma jaffettwax id-dispożizzjonijiet relatati mal-aċċess għad-data ***u l-kondiviżjoni tad-data*** fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar is-servizzi finanzjarji, jiġifieri dawn li ġejjin: (i) id-dispożizzjonijiet dwar l-aċċess għall-	(50) Dan ir-Regolament ma jaffettwax id-dispożizzjonijiet relatati mal-aċċess għad-data fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar is-servizzi finanzjarji, jiġifieri dawn li ġejjin: (i) id-dispożizzjonijiet dwar l-aċċess għall-parametri referenzjarji u r-reġim ta'

parametri referenzjarji u r-reġim ta' aċċess għad-derivattivi nnegozjati fil-borża bejn iċ-ċentri tan-negozjar u l-Kontropartijiet Ċentrali stipulati fir-Regolament (UE) Nru 600/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[22]; (ii) ir-regoli dwar l-aċċess tal-krediturigħall-bażi tad-data skont id-Direttiva 2014/17/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[23]; (iii) ir-regoli dwar l-aċċess għar-repożitorji tat-titolizzazzjoni skont ir-Regolament (UE) 2017/2402 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[24]; (iv) ir-regoli dwar id-dritt li tintalab mill-assiguratur dikjarazzjoni tal-istorja tal-pretensjonijiet u l-aċċess għar-repożitorji ċentrali u għad-data bażika meħtieġa għas-saldu ta' pretensjonijiet skont id-Direttiva 2009/103/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[25]; (v) id-dritt għall-aċċess u t-trasferiment tad-data personali kollha meħtieġa lil fornitur ta' Prodott tal-Pensjoni Personali pan-Ewropew ġdid skont ir-Regolament (UE) 2019/1238 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[26]; u (vi) id-dispożizzjonijiet dwar l-esternalizzazzjoni u d-dipendenza skont id-Direttiva (UE) 2018/843 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[27]. Barra minn hekk, dan ir-Regolament ma jaffettwax l-applikazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni nazzjonali jew tal-UE tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u kwalunkwe att sekondarju tal-Unjoni. Dan ir-Regolament huwa wkoll mingħajr preġudizzju għall-aċċess***, il-kondivižjoni*** u l-użu tad-data mingħajr ma jsir użu mill-obbligi ta' aċċess għad-data stabbiliti minn dan ir-Regolament fuq bażi purament kuntrattwali.

aċċess għad-derivattivi nnegozjati fil-borża bejn iċ-ċentri tan-negozjar u l-Kontropartijiet Ċentrali stipulati fir-Regolament (UE) Nru 600/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[22]; (ii) ir-regoli dwar l-aċċess tal-krediturigħall-bażi tad-data skont id-Direttiva 2014/17/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[23]; (iii) ir-regoli dwar l-aċċess għar-repożitorji tat-titolizzazzjoni skont ir-Regolament (UE) 2017/2402 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[24]; (iv) ir-regoli dwar id-dritt li tintalab mill-assiguratur dikjarazzjoni tal-istorja tal-pretensjonijiet u l-aċċess għar-repożitorji ċentrali u għad-data bażika meħtieġa għas-saldu ta' pretensjonijiet skont id-Direttiva 2009/103/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[25]; (v) id-dritt għall-aċċess u t-trasferiment tad-data personali kollha meħtieġa lil fornitur ta' Prodott tal-Pensjoni Personali pan-Ewropew ġdid skont ir-Regolament (UE) 2019/1238 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[26]; u (vi) id-dispożizzjonijiet dwar l-esternalizzazzjoni u d-dipendenza skont id-Direttiva (UE) 2018/843 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[27]. Barra minn hekk, dan ir-Regolament ma jaffettwax l-applikazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni nazzjonali jew tal-UE tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u kwalunkwe att sekondarju tal-Unjoni. Dan ir-Regolament huwa wkoll mingħajr preġudizzju għall-aċċess u l-użu tad-data mingħajr ma jsir użu mill-obbligi ta' aċċess għad-data stabbiliti minn dan ir-Regolament fuq bażi purament kuntrattwali.

---

[22] Ir-Regolament (UE) Nru 600/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq tal-istrumenti finanzjarji u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 84).

[23] Id-Direttiva 2014/17/UE tal-Parlament

[22] Ir-Regolament (UE) Nru 600/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq tal-istrumenti finanzjarji u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 84).

[23] Id-Direttiva 2014/17/UE tal-Parlament

Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Frar 2014 dwar kuntratti ta' kreditu għall-konsumaturi marbutin ma' proprjetà immobbli residenzjali u li temenda d-Direttivi 2008/48/KE u 2013/36/UE u r-Regolament (UE) Nru 1093/2010 (ĠU L 060, 28.2.2014, p. 34).

[24] Ir-Regolament (UE) 2017/2402 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2017 li jistabbilixxi qafas ġenerali għat-titolizzazzjoni u li joħloq qafas speċifiku għal titolizzazzjoni sempliċi, trasparenti u standardizzata, u li jemenda d-Direttivi 2009/65/KE, 2009/138/KE u 2011/61/UE u r-Regolamenti (KE) Nru 1060/2009 u (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 347, 28.12.2017, p. 35).

[25] Id-Direttiva 2009/103/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar l-assigurazzjoni kontra responsabbiltà ċivili fir-rigward tal-użu ta' vetturi bil-mutur u l-infurzar tal-obbligu ta' assigurazzjoni kontra din ir-responsabbiltà (ĠU L 263, 7.10.2009, p. 11).

[26] Ir-Regolament (UE) 2019/1238 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar Prodott tal-Pensjoni Personali Pan-Ewropew (PEPP) (ĠU L 198, 25.7.2019, p. 1).

[27] Id-Direttiva (UE) 2018/843 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-30 ta' Mejju 2018 li temenda d-Direttiva (UE) 2015/849 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu, u li temenda d-Direttivi 2009/138/KE u 2013/36/UE (ĠU L 156, 19.6.2018, p. 43).

Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Frar 2014 dwar kuntratti ta' kreditu għall-konsumaturi marbutin ma' proprjetà immobbli residenzjali u li temenda d-Direttivi 2008/48/KE u 2013/36/UE u r-Regolament (UE) Nru 1093/2010 (ĠU L 060, 28.2.2014, p. 34).

[24] Ir-Regolament (UE) 2017/2402 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2017 li jistabbilixxi qafas ġenerali għat-titolizzazzjoni u li joħloq qafas speċifiku għal titolizzazzjoni sempliċi, trasparenti u standardizzata, u li jemenda d-Direttivi 2009/65/KE, 2009/138/KE u 2011/61/UE u r-Regolamenti (KE) Nru 1060/2009 u (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 347, 28.12.2017, p. 35).

[25] Id-Direttiva 2009/103/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar l-assigurazzjoni kontra responsabbiltà ċivili fir-rigward tal-użu ta' vetturi bil-mutur u l-infurzar tal-obbligu ta' assigurazzjoni kontra din ir-responsabbiltà (ĠU L 263, 7.10.2009, p. 11).

[26] Ir-Regolament (UE) 2019/1238 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar Prodott tal-Pensjoni Personali Pan-Ewropew (PEPP) (ĠU L 198, 25.7.2019, p. 1).

[27] Id-Direttiva (UE) 2018/843 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-30 ta' Mejju 2018 li temenda d-Direttiva (UE) 2015/849 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu, u li temenda d-Direttivi 2009/138/KE u 2013/36/UE (ĠU L 156, 19.6.2018, p. 43).

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huwa ssuġġerit li jintuża lingwaġġ li jiffoka b'mod aktar ċar fuq l-istabbiliment ta' drittijiet tal-aċċess għad-data għall-konsumaturi u l-klijenti kummerċjali. Il-FiDA għandu l-ewwel u qabel kollox jippermetti lill-klijenti jieħdu kontroll fuq id-data tagħhom sabiex ikunu jistgħu jaċċessawha u jerġgħu jużawha kif jidhrilhom xieraq.

Emenda 32

Proposta għal regolament
Premessa 51

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(51) Billi ***l-kondiviżjoni tad-data*** relatata mal-kontijiet ta' pagament hija regolata taħt reġim differenti stabbilit fid-Direttiva (UE) 2015/2366, huwa meqjus xieraq li tiġi stabbilita, f'dan ir-Regolament, klawżola ta' rieżami għall-Kummissjoni biex teżamina jekk l-introduzzjoni tar-regoli skont dan ir-Regolament għandhiex impatt fuq il-mod kif l-AISPs jaċċessaw id-data u jekk ikunx xieraq li jiġu ssimplifikati r-regoli li jirregolaw ***il-kondiviżjoni tad-data*** applikabbli għall-AISPs.	(51) Billi ***l-aċċess għad-data*** relatata mal-kontijiet ta' pagament hija regolata taħt reġim differenti stabbilit fid-Direttiva (UE) 2015/2366, huwa meqjus xieraq li tiġi stabbilita, f'dan ir-Regolament, klawżola ta' rieżami għall-Kummissjoni biex teżamina jekk l-introduzzjoni tar-regoli skont dan ir-Regolament għandhiex impatt fuq il-mod kif l-AISPs jaċċessaw id-data u jekk ikunx xieraq li jiġu ssimplifikati r-regoli li jirregolaw ***l-aċċess għad-data*** applikabbli għall-AISPs.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huwa ssuġġerit li jintuża lingwaġġ li jiffoka b'mod aktar ċar fuq l-istabbiliment ta' drittijiet tal-aċċess għad-data għall-konsumaturi u l-klijenti kummerċjali. Il-FiDA għandu l-ewwel u qabel kollox jippermetti lill-klijenti jieħdu kontroll fuq id-data tagħhom sabiex ikunu jistgħu jaċċessawha u jerġgħu jużawha kif jidhrilhom xieraq.

Emenda 33

Proposta għal regolament
Premessa 52

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(52) Minħabba li jenħtieġ li l-EBA, l-EIOPA u l-ESMA jingħataw il-mandat li jagħmlu użu mis-setgħat tagħhom b'rabta mal-forniturі ta' servizzi ta' informazzjoni finanzjarja, huwa meħtieġ li jiġi żgurat li jkunu jistgħu jeżerċitaw is-setgħat u l-kompiti kollha tagħhom sabiex jissodisfaw l-objettivi tagħhom li jipproteġu l-interess pubbliku billi jikkontribwixxu għall-	(52) Minħabba li jenħtieġ li l-EBA, l-EIOPA u l-ESMA ***jirregolaw l-objettivi kollha ta' dan ir-Regolament u*** jingħataw il-mandat li jagħmlu użu mis-setgħat tagħhom b'rabta mal-forniturі ta' servizzi ta' informazzjoni finanzjarja, huwa meħtieġ li jiġi żgurat li jkunu jistgħu jeżerċitaw is-setgħat u l-kompiti kollha tagħhom sabiex jissodisfaw l-objettivi

istabbiltà u l-effettività fuq terminu qasir, medju u twil tas-sistema finanzjarja, għall-ekonomija tal-Unjoni, iċ-ċittadini u n-negozji tagħha u biex jiġi żgurat li l-fornituri ta' servizzi ta' informazzjoni finanzjarja jkunu koperti mir-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010[28], (UE) Nru 1094/2010[29] u (UE) Nru 1095/2010[30] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Għalhekk, jenħtieġ li dawk ir-Regolamenti jiġu emendati kif xieraq.	tagħhom li jipproteġu l-interess pubbliku billi jikkontribwixxu għall-istabbiltà u l-effettività fuq terminu qasir, medju u twil tas-sistema finanzjarja, għall-ekonomija tal-Unjoni, iċ-ċittadini u n-negozji tagħha u biex jiġi żgurat li l-fornituri ta' servizzi ta' informazzjoni finanzjarja jkunu koperti mir-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010[28], (UE) Nru 1094/2010[29] u (UE) Nru 1095/2010[30] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Għalhekk, jenħtieġ li dawk ir-Regolamenti jiġu emendati kif xieraq.
_____	_____
[28] Ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12)	[28] Ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12)
[29] Regolament (UE) Nru 1094/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (l-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol), u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/79/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 48).	[29] Regolament (UE) Nru 1094/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (l-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol), u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/79/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 48).
[30] Ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84).	[30] Ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84).

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huwa importanti li l-ASE jirregolaw l-objettivi kollha tal-FiDA. Dan ma kienx il-każ jew ma kienx biżżejjed għall-EBA u l-PSD2, li ħolqu diffikultajiet sinifikanti fl-implimentazzjoni ta' dik id-Direttiva.

Emenda 34

Proposta għal regolament
Premessa 54

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(54) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġie kkonsultat f'konformità mal-Artikolu 42(2) tar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[31] u ta opinjoni ***nhar […….]***	(54) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġie kkonsultat f'konformità mal-Artikolu 42(2) tar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[31] u ta opinjoni ***fit-22 ta' Awwissu 2023***.
[31] Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).	[31] Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ara https://edps.europa.eu/data-protection/our-work/publications/opinions/2023-08-22-edps-opinion-382023-regulation-framework-financial-data-access_en.

Emenda 35

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli dwar l-aċċess***, il-kondiviżjoni u l-użu*** ta' ċerti kategoriji ta' data tal-klijenti fis-servizzi finanzjarji.	Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli dwar l-aċċess ***u l-użu mill-ġdid*** ta' ċerti kategoriji ta' data tal-klijenti fis-servizzi finanzjarji ***elenkati fl-Artikolu 2(1) ta' dan ir-Regolament***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huwa ssuġġerit li jintuża lingwaġġ li jiffoka b'mod aktar ċar fuq l-istabbiliment ta' drittijiet tal-aċċess għad-data għall-konsumaturi u l-klijenti kummerċjali. Il-FiDA għandu l-ewwel u qabel kollox jippermetti lill-klijenti jieħdu kontroll fuq id-data tagħhom sabiex ikunu jistgħu jaċċessawha u jerġgħu jużawha kif jidhrilhom xieraq. Barra minn hekk, huwa ssuġġerit li jiġi ċċarat li l-FiDA jippermetti lis-settur finanzjarju joffri servizzi u prodotti finanzjarji abbażi tad-data aċċessata. Barra minn hekk, referenza aktar preċiża għall-kategoriji tad-data tal-klijenti.

Emenda 36

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. Dan ir-Regolament ma japplikax għal kategoriji speċjali ta' data msemmija fl-Artikolu 9(1) tar-Regolament (UE) 2016/679.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Kif irrakkomandat mill-EDPS fl-opinjoni tiegħu (punti 32 u 33), huwa ssuġġerit li tiġi eskluża espliċitament data sensittiva (data tal-Artikolu 9 tal-GDPR) mill-kamp ta' applikazzjoni tal-FiDA.

Emenda 37

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Dan ir-Regolament ma jaffettwax l-applikazzjoni ta' atti legali oħrajn tal-Unjoni rigward l-aċċess għad-data tal-klijenti msemmija fil-paragrafu 1 u ***l-kondiviżjoni*** tagħha, sakemm ma jkunx previst speċifikament f'dan ir-Regolament.	4. Dan ir-Regolament ma jaffettwax l-applikazzjoni ta' atti legali oħrajn tal-Unjoni rigward l-aċċess għad-data tal-klijenti msemmija fil-paragrafu 1 u ***l-użu mill-ġdid*** tagħha, sakemm ma jkunx previst speċifikament f'dan ir-Regolament.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huwa ssuġġerit li jintuża lingwaġġ li jiffoka b'mod aktar ċar fuq l-istabbiliment ta' drittijiet tal-aċċess għad-data għall-konsumaturi u l-klijenti kummerċjali. Il-FiDA għandu l-ewwel u qabel kollox jippermetti lill-klijenti jieħdu kontroll fuq id-data tagħhom sabiex ikunu jistgħu jaċċessawha u jerġgħu jużawha kif jidhrilhom xieraq.

Emenda 38

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 30 biex tissupplimenta l-lista ta' kategoriji ta' data tal-klijenti fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament stipulata fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu biex tippermetti każijiet ta' użu potenzjali oħra fl-interess tal-klijenti u wara konsultazzjoni mal-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Biex il-qafas tal-FiDA jibqa' validu fil-futur, huwa ssuġġerit li l-Kummissjoni Ewropea, wara li tikkonsulta lill-ASE, għandha tkun tista' tirrieżamina l-kamp ta' applikazzjoni tad-data stabbilit fir-Regolament permezz ta' att delegat.

Emenda 39

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 4b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4b. Dan ir-Regolament huwa mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-Unjoni u l-liġi nazzjonali dwar il-protezzjoni tad-data personali, il-

privatezza u l-kunfidenzjalità tal-komunikazzjonijiet u l-integrità tat-tagħmir terminali, li għandhom japplikaw għad-data personali pproċessata b'rabta mad-drittijiet u l-obbligi stabbiliti hawnhekk, b'mod partikolari r-Regolamenti (UE) 2016/679 u (UE) 2018/1725 u d-Direttiva 2002/58/KE, inklużi s-setgħat u l-kompetenzi tal-awtoritajiet superviżorji u d-drittijiet tas-suġġetti tad-data. Sa fejn l-utenti jkunu suġġetti tad-data, id-drittijiet stabbiliti fil-Kapitolu II ta' dan ir-Regolament għandhom jikkomplementaw id-drittijiet ta' aċċess mis-suġġetti tad-data u d-drittijiet għall-portabbiltà tad-data skont l-Artikoli 15 u 20 tar-Regolament (UE) 2016/679. Fil-każ ta' kunflitt bejn dan ir-Regolament u d-dritt tal-Unjoni dwar il-protezzjoni ta' data personali jew tal-privatezza, jew leġiżlazzjoni nazzjonali adottata f'konformità ma' tali dritt tal-Unjoni, għandu jipprevali d-dritt tal-Unjoni jew il-liġi nazzjonali dwar il-protezzjoni ta' data personali.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Jidher xieraq li ssir referenza aktar ċara għar-regolament dwar il-protezzjoni tad-data. Dan il-paragrafu huwa kkupjat mill-Att dwar id-Data (kif adottat; il-pubblikazzjoni fil-ĠU se ssir daqt), l-Artikolu 1(5).

Emenda 40

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) "konsumatur" tfisser ***persuna fiżika li qed taġixxi għal finijiet oħrajn għajr il-kummerċ, in-negozju jew il-professjoni tagħha***;	(1) "konsumatur" tfisser ***konsumatur kif definit fl-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2011/83/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1a]***;
	_____

[1a] Id-Direttiva 2011/83/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar drittijiet tal-konsumatur, li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE u d-Direttiva 1999/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li thassar id-Direttiva tal-Kunsill 85/577/KEE u d-Direttiva 97/7/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 304, 22.11.2011, p. 64).

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huwa ssuġġerit li ssir kontroreferenza għad-definizzjoni ta' "konsumatur" fid-Direttiva dwar id-drittijiet tal-konsumatur (Direttiva 2011/83/UE).

Emenda 41

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) "klijent" tfisser persuna fiżika jew ġuridika li tagħmel użu minn prodotti u servizzi finanzjarji;	(2) "klijent" tfisser persuna fiżika jew ġuridika ***residenti fl-Unjoni*** li tagħmel użu minn prodotti u servizzi finanzjarji;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huwa ssuġġerit li tiddaħħal limitazzjoni ġeografika f'konformità ma' leġiżlazzjoni oħra tal-UE dwar is-servizzi finanzjarji (bħal PSD, GDPR, Att dwar id-Data).

Emenda 42

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2a) "data" tfisser kwalunkwe rappreżentazzjoni diġitali ta' atti, fatti jew informazzjoni u kwalunkwe kompilazzjoni

	ta' tali atti, fatti jew informazzjoni, inkluż fil-forma ta' reġistrazzjoni awdjo, viżiva jew awdjoviżiva;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Definizzjoni ta' data meħuda mill-Att dwar il-Governanza tad-Data (ir-Regolament (UE) 2022/868) u l-Att dwar id-Data (kif adottat; il-pubblikazzjoni fil-ĠU se ssir daqt).

Emenda 43

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) "data tal-klijenti" tfisser data personali u mhux personali li tingħabar, tinħażen u tiġi pproċessata b'mod ieħor minn istituzzjoni finanzjarja bħala parti mill-perkors normali tan-negozju tagħha mal-klijenti ***li*** tkopri kemm id-data pprovduta minn klijent, kif ukoll id-data ġġenerata bħala riżultat tal-interazzjoni tal-klijenti mal-istituzzjoni finanzjarja;	(3) "data tal-klijenti" tfisser data personali u mhux personali li tingħabar, tinħażen u tiġi pproċessata b'mod ieħor minn istituzzjoni finanzjarja bħala parti mill-perkors normali tan-negozju tagħha ***u r-relazzjoni diretta eżistenti*** mal-klijenti ***tagħha b'rabta mal-attivitajiet awtorizzati tagħha. Din*** tkopri kemm id-data pprovduta minn klijent, kif ukoll id-data ġġenerata bħala riżultat tal-interazzjoni tal-klijenti mal-istituzzjoni finanzjarja;

Or. en

Ġustifikazzjoni

B'mod konsistenti mal-opinjoni tal-EDPS, huwa ssuġġerit li tiġi eskluża mill-kamp ta' applikazzjoni tal-FiDA kwalunkwe data li detentur tad-data kiseb jew ġabar minn data pprovduta minn klijent bħala riżultat ta' tfassil ta' profil. Barra minn hekk, huwa ssuġġerit li l-obbligu tal-aċċess għad-data jintrabat b'mod espliċitu ma' dawk il-kategoriji ta' data tal-klijenti li d-detentur tad-data jiġbor, jaħżen jew jipproċessa b'rabta mal-attività li għaliha huwa liċenzjat.

Emenda 44

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) "awtorità kompetenti" tfisser l-awtorità maħtura minn kull Stat Membru f'konformità mal-Artikolu 17 ***u, għall-istituzzjonijiet finanzjarji, tfisser kwalunkwe waħda mill-awtoritajiet kompetenti elenkati fl-Artikolu 46 tar-Regolament (UE) 2022/2554***;	(4) "awtorità kompetenti" tfisser l-awtorità maħtura minn kull Stat Membru f'konformità mal-Artikolu 17;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Tħassir ta' parti mis-sentenza li ma hijiex meħtieġa fid-dawl tal-Artikolu 17, il-paragrafu 4.

Emenda 45

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) "detentur tad-data" tfisser istituzzjoni finanzjarja ***minbarra fornitur ta' servizzi ta' informazzjoni dwar il-kontijiet*** li ***jiġbor***, ***jaħżen u jipproċessa*** b'xi mod ieħor id-data elenkata fl-Artikolu 2(1);	(5) "detentur tad-data" tfisser istituzzjoni finanzjarja li ***tiġbor***, ***taħżen jew tipproċessa*** b'xi mod ieħor id-data elenkata fl-Artikolu 2(1) ***li tirrigwarda klijent fil-kuntest tar-relazzjoni diretta tal-istituzzjoni finanzjarja ma' dak il-klijent***;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Tħassir ta' parti mis-sentenza li ma hijiex meħtieġa fid-dawl tad-definizzjoni ta' "istituzzjoni finanzjarja" fl-Artikolu 3, il-paragrafu 8. Barra minn hekk, kjarifika li detentur tad-data huwa entità li tiġbor id-data mingħand klijent li miegħu għandha relazzjoni diretta.

Emenda 46

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(6a) "servizz ta' informazzjoni finanzjarja" tfisser is-servizz online tal-ġbir, il-konsolidazzjoni, il-ħażna u l-ipproċessar tad-data tal-klijenti lill-klijenti;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huwa ssuġġerit li tiġi introdotta definizzjoni ta' "servizz ta' informazzjoni finanzjarja". Dan jgħin biex il-FiDA jallinja aħjar mal-PSD u jagħti lill-FISPs rwol simili għall-forniturі ta' servizzi ta' informazzjoni dwar il-kontijiet. L-EDPS jirrakkomanda wkoll l-introduzzjoni ta' tali definizzjoni fl-opinjoni tiegħu (punt 43). Ir-rabtiet ta' definizzjoni ssuġġeriti jirreferu b'mod espliċitu għal "servizz finanzjarju", biex jiġi evitat li d-data tal-klijenti fil-qafas tal-FiDA tintuża għal skopijiet li ma għandhom l-ebda konnessjoni mas-servizzi finanzjarji.

Emenda 47

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 6b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(6b) "servizz finanzjarju" tfisser kwalunkwe servizz ta' natura bankarja, ta' kreditu, ta' assigurazzjoni, ta' pensjoni personali, ta' investiment jew ta' ħlas;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din hija marbuta mal-introduzzjoni ssuġġerita ta' definizzjoni ta' "servizz ta' informazzjoni finanzjarja". Id-definizzjoni hija meħuda mill-Artikolu 2(b) tad-Direttiva 2002/65/KE dwar it-tqegħid fis-suq b'distanza ta' servizzi finanzjarji ta' konsumaturi.

Emenda 48

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) "fornitur ta' servizzi ta' informazzjoni finanzjarja" tfisser ***utent tad-data*** li ***huwa awtorizzat*** skont l-Artikolu 14 biex ***jaċċessa*** d-data tal-klijenti elenkata fl-Artikolu 2(1) għall-forniment ta' servizzi ta' informazzjoni finanzjarja;	(7) "fornitur ta' servizzi ta' informazzjoni finanzjarja" tfisser ***entità li tipprovdi servizz ta' informazzjoni finanzjarja*** li ***hija awtorizzata*** skont l-Artikolu 14 biex ***taċċessa*** d-data tal-klijenti elenkata fl-Artikolu 2(1) għall-forniment ta' servizzi ta' informazzjoni finanzjarja;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din il-kjarifika għandha wkoll l-għan li tikkontribwixxi għal kundizzjonijiet ekwivalenti u reċiproċità tal-aċċess għad-data.

Emenda 49

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) "kont ta' investiment" tfisser kwalunkwe reġistru ġestit minn ditta ta' investiment, istituzzjoni ta' kreditu jew sensar tal-assigurazzjoni dwar il-parteċipazzjonijiet kurrenti fi strumenti finanzjarji jew prodotti ta' investiment ibbażati fuq l-assigurazzjoni tal-klijent tagħhom, inklużi tranżazzjonijiet tal-passat u punti ta' data oħrajn relatati ma' avvenimenti taċ-ċiklu tal-ħajja ta' dak l-istrument;	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din id-definizzjoni tidher li ma hijiex meħtieġa, peress li t-terminu "kont ta' investiment" ma jintuża mkien fir-Regolament.

Emenda 50

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) "data mhux personali" tfisser data għajr data personali ***kif definita fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) 2016/679***;	(10) "data mhux personali" tfisser data għajr data personali;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Biex tallinja bis-sħiħ mad-definizzjonijiet bħal fl-Att dwar il-Governanza tad-Data (ir-Regolament (UE) 2022/868) u l-Att dwar id-Data (kif adottat; il-pubblikazzjoni fil-ĠU se ssir daqt).

Emenda 51

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 28a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(28a) "fornitur ta' servizz ta' finanzjament kollettiv" tfisser fornitur ta' servizz ta' finanzjament kollettiv kif definit fl-Artikolu 2(1), il-punt (e), tar-Regolament (UE) 2020/1503 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1a];
	[1a] Ir-Regolament (EU) 2020/1503 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Ottubru 2020 dwar forniturі Ewropej ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv għan-negozji u li jemenda r-Regolament (UE) 2017/1129 u d-Direttiva (UE) 2019/1937 (ĠU L 347, 20.10.2020, p. 1).

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huwa ssuġġerit li tiġi inkluża definizzjoni ta' "fornitur ta' servizz ta' finanzjament kollettiv", peress li tali forniturі huma elenkati fl-Artikolu 2(2).

Emenda 52

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 28b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(28b) "sigriet kummerċjali" tfisser sigriet kummerċjali kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (1), tad-Direttiva (UE) 2016/943;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huwa ssuġġerit li tiġi inkluża definizzjoni ta' "sigriet kummerċjali", peress li t-terminu jidher fir-Regolament. Din id-definizzjoni hija allinjata mal-Att dwar id-Data (kif ivvutat, il-pubblikazzjoni fil-ĠU se ssir daqt.)

Emenda 53

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 29

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(29) "rappreżentant legali" tfisser persuna fiżika domiċiljata fl-Unjoni jew persuna ġuridika bl-uffiċċju rreġistrat tagħha fl-Unjoni u li ġiet espressament maħtura minn fornitur ta' servizzi ta' informazzjoni finanzjarja stabbilit f'pajjiż terz u li taġixxi f'isem tali fornitur ta' servizzi ta' informazzjoni finanzjarja fil-konfront tal-awtoritajiet, il-klijenti, il-korpi u l-kontropartijiet għall-fornitur ta' servizzi ta' informazzjoni finanzjarja fl-Unjoni fir-rigward tal-obbligi tal-fornitur ta' servizzi ta' informazzjoni finanzjarja skont dan ir-Regolament;	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din id-definizzjoni ma għadhiex meħtieġa jekk l-Artikolu 13 jitħassar.

Emenda 54

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Obbligu li d-data ssir disponibbli għall-klijent	Obbligi ***fuq detentur tad-data*** li d-data ssir disponibbli għall-klijent

Or. en

Ġustifikazzjoni

Biex tirrifletti t-titolu tal-Artikolu 5.

Emenda 55

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Id-detentur tad-data għandu, fuq talba minn klijent sottomessa b'mezzi elettroniċi, jagħmel id-data elenkata fl-Artikolu 2(1) disponibbli għall-klijent mingħajr dewmien żejjed, mingħajr ħlas, kontinwament u f'ħin reali.	Id-detentur tad-data għandu, fuq talba minn klijent sottomessa b'mezzi elettroniċi, jagħmel id-data ***faċilment disponibbli*** elenkata fl-Artikolu 2(1) disponibbli għall-klijent ***permezz ta' interfaċċa tal-klijent online jew mobbli f'format li jinqara faċilment,*** mingħajr dewmien żejjed, mingħajr ħlas, ***u meta rilevanti u teknikament fattibbli,*** kontinwament u f'ħin reali.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Jidher utli li jiġi speċifikat b'mod espliċitu, biex jiġi evitat kull dubju, li d-detenturi tad-data għandhom jagħmlu disponibbli d-data lill-klijenti permezz ta' interfaċċi online jew mobbli. Barra minn hekk, konformità aktar stretta mal-Att dwar id-Data (kif adottat; il-pubblikazzjoni fil-ĠU se ssir daqt).

Emenda 56

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Id-detentur tad-data għandu, fuq talba minn klijent sottomessa b'mezzi elettroniċi, jagħmel disponibbli għal utent tad-data ***d-data*** tal-klijenti elenkata fl-Artikolu 2(1) għall-finijiet li għalihom il-klijent ikun ta l-permess ***lill-utent tad-data***. Id-data tal-klijenti għandha tkun disponibbli għall-utent tad-data mingħajr dewmien żejjed, kontinwament u f'ħin reali.	1. Id-detentur tad-data għandu, fuq talba ***espliċita*** minn klijent sottomessa b'mezzi elettroniċi, jagħmel disponibbli għal utent tad-data ***li jagixxi f'isem il-klijent id-data*** tal-klijenti elenkata fl-Artikolu 2(1) ***biss*** għall-finijiet ***relatati mas-servizz speċifiku*** li għalihom il-klijent ikun ta l-permess ***espliċitu għall-użu tad-data tiegħu***. Id-data tal-klijenti għandha tkun disponibbli għall-utent tad-data mingħajr dewmien żejjed***, u meta rilevanti u teknikament fattibbli***, kontinwament u f'ħin reali.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Qabel ma jippermettu l-aċċess għad-data tagħhom, il-klijenti għandhom jagħtu permess espliċitu għal skopijiet speċifikati b'mod ċar.

Emenda 57

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Kwalunkwe impriża nominata bħala gwardjan, skont l-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2022/1925, ma għandhiex tkun utent tad-data eliġibbli skont dan ir-Regolament.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huwa ssuġġerit li tiġi introdotta dispożizzjoni li tipprevjeni lill-gwardjani fl-Att dwar is-

Swieq Diġitali milli jaċċessaw id-data skont il-FiDA. Il-kliem huwa ispirat mill-Artikolu 5, il-paragrafu 3 tal-Att dwar id-Data (kif adottat; il-pubblikazzjoni fil-ĠU se ssir daqt).

Emenda 58

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 3 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) ***jirrispetta*** l-kunfidenzjalità tas-sigrieti kummerċjali u d-drittijiet tal-proprjetà intellettwali ***meta d-data tal-klijenti tiġi aċċessata f'konformità mal-Artikolu 5(1)***.	(e) ***jipproteġi*** l-kunfidenzjalità tas-sigrieti kummerċjali u d-drittijiet tal-proprjetà intellettwali.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Utent tad-data għandu f'kull ħin jipproteġi l-kunfidenzjalità tas-sigrieti kummerċjali u d-drittijiet tal-proprjetà intellettwali.

Emenda 59

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Utent tad-data għandu jkun eliġibbli biss biex ***jaċċessa d-data tal-klijenti skont l-Artikolu 5(1)*** jekk dak l-utent tad-data jkun ***soġġett għal awtorizzazzjoni minn qabel minn awtorità kompetenti bħala*** istituzzjoni finanzjarja jew ***ikun*** fornitur ta' servizzi ta' informazzjoni finanzjarja skont l-Artikolu 14.	1. Utent tad-data għandu jkun eliġibbli biss biex ***jipprovdi servizzi ta' informazzjoni finanzjarja fl-Unjoni*** jekk dak l-utent tad-data jkun istituzzjoni finanzjarja jew ***persuna ġuridika stabbilita fl-Unjoni li tkun ġiet awtorizzata bħala*** fornitur ta' servizzi ta' informazzjoni finanzjarja skont l-Artikolu 14.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Biex jinżammu kundizzjonijiet ekwivalenti, sabiex ma titpoġġiex f'periklu s-superviżjoni effettiva ta' dawn l-atturi ġodda, u biex il-klijenti jiġu protetti minn użu ħażin possibbli tad-

data tagħhom, huwa ssuġġerit li titneħħa l-possibbiltà li l-impriżi li ma humiex stabbiliti fl-UE jibbenefikaw minn awtorizzazzjoni bħala FISP. Il-fornituri ta' pajjiżi terzi ma għandhomx jitħallew iwettqu attivitajiet jekk ma jkunux liċenzjati kif suppost għal tali attivitajiet fi Stat Membru speċifiku. Għażla bħal din ma teżistix fil-PSD2 lanqas għal eż. AISPs u għalhekk tirriżulta f'sitwazzjoni diskriminatorja bejn l-FISPs u l-AISPs.

Emenda 60

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Utent tad-data għandu jkollu aċċess biss ***għad-data*** tal-klijenti magħmula disponibbli skont l-Artikolu 5(1) għall-finijiet u taħt il-kundizzjonijiet li għalihom il-klijent ikun ta l-permess tiegħu. Utent tad-data għandu jħassar id-data tal-klijenti meta ma tkunx għadha meħtieġa għall-finijiet li għalihom ikun ingħata l-permess minn klijent.	2. Utent tad-data għandu ***jitlob u*** jkollu aċċess biss ***għal kwalunkwe tip ta' data*** tal-klijenti magħmula disponibbli skont l-Artikolu 5(1) ***li tkun adegwata, rilevanti u meħtieġa*** għall-finijiet u taħt il-kundizzjonijiet li għalihom il-klijent ikun ta l-permess tiegħu. ***Dawk il-finijiet għandhom ikunu strettament limitati għall-forniment ta' prodott finanzjarju jew servizz finanzjarju. Għandhom ikunu relatati biss mas-servizz speċifiku li għalih il-klijent ikun ta l-permess espliċitu tiegħu. Il-permess mogħti mill-klijent għandu jkun bla ħlas, speċifiku, infurmat u inekwivoku***. Utent tad-data għandu jħassar id-data tal-klijenti ***riċevuta, inkluż kwalunkwe backup, mingħajr dewmien żejjed*** meta ma tkunx għadha meħtieġa għall-finijiet li għalihom ikun ingħata l-permess minn klijent.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Kif irrakkomandat mill-EDPS fl-opinjoni tiegħu (punti 24). Barra minn hekk, huwa ssuġġerit li jiżdiedu l-kliem "mingħajr dewmien żejjed" biex ikun hemm allinjament aktar mill-qrib mal-kliem "dritt li wieħed ikun minsi" fir-Regolament 2018/1725.

Emenda 61

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Utent tad-data għandu jiżgura li kwalunkwe talba għall-aċċess tad-data lil klijent tipprovdi lill-klijent b'informazzjoni ġusta, trasparenti u adegwata li tinftiehem faċilment mill-udjenza fil-mira tal-prodott jew tas-servizz finanzjarju, inkluż dwar it-tipi speċifiċi ta' data tal-klijenti li l-utent tad-data jfittex aċċess għalihom.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda għandha l-għan li ttejjeb il-protezzjoni tal-konsumatur, inkluż billi tqis rakkomandazzjoni magħmula mill-EDPS fl-opinjoni tiegħu (punt 23).

Emenda 62

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 2b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2b. Utent tad-data għandu jiżgura li kwalunkwe talba għall-aċċess tad-data lil klijent ma tkunx imfassla b'mod li jinkoraġġixxi jew jinfluwenza bla bżonn lill-klijent biex jagħti aċċess, b'mod li ma jkunx fl-aħjar interess tal-klijent, jew b'mod li materjalment jgħawweġ jew ifixkel il-kapaċità tal-klijent li jieħu deċiżjonijiet ħielsa u infurmati.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-utenti tad-data ma għandu jkollhom l-ebda possibbiltà li jitolbu permess mingħand il-klijent għal skop mhux speċifikat, peress li dan jista' jwassal biex id-data tintuża għal aktar finijiet milli maħsub mill-klijent. Kwalunkwe użu tad-data għandu dejjem ikun fl-aħjar interess tal-klijent.

Emenda 63

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 2c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2c. L-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej jistgħu jiżviluppaw abbozz ta' standards tekniċi regolatorji dwar l-implimentazzjoni ta' dan il-paragrafu għal prattiki speċifiċi, inklużi eżerċizzji ta' rutina u fattur li jbiddlu l-imġiba.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din id-dispożizzjoni tista' tibbenefika minn gwida ulterjuri fil-livell 2.

Emenda 64

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 4 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Sabiex tiġi żgurata l-ġestjoni effettiva tad-data ***tal-klijenti***, utent tad-data għandu:	4. Sabiex tiġi żgurata l-ġestjoni effettiva tad-data, utent tad-data għandu:

Or. en

Ġustifikazzjoni

Is-sigrieti kummerċjali jistgħu jitqiesu bħala barra mid-data tal-klijenti.

Emenda 65

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 4 – punt -a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(-a) jidentifika ruħu u jikkomunika b'mod sikur mad-detentur tad-data meta

jaċċessa d-data tal-klijenti;

Or. en

Ġustifikazzjoni

B'mod analogu għall-PSD2/3, l-FISPs għandhom ikunu obbligati jidentifikaw lilhom infushom u jikkomunikaw b'mod sikur mad-detentur tad-data.

Emenda 66

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 4 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ma jipproċessa l-ebda data tal-klijenti għal finijiet għajr għat-twettiq tas-servizz mitlub espliċitament mill-klijent;	(a) ma jipproċessa l-ebda data tal-klijenti għal finijiet għajr għat-twettiq tas-servizz mitlub espliċitament mill-klijent ***fl-aħjar interess tal-klijent***;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huwa ssuġġerit li jiġi speċifikat li l-ipproċessar tad-data tal-klijent għat-twettiq tas-servizz għandu jkun "fl-aħjar interess tal-klijent".

Emenda 67

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 4– punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) ***jirrispetta*** l-kunfidenzjalità tas-sigrieti kummerċjali u d-drittijiet tal-proprjetà intellettwali meta d-data tal-klijenti ***tiġi aċċessata*** f'konformità mal-Artikolu 5(1);	(b) ***jipproteġi*** l-kunfidenzjalità tas-sigrieti kummerċjali u d-drittijiet tal-proprjetà intellettwali meta d-data tal-klijenti ***ssir disponibbli*** f'konformità mal-Artikolu 5(1);

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huwa ssuġġerit li l-utent tad-data għandu "jipproteġi" u mhux biss "jirrispetta" s-sigrieti

kummerċjali u d-drittijiet tal-proprjetà intellettwali. Barra minn hekk, l-Artikolu 5(1) jirreferi għall-fatt li d-data ssir disponibbli minflok ma tiġi aċċessata.

Emenda 68

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 4 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) jirrispetta d-drittijiet tal-protezzjoni tad-data tal-konsumaturi u l-livell ta' protezzjoni garantit mir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Jidher adegwat li ssir referenza wkoll għar-regolament dwar il-protezzjoni tad-data f'din il-lista ta' obbligi lill-utenti tad-data biex tiġi żgurata l-ġestjoni effettiva tad-data tal-klijenti.

Emenda 69

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 4 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) jistabbilixxi miżuri tekniċi, legali u organizzattivi adegwati sabiex jipprevjeni t-trasferiment jew l-aċċess ta' data ***mhux personali*** tal-klijenti li tkun illegali skont id-dritt tal-Unjoni jew il-liġi nazzjonali ta' Stat Membru;	(c) jistabbilixxi miżuri tekniċi, legali u organizzattivi adegwati sabiex jipprevjeni t-trasferiment jew l-aċċess ta' data tal-klijenti li tkun illegali skont id-dritt tal-Unjoni jew il-liġi nazzjonali ta' Stat Membru;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huwa ssuġġerit li l-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni ma jiġix limitat għal data mhux personali tal-klijenti biss.

Emenda 70

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 4 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) ma jittrasferixxix data tal-klijent lil xi parti terza mingħajr il-permess espliċitu tal-klijent.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-permess tal-klijent huwa meħtieġ għat-trasferiment tad-data lil entità oħra tal-grupp skont il-punt (f) f'dan il-paragrafu. A fortiori, tali permess għandu jkun meħtieġ ukoll qabel kwalunkwe trasferiment lil entità oħra li ma hijiex parti mill-grupp.

Emenda 71

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 4 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) jieħu l-miżuri meħtieġa biex jiżgura livell xieraq ta' sigurtà għall-ħżin, l-ipproċessar u t-trażmissjoni ta' data ***mhux personali*** tal-klijenti;	(d) jieħu l-miżuri meħtieġa biex jiżgura livell xieraq ta' sigurtà għall-ħżin, l-ipproċessar u t-trażmissjoni ta' data tal-klijenti;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huwa ssuġġerit li l-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni ma jiġix limitat għal data mhux personali tal-klijenti biss.

Emenda 72

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 4 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) ***ma jipproċessax id-data tal-klijenti***	(e) ***jikkuntattja lill-klijenti biss*** għal

għal finijiet ta' reklamar, ħlief għal marketing dirett ***f'konformità mad-dritt tal-Unjoni u mal-liġi nazzjonali***;	***finijiet ta'*** marketing dirett ***soġġett għall-kunsens minn qabel tagħhom jew b'offerti għal prodotti jew servizzi simili għal dawk li għalihom aċċessaw id-data tal-klijenti u bil-kundizzjonijiet previsti mill-Artikolu 13(2) tad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika***;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Kif irrakkomandat mill-EDPS fl-opinjoni tiegħu (punt 25), dan is-suġġeriment għandu l-għan li jżid iċ-ċertezza legali u jnaqqas ir-riskji ta' reklamar immirat li ma huwiex mistenni mis-suġġett tad-data.

Emenda 73

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 4 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ea) ma jagħmilx id-data li jirċievi disponibbli għal impriża nnominata bħala gwardjan skont l-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2022/1925.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huwa ssuġġerit li tiġi introdotta dispożizzjoni li tipprevjeni lill-gwardjani fi ħdan l-Att dwar is-Swieq Diġitali milli jaċċessaw id-data skont il-FiDA. Il-kliem huwa ispirat mill-Artikolu 6, il-paragrafu 2, il-punt (d) tal-Att dwar id-Data (kif adottat; il-pubblikazzjoni fil-ĠU se ssir daqt).

Emenda 74

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 4 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) meta l-utent tad-data jkun parti minn grupp ta' kumpaniji, id-data tal-	(f) meta l-utent tad-data jkun parti minn grupp ta' kumpaniji, id-data tal-

klijenti elenkata fl-Artikolu 2(1) għandha ***tiġi aċċessata*** u pproċessata biss mill-entità tal-grupp li taġixxi bħala utent tad-data.	klijenti elenkata fl-Artikolu 2(1) għandha ***ssir disponibbli għall-entità*** tal-grupp li taġixxi bħala utent tad-data u ***tiġi pproċessata biss minnha***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-Artikolu 5(1) jirreferi għall-fatt li d-data ssir disponibbli minflok ma tiġi aċċessata.

Emenda 75

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-ipproċessar tad-data tal-klijenti msemmija fl-Artikolu 2(1) ta' dan ir-Regolament ***li tikkostitwixxi data personali*** għandu jkun limitat għal dak li huwa meħtieġ b'rabta mal-finijiet li għalihom tiġi pproċessata.	1. L-ipproċessar tad-data tal-klijenti msemmija fl-Artikolu 2(1) ta' dan ir-Regolament għandu jkun limitat għal dak li huwa meħtieġ b'rabta mal-finijiet li għalihom tiġi pproċessata.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huwa ssuġġerit li l-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni ma jiġix limitat għal data personali biss. Dan huwa konformi wkoll mal-Artikolu 6(4), punt (a), li huwa relatat kemm mad-data tal-klijenti personali kif ukoll dik mhux personali.

Emenda 76

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	***1a. [L-ABE, l-ESMA u l-EIOPA] għandhom jiżviluppaw abbozz ta' standards tekniċi regolatorji, l-implimentazzjoni tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għall-prodotti u s-servizzi relatati mas-sistema ta' evalwazzjoni ta'**

kreditu tal-konsumatur.

[L-ABE, l-ESMA u l-EIOPA] għandhom jissottomettu dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sa ... [12-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju].

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tissupplimenta dan ir-Regolament billi tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Gwida fil-livell 2 hija utli biex jiġi pprevenut ir-riskju li d-data tal-konsumatur tintuża ħażin.

Emenda 77

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. F'konformità mal-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-Awtorità Bankarja Ewropea (EBA) għandha tiżviluppa linji gwida dwar l-implimentazzjoni tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għall-prodotti u s-servizzi relatati mas-sistema ta' evalwazzjoni ta' kreditu tal-konsumatur.	2. F'konformità mal-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-Awtorità Bankarja Ewropea (EBA) għandha tiżviluppa linji gwida dwar l-implimentazzjoni tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għall-prodotti u s-servizzi relatati mas-sistema ta' evalwazzjoni ta' kreditu tal-konsumatur***, għall-ftehimiet ta' kreditu ipotekarju, għall-provvista ta' servizzi ta' pagament u għall-prodotti ta' investiment***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Gwida fil-livell 2 hija utli biex jiġi pprevenut ir-riskju li d-data tal-konsumatur tintuża ħażin.

Emenda 78

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. ***F'konformità mal-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1094/2010,*** l-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol (EIOPA) għandha tiżviluppa ***linji gwida*** dwar l-implimentazzjoni tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għall-prodotti u s-servizzi relatati mal-valutazzjoni tar-riskju u l-ipprezzar ta' konsumatur fil-każ ta' prodotti ta' assigurazzjoni tal-ħajja, tas-saħħa u tal-mard.	3. L-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol (EIOPA) għandha tiżviluppa ***abbozz ta' standards tekniċi regolatorji*** dwar l-implimentazzjoni tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għall-prodotti u s-servizzi relatati mal-valutazzjoni tar-riskju u l-ipprezzar ta' konsumatur fil-każ ta' prodotti ta' assigurazzjoni tal-ħajja, tas-saħħa u tal-mard. ***Biex jiġi evitat li ċerti konsumaturi ma jkunux jistgħu jaċċessaw l-assigurazzjoni minħabba valutazzjonijiet tar-riskju granulari żżejjed, dawk l-istandards tekniċi regolatorji għandhom jinkludu dispożizzjonijiet dwar kif tista' tintuża i-data biex tiġi evitata granularità eċċessiva li timmina l-prinċipju tal-"kondiviżjoni tar-riskju" tal-assigurazzjoni.*** ***L-EIOPA għandha tissottometti l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji msemmi fl-ewwel subparagrafu lill-Kummissjoni sa ... [XX]***. ***Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tissupplimenta dan ir-Regolament billi tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

F'dan il-qasam huma meħtieġa miżuri b'saħħithom u vinkolanti biex jiġi pprevenut ir-riskju li d-data tal-konsumatur tintuża ħażin. Għalhekk huwa ssuġġerit li l-ASE jingħataw mandat biex jiżviluppaw RTSs li jelenkaw sett finit ta' data li tista' tinġabar u tintuża għal kull wieħed mill-każijiet ta' użu koperti fl-Artikolu 7. Dan huwa konformi mal-prinċipji tal-Artikolu 5(1) tal-GDPR tal-"limitazzjoni tal-iskop" u l-"minimizzazzjoni tad-data", filwaqt li jinżamm grad ta' flessibbiltà peress li l-RTSs jistgħu jiġu aġġornati biex jirriflettu żviluppi ġodda.

Emenda 79

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Meta jkunu qed iħejju l-linji gwida msemmija fil-paragrafi 2 u 3 ta' dan l-Artikolu, l-EIOPA u l-EBA għandhom ***jikkooperaw mill-qrib mal-Bord*** Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data stabbilit bir-Regolament (UE) 2016/679.	4. Meta jkunu qed iħejju l-linji gwida ***u l-abbozzi ta' standards regolatorji*** msemmija fil-paragrafi 2 u 3 ta' dan l-Artikolu, l-EIOPA u l-EBA għandhom ***jikkonsultaw formalment lill-Bord*** Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data stabbilit bir-Regolament (UE) 2016/679.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-konsultazzjoni formali tal-EDPB issegwi rakkomandazzjoni magħmula mill-EDPS fl-opinjoni tiegħu (punt 30).

Emenda 80

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. Il-konsumaturi ma għandux ikollhom l-aċċess miċħud għal prodott finanzjarju fuq l-unika bażi li ma jagħtux permess li d-data tagħhom tiġi aċċessata permezz tal-qafas stabbilit minn dan ir-Regolament. Għall-finijiet tal-implimentazzjoni ta' dan il-paragrafu, l-oneru tal-prova għandu jkun fuq l-utent tad-data.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-konsumaturi ma għandux ikollhom l-aċċess miċħud għal prodott finanzjarju sempliċement għax ma jagħtux permess li d-data tagħhom tiġi aċċessata permezz tal-qafas tal-FiDA. Dan is-suġġeriment huwa konformi mal-opinjoni tal-EDPS (punt 22) u għandu l-għan li

jipprevjeni r-riskji tal-esklużjoni finanzjarja tal-klijenti wara li jitqiesu kemm l-eliġibbiltà għall-prodotti u s-servizzi finanzjarji kif ukoll l-ipprezzar tagħhom.

Emenda 81

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Detentur tad-data għandu jipprovdi lill-klijent b'dashboard tal-permessi biex jimmonitorja u jiġġestixxi l-permessi li klijent ikun ipprovda lill-utenti tad-data.	1. Detentur tad-data għandu jipprovdi lill-klijent b'dashboard tal-permessi ***faċilment aċċessibbli*** biex jimmonitorja u jiġġestixxi l-permessi li klijent ikun ipprovda lill-utenti tad-data.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Id-dashboard tal-permessi għandu jkun faċilment aċċessibbli.

Emenda 82

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 2 – punt -a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(-a) jagħti s-setgħa lill-klijent biex jimmaniġġa kull permess b'mod infurmat u imparzjali.

Or. en

Ġustifikazzjoni

F'konformità mal-punt 38 tal-opinjoni tal-EDPS, huwa ssuġġerit li din is-sentenza mill-premessa 21 tiġi riflessa wkoll fid-dispożizzjoni ta' promulgazzjoni.

Emenda 83

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 2 – punt a – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) jipprovdi lill-klijent b'ħarsa ġenerali lejn kull permess attiv mogħti ***lill-utenti*** tad-data, inklużi:	(a) jipprovdi lill-klijent ***fi kwalunkwe ħin*** b'ħarsa ġenerali lejn kull permess attiv mogħti ***lil kull utent*** tad-data, inklużi:

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-klijenti għandhom fi kwalunkwe ħin ikollhom id-dritt li jkunu jafu liema mid-data tagħhom tintuża minn utent tad-data partikolari.

Emenda 84

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 2 – punt a – punt -i (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(-i) id-data meta l-klijent ikun ta l-permess;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Biex il-klijenti jkunu jistgħu jimmaniġġaw il-permessi tagħhom b'mod effettiv, huwa utli li f'din il-ħarsa ġenerali tiġi inkluża d-data tal-permess.

Emenda 85

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 2 – punt a – punt iv

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(iv) il-kategoriji ta' data ***kondiviża***;	(iv) il-kategoriji ta' data ***li għalihom ikun ingħata aċċess***;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Allinjament tal-kliem mal-punt (ii).

Emenda 86

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 2 – punt a – punt iva (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(iva) il-post fejn tinħażen id-data;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Id-dashboard għandu jippermetti lill-klijenti jkunu jafu l-post eżatt fejn tinħażen id-data tagħhom, fi kwalunkwe ħin.

Emenda 87

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 2– punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) jippermetti lill-klijent jirtira permess mogħti lil utent tad-data;	(b) jippermetti lill-klijent jirtira permess mogħti lil utent tad-data ***fi kwalunkwe ħin***;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Klijent għandu jkun jista' jirtira permess fi kwalunkwe ħin.

Emenda 88

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) jippermetti lill-klijent jerġa' jistabbilixxi kwalunkwe permess irtirat;	(c) jippermetti lill-klijent jerġa' jistabbilixxi kwalunkwe permess irtirat ***fi kwalunkwe ħin***;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Klijent għandu jkun jista' jerġa' jistabbilixxi permess irtirat fi kwalunkwe ħin.

Emenda 89

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Id-detentur tad-data għandu jiżgura li d-dashboard tal-permessi jkun faċli biex jinstab fl-interfaċċa tal-utent tiegħu u li l-informazzjoni murija fuq id-dashboard tkun ċara, preċiża u tinftiehem faċilment mill-klijent.	3. Id-detentur tad-data għandu jiżgura li d-dashboard tal-permessi jkun faċli biex jinstab fl-interfaċċa tal-utent tiegħu u li l-informazzjoni murija fuq id-dashboard tkun ċara, ***oġġettiva,*** preċiża u tinftiehem faċilment mill-klijent ***u limitata esklużivament għall-informazzjoni pprovduta mill-utent tad-data rilevanti***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Iż-żieda ssuġġerita għandha l-għan li tiċċara li d-dashboard tal-permessi ma għandux jitħalla juri xi informazzjoni (spekulattiva), li ma tkunx ġiet ipprovduta mill-utent tad-data.

Emenda 90

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. Id-detentur tad-data għandu jiżgura li d-dashboard tal-permessi ma tkunx imfassla b'mod li jinkoraġġixxi jew jinfluwenza bla bżonn lill-klijent biex jagħti jew jirtira permessi, b'mod li ma jkunx fl-aħjar interess tal-klijent, jew b'mod li materjalment jgħawweġ jew ifixkel il-kapaċità tal-klijenti li jieħdu deċiżjonijiet ħielsa u infurmati.

Or. en

Ġustifikazzjoni

F'konformità mal-punt 38 tal-opinjoni tal-EDPS, huwa ssuġġerit li din is-sentenza mill-premessa 21 tiġi riflessa wkoll fid-dispożizzjoni ta' promulgazzjoni.

Emenda 91

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 4 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Id-detentur tad-data u l-utent tad-data li għalihom ikun ingħata permess minn klijent għandhom jikkooperaw biex jagħmlu l-informazzjoni disponibbli għall-klijent permezz tad-dashboard f'ħin reali. Sabiex jiġu ssodisfati l-obbligi fil-paragrafu 2***(a), (b), (c) u (d)*** ta' dan l-Artikolu:	4. Id-detentur tad-data u l-utent tad-data li għalihom ikun ingħata permess minn klijent għandhom jikkooperaw biex jagħmlu l-informazzjoni disponibbli għall-klijent permezz tad-dashboard f'ħin reali. Sabiex jiġu ssodisfati l-obbligi fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu:

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dawn ir-referenzi speċifiċi huma żejda.

Emenda 92

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 4 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) Id-detentur tad-data għandu jinforma lill-utent tad-data bil-bidliet li jsiru f'permess dwar dak l-utent tad-data, magħmulin minn klijent permezz tad-dashboard.	(a) Id-detentur tad-data għandu jinforma lill-utent tad-data bil-bidliet li jsiru f'permess***, inkluż irtirar,*** dwar dak l-utent tad-data, magħmulin minn klijent permezz tad-dashboard.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Irtirar ta' permess jikkostitwixxi wkoll bidla fil-permess. Huwa ssuġġerit li dan jissemma b'mod espliċitu minħabba raġunijiet ta' ċarezza.

Emenda 93

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. Għall-fini ta' dan l-Artikolu, detenturi tad-data differenti jistgħu jipprovdu fuq bażi kollettiva dashboard tal-permessi lill-klijenti, dment li tali dashboard tal-permessi kollettiv jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafi 1 sa 4 ta' dan l-Artikolu.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Minflok ma jkun hemm għadd kbir ta' detenturi tad-data li jipprovdu dashboards tal-permessi separati lill-klijenti, jista' jkun aktar effettiv li jkun hemm dashboards tal-permessi ċentrali. B'dan il-mod, il-klijenti jkollhom inqas probabbiltà li ma jżommux amment ta' liema permess taw lil xi ħadd partikolari. Għalhekk huwa ssuġġerit li d-detenturi tad-data jitħallew jaħdmu flimkien biex jipprovdu dashboard tal-permessi kollettiv.

Emenda 94

Proposta għal regolament
Titolu IV

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Skemi ta' ***Kondiviżjoni tad-Data*** Finanzjarja	Skemi ta' ***Aċċess għad***-Data Finanzjarja
	(Din l-emenda tapplika għat-test leġiżlattiv kollu li qed jiġi eżaminat.)

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huwa ssuġġerit li jintuża lingwaġġ li jiffoka b'mod aktar ċar fuq l-istabbiliment ta' drittijiet tal-aċċess għad-data għall-konsumaturi u l-klijenti kummerċjali. Il-FiDA għandu l-ewwel u qabel kollox jippermetti lill-klijenti jieħdu kontroll fuq id-data tagħhom sabiex ikunu jistgħu jaċċessawha u jerġgħu jużawha kif jidhrilhom xieraq.

Emenda 95

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Kwalunkwe ***kondiviżjoni tad-data*** għandha ssir f'konformità mar-regoli u l-modalitajiet ta' skema ta' ***kondiviżjoni tad-data*** finanzjarja li tagħha kemm l-utent tad-data kif ukoll id-detentur tad-data jkunu membri.	Kwalunkwe ***aċċess għad-data*** għandha ssir f'konformità mar-regoli u l-modalitajiet ta' skema ta' ***aċċess għad-data*** finanzjarja li tagħha kemm l-utent tad-data kif ukoll id-detentur tad-data jkunu membri.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huwa ssuġġerit li jintuża lingwaġġ li jiffoka b'mod aktar ċar fuq l-istabbiliment ta' drittijiet tal-aċċess għad-data għall-konsumaturi u l-klijenti kummerċjali. Il-FiDA għandu l-ewwel u qabel kollox jippermetti lill-klijenti jieħdu kontroll fuq id-data tagħhom sabiex ikunu jistgħu jaċċessawha u jerġgħu jużawha kif jidhrilhom xieraq.

Emenda 96

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt a – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(i) id-detenturi tad-data u l-utenti tad-data li jirrappreżentaw proporzjon sinifikanti tas-suq tal-prodott jew tas-servizz ikkonċernat, b'kull naħa jkollha rappreżentanza ġusta u ugwali fil-proċessi interni tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-iskema, kif ukoll piż ugwali fi kwalunkwe proċedura ta' votazzjoni; meta membru jkun kemm detentur tad-data kif ukoll utent	(i) id-detenturi tad-data u l-utenti tad-data li jirrappreżentaw proporzjon sinifikanti tas-suq tal-prodott jew tas-servizz ikkonċernat, b'kull naħa jkollha rappreżentanza ġusta u ugwali fil-proċessi interni tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-iskema, kif ukoll ***kull membru li jkollu*** piż ugwali ***fin-naħa tagħhom*** fi kwalunkwe proċedura ta' votazzjoni; meta membru

tad-data, is-sħubija tiegħu għandha titqies b'mod ugwali għaż-żewġ naħat;	jkun kemm detentur tad-data kif ukoll utent tad-data, is-sħubija tiegħu għandha titqies b'mod ugwali għaż-żewġ naħat;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Rappreżentazzjoni ġusta u ugwali jistħoqqilha kjarifika, biex jiġi evitat li l-kumpaniji kbar jinterpretaw din id-dispożizzjoni ħażin billi jippromwovu distribuzzjoni tad-drittijiet tal-vot skont id-daqs tal-kumpanija, li ma hijiex l-intenzjoni tal-leġiżlatur. Barra minn hekk, proċessi ta' teħid ta' deċiżjonijiet li ma humiex iddominati minn għadd żgħir ta' kumpaniji kbar jinċentivaw lill-SMEs biex jissieħbu fi skemi ta' aċċess għad-data.

Emenda 97

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt a – punt ii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(ii) organizzazzjonijiet tal-klijenti u assoċjazzjonijiet tal-konsumaturi.	(ii) organizzazzjonijiet tal-klijenti u assoċjazzjonijiet tal-konsumaturi ***fir-rigward tas-settur finanzjarju***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-organizzazzjonijiet tal-klijenti u l-assoċjazzjonijiet tal-konsumaturi involuti fl-iskemi ta' aċċess għad-data finanzjarja għandu jkollhom għarfien espert fir-rigward tas-settur finanzjarju.

Emenda 98

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) skema ta' ***kondiviżjoni tad-data*** finanzjarja ma għandha timponi l-ebda kontroll jew kundizzjoni addizzjonali ***għall-kondiviżjoni*** ta' data għajr dawk previsti f'dan ir-Regolament jew skont dritt	(d) skema ta' ***aċċess għad-data*** finanzjarja ma għandha timponi l-ebda kontroll jew kundizzjoni addizzjonali ***għall-aċċess u l-użu mill-ġdid*** ta' data għajr dawk previsti f'dan ir-Regolament

applikabbli ieħor tal-Unjoni;	jew skont dritt applikabbli ieħor tal-Unjoni;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huwa ssuġġerit li jintuża lingwaġġ li jiffoka b'mod aktar ċar fuq l-istabbiliment ta' drittijiet tal-aċċess għad-data għall-konsumaturi u l-klijenti kummerċjali. Il-FiDA għandu l-ewwel u qabel kollox jippermetti lill-klijenti jieħdu kontroll fuq id-data tagħhom sabiex ikunu jistgħu jaċċessawha u jerġgħu jużawha kif jidhrilhom xieraq.

Emenda 99

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(g) skema ta' ***kondiviżjoni tad-data*** finanzjarja għandha tinkludi l-istandards komuni għad-data u l-interfaċċi tekniċi li jippermettu lill-klijenti jitolbu ***kondiviżjoni tad-data*** f'konformità mal-Artikolu 5(1). L-istandards komuni għall-interfaċċi tekniċi u tad-data li jaqblu li jużaw il-membri tal-iskema jistgħu jiġu żviluppati mill-membri tal-iskema jew minn partijiet jew korpi oħrajn;	(g) skema ta' ***aċċess għad-data*** finanzjarja għandha tinkludi l-istandards komuni għad-data u l-interfaċċi tekniċi li jippermettu lill-klijenti jitolbu ***aċċess għad-data*** f'konformità mal-Artikolu 5(1). L-istandards komuni għall-interfaċċi tekniċi u tad-data li jaqblu li jużaw il-membri tal-iskema ***għandhom jibbażaw fuq standards internazzjonali jew rikonoxxuti mill-industrija eżistenti jew*** jistgħu jiġu żviluppati mill-membri tal-iskema jew minn partijiet jew korpi oħrajn ***f'koordinazzjoni mal-Bord Ewropew għall-Innovazzjoni fil-qasam tad-Data stabbilit bir-Regolament (UE) 2022/868***;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Billi jinħolqu sinerġiji mad-data minn setturi rilevanti oħra, il-potenzjal innovattiv ta' tali prodotti finanzjarji u servizzi finanzjarji jista' jissaħħaħ aktar għall-benefiċċju tal-klijenti u l-ekonomija ġenerali tad-data. Biex jiġi promoss l-użu tad-data transsettorjali, huwa ssuġġerit li ssir referenza għall-EDIB kif stabbilit mill-Att dwar il-Governanza tad-Data.

Emenda 100

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt ga (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ga) skema ta' aċċess għad-data finanzjarja għandha tinkludi l-miżuri tekniċi u organizzattivi minimi li l-membri tal-iskema ta' aċċess għad-data finanzjarja għandhom jimplimentaw biex jiżguraw livell xieraq ta' sigurtà għad-data skambjata.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din issegwi suġġeriment mill-EDPS fl-opinjoni tiegħu (punt 45).

Emenda 101

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt h – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(h) skema ta' ***kondiviżjoni tad-data*** finanzjarja għandha tistabbilixxi mudell biex tiddetermina l-kumpens massimu li detentur tad-data huwa intitolat li jitlob biex jagħmel id-data disponibbli permezz ta' interfaċċa teknika xierqa ***għall-kondiviżjoni tad-data mal-utenti tad-data*** f'konformità mal-istandards komuni żviluppati taħt il-punt (g). Il-mudell għandu jkun ibbażat fuq il-prinċipji li ġejjin:	(h) skema ta' ***aċċess għad-data*** finanzjarja għandha tistabbilixxi mudell biex tiddetermina l-kumpens massimu li detentur tad-data huwa intitolat li jitlob ***lill-utent tad-data*** biex jagħmel id-data disponibbli permezz ta' interfaċċa teknika xierqa ***ħalli l-utent tad-data ikun jista' jaċċessa d-data*** f'konformità mal-istandards komuni żviluppati taħt il-punt (g). Il-mudell għandu jkun ibbażat fuq il-prinċipji li ġejjin:

Or. en

Ġustifikazzjoni

Kjarifika għall-allinjament aktar mill-qrib mal-Artikolu 5.

Emenda 102

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt h – subparagrafu 1 – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(i) jenħtieġ li jkun limitat għal kumpens raġonevoli ***direttament*** relatat ***mat-tqegħid*** tad-data għad-dispożizzjoni tal-utent tad-data u li huwa attribwibbli għat-talba;	(i) jenħtieġ li jkun limitat għal kumpens raġonevoli ***u proporzjonat*** relatat ***mal-kostijiet imġarrba fit-tqegħid*** tad-data għad-dispożizzjoni tal-utent tad-data u li huwa attribwibbli għat-talba***. Meta jaqblu dwar xi kumpens, il-membri tal-iskema għandhom iqisu b'mod partikolari l-kostijiet meħtieġa għall-ifformattjar tad-data, it-tixrid permezz ta' mezzi elettroniċi u l-ħażna, u l-investimenti fil-ġbir u l-produzzjoni tad-data, meta applikabbli, filwaqt li jqisu jekk partijiet oħra ikkontribwewx għall-kisba, il-ġenerazzjoni jew il-ġbir tad-data inkwistjoni. Il-kumpens jista' jiddependi wkoll mill-volum, il-format u n-natura tad-data***;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Allinjament eqreb mal-paragrafi 2 u 3 tal-Artikolu 9 tal-Att dwar id-Data (kif adottat; il-pubblikazzjoni fil-ĠU se ssir daqt). It-tħassir tal-kelma "direttament" għandu l-għan li jiddelinea b'mod aktar ċar l-eżenzjoni fl-aħħar subparagrafu tal-punt (h).

Emenda 103

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt h – subparagrafu 1 – punt ii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(ii) jenħtieġ li jkun ibbażat fuq metodoloġija oġġettiva, trasparenti u mhux diskriminatorja maqbula mill-membri tal-iskema;	(ii) jenħtieġ li jkun ibbażat fuq metodoloġija oġġettiva, trasparenti u mhux diskriminatorja maqbula mill-membri tal-iskema ***u jista' jinkludi marġini***;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Allinjament eqreb mal-Artikolu 9, il-paragrafu 1 tal-Att dwar id-Data (kif adottat; il-pubblikazzjoni fil-ĠU se ssir daqt).

Emenda 104

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt h – subparagrafu 1 – punt v

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(v) jenħtieġ li jitfassal sabiex il-kumpens jiġi indirizzat lejn l-aktar livelli baxxi prevalenti fis-suq; u	(v) jenħtieġ li jitfassal sabiex il-kumpens jiġi indirizzat lejn l-aktar livelli baxxi prevalenti fis-suq***, filwaqt li jiżgura li jkun hemm biżżejjed inċentivi biex titrawwem l-adozzjoni tas-suq u l-kompetizzjoni effettiva***; u

Or. en

Ġustifikazzjoni

Id-detenturi tad-data għandhom ikunu inċentivati biżżejjed biex jibnu u jżommu l-infrastruttura meħtieġa biex id-data tkun disponibbli.

Emenda 105

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt h – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta l-utent tad-data jkun intrapriża mikro, żgħira jew medja, kif definita fl-Artikolu 2 tal-Anness tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE tas-6 ta' Mejju 2003[42], kwalunkwe kumpens miftiehem ma għandux jaqbeż il-kostijiet direttament relatati mat-tqegħid tad-data għad-dispożizzjoni ***tar-riċevitur*** tad-data u li huma attribwibbli għat-talba.	Meta l-utent tad-data jkun intrapriża mikro, żgħira jew medja, kif definita fl-Artikolu 2 tal-Anness tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE tas-6 ta' Mejju 2003[42], kwalunkwe kumpens miftiehem ma għandux jaqbeż il-kostijiet direttament relatati mat-tqegħid tad-data għad-dispożizzjoni ***tal-utent*** tad-data u li huma attribwibbli għat-talba.
[42] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Mejju 2003 rigward id-	[42] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Mejju 2003 rigward id-

definizzjoni ta' intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju (C(2003) 1422) ĠU L 124, 20.5.2003, p. 36.	definizzjoni ta' intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju (C(2003) 1422) ĠU L 124, 20.5.2003, p. 36.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Peress li t-terminu "riċevitur tad-data" ma huwiex definit fl-Artikolu 3, huwa ssuġġerit li minflok jintuża t-terminu "utent tad-data".

Emenda 106

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt h – subparagrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Il-Kummissjoni għandha tadotta linji gwida dwar il-kalkolu tal-kumpens raġonevoli u proporzjonat, filwaqt li tqis il-parir tal-Bord Ewropew għall-Innovazzjoni fil-Qasam tad-Data (EDIB) stabbilit bir-Regolament (UE) 2022/868.

Or. en

Ġustifikazzjoni

F'konformità mal-Artikolu 9, il-paragrafu 6 tal-Att dwar id-Data (kif adottat; il-pubblikazzjoni fil-ĠU se ssir daqt), huwa ssuġġerit li tiġi pprovduta gwida tal-livell 2 dwar il-kalkolu tal-kumpens u li ssir referenza għall-EDIB kif stabbilit mill-Att dwar il-Governanza tad-Data.

Emenda 107

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt ia (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ia) skema ta' aċċess għad-data finanzjarja għandha tipprevedi mekkaniżmu ta' kumpens finanzjarju lill-

	klijenti għal kwalunkwe telf ta' data, ħsara jew frodi mġarrba minn dawk il-klijenti;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-klijenti li taw permess biex jaċċessaw id-data tagħhom għandhom jiġu kkumpensati minn detenturi tad-data u/jew utenti tad-data fil-każ ta' użu ħażin, telf jew frodi li tinvolvi din id-data. Għalhekk, l-iskemi ta' aċċess għad-data finanzjarja għandhom jipprovdu regoli dwar tali kumpens lill-klijenti.

Emenda 108

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Skema ta' ***kondiviżjoni tad-data*** finanzjarja stabbilita f'konformità ma' dan l-Artikolu għandha tiġi nnotifikata ***lill-awtorità kompetenti tal-istabbiliment tal-aktar tliet detenturi tad-data sinifikanti li jkunu membri ta' dik l-iskema fil-mument tal-istabbiliment tal-iskema. Meta l-aktar tliet detenturi tad-data sinifikanti jkunu stabbiliti fi Stati Membri differenti, jew meta jkun hemm aktar minn awtorità kompetenti waħda fl-Istat Membru tal-istabbiliment tal-aktar tliet detenturi tad-data sinifikanti, l-iskema għandha tiġi nnotifikata lil dawn l-awtoritajiet kollha, li għandhom jaqblu bejniethom dwar liema awtorità għandha twettaq il-valutazzjoni msemmija fil-paragrafu 6***.	4. Skema ta' ***aċċess għad-data*** finanzjarja stabbilita f'konformità ma' dan l-Artikolu għandha tiġi nnotifikata ***lill-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huwa ssuġġerit li l-iskemi jiġu vvalutati fil-livell Ewropew mill-ASE aktar milli fil-livell nazzjonali mill-awtoritajiet kompetenti. Il-proposta tal-Kummissjoni diġà ssuġġeriet ċertu livell ta' ċentralizzazzjoni bl-istabbiliment tar-reġistru propost fl-Artikolu 15, inklużi l-iskemi. Għalhekk, ikun aktar loġiku li l-valutazzjoni titħalla wkoll f'idejn l-ASE, sabiex jiġu evitati valutazzjonijiet differenti ta' skemi mill-awtoritajiet nazzjonali li jistgħu jipperikolaw il-

kundizzjonijiet ekwivalenti.

Emenda 109

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 6 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fi żmien xahar minn meta tirċievi n-notifika skont il-paragrafu 4, ***l-awtorità kompetenti għandha tivvaluta*** jekk il-modalitajiet u l-karatteristiċi ta' governanza tal-iskema ta' ***kondiviżjoni tad-data*** finanzjarja humiex konformi mal-paragrafu 1. Meta tivvaluta l-konformità tal-iskema ta' ***kondiviżjoni tad-data*** finanzjarja mal-paragrafu 1, ***l-awtorità kompetenti tista' tikkonsulta*** awtoritajiet kompetenti oħrajn.	Fi żmien xahar minn meta tirċievi n-notifika skont il-paragrafu 4, ***l-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej għandhom jivvalutaw*** jekk il-modalitajiet u l-karatteristiċi ta' governanza tal-iskema ta' ***aċċess għad-data*** finanzjarja humiex konformi mal-paragrafu 1. Meta tivvaluta l-konformità tal-iskema ta' ***kondiviżjoni tad-data*** finanzjarja mal-paragrafu 1, ***l-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej jistgħu jikkonsultaw*** awtoritajiet kompetenti oħrajn***, inklużi l-awtoritajiet superviżorji skont ir-Regolament (UE) 2016/679***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-proposta tal-Kummissjoni diġà ssuġġeriet ċertu livell ta' ċentralizzazzjoni fil-livell tal-UE fir-reġistru tal-Artikolu 15. Biex tiġi evitata valutazzjoni differenti ta' skemi mill-NCAs i li jistgħu jipperikolaw kundizzjonijiet ekwivalenti, huwa ssuġġerit li jiżdied aktar ir-rwol tal-ASE. Barra minn hekk, huwa aċċettat suġġeriment magħmul mill-EDPS fl-opinjoni tiegħu (punt 49): minħabba l-implikazzjonijiet prevedibbli tal-protezzjoni tad-data, jidher xieraq li ssir referenza espliċita għall-awtoritajiet superviżorji skont il-GDPR.

Emenda 110

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 6 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Mat-tlestija tal-valutazzjoni tagħha, ***l-awtorità kompetenti għandha tinforma lill-EBA bi skema*** ta' ***kondiviżjoni tad-data*** finanzjarja nnotifikata ***li tissodisfa d-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1. Skema***	Mat-tlestija tal-valutazzjoni tagħha, ***l-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej għandhom jinkludu l-iskema*** ta' ***aċċess għad-data*** finanzjarja nnotifikata ***fir-***

nnotifikata lill-EBA f'konformità ma' dan il-paragrafu għandha tiġi rikonoxxuta fl-Istati Membri kollha għall-fini ta' aċċess għad-data skont l-Artikolu 5(1) u ma għandhiex teħtieġ notifika ulterjuri fi kwalunkwe Stat Membru ieħor.	***reġistru definit fl-Artikolu 15***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dan il-paragrafu ma jibqax meħtieġ jekk il-proċess jiġi ssimplifikat billi jingħata dan il-kompitu lill-ASE aktar milli lill-NCA. Minflok huwa ssuġġerit li l-iskema ta' aċċess għad-data finanzjarja nnotifikata tkun inkluża fir-reġistru ċentrali definit fl-Artikolu 15.

Emenda 111

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	6a. L-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej għandhom iwettqu rieżamijiet komprensivi regolari tal-arranġamenti ta' governanza tal-iskemi ta' aċċess għad-data stabbiliti fl-Artikolu 10(1). Dawn ir-rieżamijiet għandhom jinkludu valutazzjoni bir-reqqa u ddokumentata dwar jekk l-arranġamenti tal-iskemi humiex xierqa u kredibbli għall-finijiet li jiġi żgurat it-trattament responsabbli tad-data tal-klijenti.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huwa ssuġġerit li l-ASE jintalbu regolarment iwettqu rieżami komprensiv tal-arranġamenti ta' governanza li jmur lil hinn minn eżerċizzju purament formalistiku ta' rutina tal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 10(1).

Emenda 112

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fil-każ li ma tiġix żviluppata skema ta' ***kondiviżjoni tad-data*** finanzjarja għal kategorija waħda jew aktar ta' data tal-klijenti skont l-Artikolu 2(1) u ma jkun hemm l-ebda prospett realistiku li tali skema ***tiġi stabbilita*** f'ammont ta' żmien raġonevoli, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta att delegat f'konformità mal-Artikolu 30 biex jissupplimenta dan ir-Regolament billi jispeċifika l-modalitajiet li ġejjin li taħthom detentur tad-data għandu jagħmel disponibbli d-data tal-klijenti skont l-Artikolu 5(1) għal dik il-kategorija ta' data:	Fil-każ li ma tiġix żviluppata ***kompletament*** skema ta' ***aċċess għad-data*** finanzjarja għal kategorija waħda jew aktar ta' data tal-klijenti skont l-Artikolu 2(1) u ma jkun hemm l-ebda prospett realistiku li tali skema ***titlesta*** f'ammont ta' żmien raġonevoli, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta att delegat f'konformità mal-Artikolu 30 biex jissupplimenta dan ir-Regolament billi jispeċifika l-modalitajiet li ġejjin li taħthom detentur tad-data għandu jagħmel disponibbli d-data tal-klijenti skont l-Artikolu 5(1) għal dik il-kategorija ta' data:

Or. en

Ġustifikazzjoni

Kjarifika li l-iskema ta' aċċess għad-data finanzjarja għandha tkun kompluta.

Emenda 113

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Meta tiżviluppa att delegat għall-fini tal-ewwel subparagrafu li jispeċifika l-modalitajiet imsemmija fil-punt (a), il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data skont l-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din issegwi suġġeriment mill-EDPS fl-opinjoni tiegħu (punt 46).

Emenda 114

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***Fornitur ta' servizzi ta' informazzjoni finanzjarja għandu jkun*** eliġibbli biex ***jaċċessa*** d-data tal-klijenti skont l-Artikolu 5(1) jekk ***ikun awtorizzat*** mill-awtorità kompetenti ta' Stat Membru.	1. ***Persuna ġuridika għandha tkun*** eliġibbli biex ***taċċessa*** d-data tal-klijenti skont l-Artikolu 5(1) ***u tipprovdi servizzi ta' informazzjoni finanzjarja*** jekk ***tkun awtorizzata*** mill-awtorità kompetenti ta' Stat Membru.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Fil-mument tal-applikazzjoni, il-kumpanija għadha ma hijiex FISP skont id-definizzjoni fl-Artikolu 3(7). Il-formulazzjoni "persuna ġuridika" ispirata mir-regolament dwar il-finanzjament kollettiv.

Emenda 115

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fornitur ta' servizzi ta' informazzjoni finanzjarja ***għandu jissottometti applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni*** lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ***ta' stabbiliment tal-uffiċċju rreġistrat tiegħu***, flimkien ma' dawn li ġejjin:	***Persuna ġuridika li għandha l-ħsieb li tipprovdi*** servizzi ta' informazzjoni finanzjarja ***għandha tapplika*** lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ***għal awtorizzazzjoni bħala fornitur ta' servizzi ta' informazzjoni finanzjarja, jiġifieri, fejn ikollha l-ħsieb li twettaq attivitajiet kummerċjali sostantivi***, flimkien ma' dawn li ġejjin:

Or. en

Ġustifikazzjoni

Fil-mument tal-applikazzjoni, il-kumpanija għadha ma hijiex FISP skont id-definizzjoni fl-Artikolu 3(7). Il-formulazzjoni "persuna ġuridika" ispirata mir-regolament dwar il-finanzjament kollettiv. Barra minn hekk, l-FISPs għandhom ikunu stabbiliti fl-UE, b'uffiċċju rreġistrat fi Stat Membru fejn iwettqu jew beħsiebhom iwettqu attivitajiet kummerċjali

sostantivi.

Emenda 116

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) programm ta' operazzjonijiet li jistabbilixxi b'mod partikolari t-tip ta' aċċess għad-data ***previst***;	(a) programm ta' operazzjonijiet li jistabbilixxi b'mod partikolari t-tip ta' aċċess għad-data ***u s-servizzi ta' informazzjoni finanzjarja previsti***;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huwa ssuġġerit li tiġi estiża d-dispożizzjoni dwar il-kontenut tal-programm ta' operazzjonijiet għas-servizzi ta' informazzjoni finanzjarja li l-applikant beħsiebu jipprovdi.

Emenda 117

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) deskrizzjoni tal-arranġamenti ta' governanza u tal-mekkaniżmi ta' kontroll intern tal-applikant, inklużi l-proċeduri amministrattivi, tal-ġestjoni tar-riskju u tal-kontabilità, kif ukoll l-arranġamenti għall-użu tas-servizzi tal-ICT f'konformità ***mar-Regolament*** (UE) 2022/2554 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, li turi li dawk l-arranġamenti ta' governanza, il-mekkaniżmi ta' kontroll u l-proċeduri huma proporzjonati, xierqa, sodi u adegwati;	(c) deskrizzjoni tal-arranġamenti ta' governanza u tal-mekkaniżmi ta' kontroll intern tal-applikant, inklużi l-proċeduri amministrattivi, tal-ġestjoni tar-riskju u tal-kontabilità, kif ukoll l-arranġamenti għall-użu tas-servizzi tal-ICT f'konformità ***mal-Kapitolu II tar-Regolament*** (UE) 2022/2554 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, li turi li dawk l-arranġamenti ta' governanza, il-mekkaniżmi ta' kontroll u l-proċeduri huma proporzjonati, xierqa, sodi u adegwati;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Referenza aktar preċiża għad-DORA.

Emenda 118

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) deskrizzjoni tal-arranġamenti ta' kontinwità tan-negozju, inkluża identifikazzjoni ċara tal-operazzjonijiet kritiċi, politika u pjanijiet effettivi ta' kontinwità tan-negozju tal-ICT u pjanijiet ta' rispons u rkupru tal-ICT, u proċedura biex jiġu ttestjati u rieżaminati regolarment l-adegwatezza u l-effiċjenza ta' tali pjanijiet f'konformità ***mar-Regolament*** (UE) 2022/2554;	(e) deskrizzjoni tal-arranġamenti ta' kontinwità tan-negozju, inkluża identifikazzjoni ċara tal-operazzjonijiet kritiċi, politika u pjanijiet effettivi ta' kontinwità tan-negozju tal-ICT u pjanijiet ta' rispons u rkupru tal-ICT, u proċedura biex jiġu ttestjati u rieżaminati regolarment l-adegwatezza u l-effiċjenza ta' tali pjanijiet f'konformità ***mal-Kapitolu II tar-Regolament*** (UE) 2022/2554;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Referenza aktar speċifika għad-DORA.

Emenda 119

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt j

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(j) l-indirizz tal-uffiċċju prinċipali tal-applikant;	(j) l-indirizz tal-uffiċċju prinċipali tal-applikant ***u, meta disponibbli, l-Identifikatur ta' Entità Ġuridika (LEI)***;

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-Identifikatur ta' Entità Ġuridika (LEI) ISO 17442, bħala standard globali, disponibbli faċilment u li jinqara mill-magni, jipprovdi mod effiċjenti biex jgħin fil-verifika tal-identità ta' kwalunkwe applikant FISP li jixtieq jaċċessa d-data tal-klijenti fil-qafas tal-FIDA.

Emenda 120

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-fornituri ta' servizzi ta' informazzjoni finanzjarja għandu jkollhom assigurazzjoni ta' indennizz professjonali li tkopri t-territorji li fihom ***jaċċessaw id-data***, jew xi garanzija komparabbli oħra, u għandhom jiżguraw dawn li ġejjin:	Il-fornituri ta' servizzi ta' informazzjoni finanzjarja għandu jkollhom assigurazzjoni ta' indennizz professjonali li tkopri t-territorji li fihom ***joffru servizzi ta' informazzjoni finanzjarja***, jew xi garanzija komparabbli oħra ***dwar ir-responsabbiltà***, u għandhom jiżguraw dawn li ġejjin:

Or. en

Ġustifikazzjoni

Kjarifika.

Emenda 121

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) kapaċità li jkopru r-responsabbiltà tagħhom li tirriżulta minn aċċess frawdolenti jew mhux awtorizzat għad-data, jew użu frawdolenti jew mhux awtorizzat tagħha;	(a) kapaċità li jkopru r-responsabbiltà tagħhom li tirriżulta minn ***negliġenza professjonali,*** aċċess frawdolenti jew mhux awtorizzat għad-data, jew użu frawdolenti jew mhux awtorizzat tagħha;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huwa ssuġġerit li n-negliġenza professjonali għandha tkun koperta mill-assigurazzjoni ta' indennizz professjonali jew kopertura oħra komparabbli.

Emenda 122

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 3 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Bħala alternattiva għaż-żamma ta' assigurazzjoni ta' indennizz professjonali jew ta' garanzija komparabbli oħra kif meħtieġ fl-ewwel subparagrafu, l-impriża kif imsemmija fis-subparagrafu preċedenti għandu jkollha kapital inizjali ta' EUR 50 000, li ***jista'*** jiġi sostitwit b'assigurazzjoni ta' indennizz professjonali jew garanzija komparabbli oħra wara li tibda l-attività tagħha bħala fornitur ta' servizzi ta' informazzjoni finanzjarja***, mingħajr dewmien żejjed***.	Bħala alternattiva għaż-żamma ta' assigurazzjoni ta' indennizz professjonali jew ta' garanzija komparabbli oħra kif meħtieġ fl-ewwel subparagrafu, l-impriża kif imsemmija fis-subparagrafu preċedenti għandu jkollha kapital inizjali ta' EUR 50 000, li ***għandu, mingħajr dewmien żejjed,*** jiġi sostitwit b'assigurazzjoni ta' indennizz professjonali jew garanzija komparabbli oħra ***dwar ir-responsabbiltà*** wara li tibda l-attività tagħha bħala fornitur ta' servizzi ta' informazzjoni finanzjarja.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Minħabba l-importanza ta' kopertura ta' assigurazzjoni xierqa, għandu jkun obbligatorju li tiġi konkluża assigurazzjoni ta' indennizz professjonali jew garanzija komparabbli.

Emenda 123

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. Il-fornituri ta' servizzi ta' informazzjoni finanzjarja awtorizzati f'konformità mal-Artikolu 14 għandhom dejjem jissodisfaw il-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni tagħhom.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Jidher xieraq li jiġi ddikjarat b'mod espliċitu li FISP għandu f'kull ħin jikkonforma mal-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni tiegħu.

Emenda 124

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 4 – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta lill-awtorità kompetenti fl-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni tal-forniturи ta' servizzi ta' informazzjoni finanzjarja, inklużi r-rekwiżiti stipulati fil-paragrafu ***1***(a) sa ***(l)***;	(a) l-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta lill-awtorità kompetenti fl-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni tal-forniturи ta' servizzi ta' informazzjoni finanzjarja, inklużi r-rekwiżiti stipulati fil-paragrafu ***2***(a) sa ***(k)***;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Korrezzjoni ta' referenza żbaljata. Din tirrigwarda l-paragrafu 2, li fih ma hemm l-ebda punt (l).

Emenda 125

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 4 – subparagrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) x'inhi garanzija komparabbli, imsemmija fil-paragrafu ***2***, li jenħtieġ li tkun interkambjabbli ma' assigurazzjoni ta' indennizz professjonali;	(c) x'inhi garanzija komparabbli, imsemmija fil-paragrafu ***3***, li jenħtieġ li tkun interkambjabbli ma' assigurazzjoni ta' indennizz professjonali;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Korrezzjoni ta' referenza żbaljata.

Emenda 126

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 4 – subparagrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta tiġi biex tiżviluppa dawn ***l-istandards*** tekniċi regolatorji, l-EBA għandha tqis dawn li ġejjin:	Meta tiġi biex tiżviluppa dawn ***l-abbozzi ta' standards*** tekniċi regolatorji, l-EBA għandha tqis dawn li ġejjin:

Or. en

Ġustifikazzjoni

Biex tkun aktar preċiża.

Emenda 127

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 4 – subparagrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Kummissjoni qed tingħata s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu f'konformità mal-Artikoli minn 10 sa 14 tar-Regolament 1093/***2015***.	Il-Kummissjoni qed tingħata s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu f'konformità mal-Artikoli minn 10 sa 14 tar-Regolament ***(UE) Nru*** 1093/***2010***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Korrezzjoni ta' referenza żbaljata.

Emenda 128

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. Kwalunkwe impriża nominata bħala gwardjan, skont l-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2022/1925, ma għandhiex tkun eliġibbli għal awtorizzazzjoni bħala fornitur ta' servizzi ta' informazzjoni finanzjarja skont dan ir-

Regolament.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huwa ssuġġerit li jipprevjenu lill-gwardjani fl-Att dwar is-Swieq Diġitali milli jaċċessaw id-data skont il-FiDA. Il-kliem huwa ispirat mill-Artikolu 5, il-paragrafu 3 tal-Att dwar id-Data (kif adottat; il-pubblikazzjoni fil-ĠU se ssir daqt).

Emenda 129

Proposta għal regolament
Artikolu 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 13	***imħassar***
Rappreżentanti legali	
1. Il-fornituri ta' servizzi ta' informazzjoni finanzjarja li mhumiex stabbiliti fl-Unjoni, iżda li jeħtieġu aċċess għad-data finanzjarja fl-Unjoni għandhom jaħtru, bil-miktub, persuna fiżika jew ġuridika bħala r-rappreżentant legali tagħhom f'wieħed mill-Istati Membri minn fejn il-fornitur ta' servizzi ta' informazzjoni finanzjarja jkollu l-ħsieb li jaċċessa data finanzjarja.	
2. Il-fornituri ta' servizzi ta' informazzjoni finanzjarja għandhom jagħtu mandat lir-rappreżentanti legali tagħhom biex jiġu indirizzati flimkien mal-fornitur ta' servizzi ta' informazzjoni finanzjarja jew minfloku mill-awtoritajiet kompetenti dwar il-kwistjonijiet kollha rilevanti għar-riċevuta, konformità u infurzar ta' dan ir-Regolament. Il-fornituri ta' servizzi ta' informazzjoni finanzjarja għandhom jipprovdu lir-rappreżentant legali tagħhom bis-setgħat u r-riżorsi meħtieġa biex ikunu jistgħu jikkooperaw mal-awtoritajiet kompetenti u jiżguraw il-konformità mad-deċiżjonijiet tagħhom.	

3. Ir-rappreżentant legali maħtur jista' jinżamm responsabbli għan-nuqqas ta' konformità mal-obbligi skont dan ir-Regolament, mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltà u l-azzjonijiet legali li jistgħu jinbdew kontra l-fornitur ta' servizzi ta' informazzjoni finanzjarja.

4. Il-fornituri ta' servizzi ta' informazzjoni finanzjarja għandhom jinnotifikaw l-isem, l-indirizz, l-indirizz tal-posta elettronika u n-numru tat-telefon tar-rappreżentant legali tagħhom lill-awtorità kompetenti fl-Istat Membru fejn jirrisjedi jew ikun stabbilit dak ir-rappreżentant legali. Huma għandhom jiżguraw li dik l-informazzjoni tkun aġġornata.

5. Il-ħatra ta' rappreżentant legali fl-Unjoni skont il-paragrafu 1 ma għandhiex tikkostitwixxi stabbiliment fl-Unjoni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Sabiex jinżammu kundizzjonijiet ekwivalenti, biex ma titpoġġiex f'periklu s-superviżjoni effettiva ta' dawn l-atturi ġodda, u biex il-klijenti jiġu protetti minn użu ħażin possibbli tad-data tagħhom, huwa ssuġġerit li titneħħa l-possibbiltà li l-impriżi li ma humiex stabbiliti fl-UE jibbenefikaw minn awtorizzazzjoni bħala FISP. Il-fornituri ta' pajjiżi terzi ma għandhomx jitħallew iwettqu attivitajiet jekk ma jkunux liċenzjati kif suppost għal tali attivitajiet fi Stat Membru speċifiku. Għażla bħal din ma teżistix fil-PSD2 lanqas għal eż. AISPs u għalhekk tirriżulta f'sitwazzjoni diskriminatorja bejn l-FISPs u l-AISPs.

Emenda 130

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-awtorità kompetenti għandha tagħti awtorizzazzjoni jekk l-informazzjoni u l-evidenza li jakkumpanjaw l-applikazzjoni jikkonformaw mar-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu ***11***(1) u (2). Qabel ma	1. L-awtorità kompetenti għandha tagħti awtorizzazzjoni jekk l-informazzjoni u l-evidenza li jakkumpanjaw l-applikazzjoni jikkonformaw mar-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu ***12***(1) u (2) ***u jekk il-***

tagħti awtorizzazzjoni, l-awtorità kompetenti tista', fejn rilevanti, tikkonsulta ma' awtoritajiet pubbliċi rilevanti oħrajn.	***valutazzjoni ġenerali tal-awtorità kompetenti, wara li tkun skrutinizzat l-applikazzjoni, tkun favorevoli***. Qabel ma tagħti awtorizzazzjoni, l-awtorità kompetenti tista', fejn rilevanti, tikkonsulta ma' awtoritajiet pubbliċi rilevanti oħrajn***, inklużi l-awtoritajiet superviżorji skont ir-Regolament (UE) 2016/679***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din issegwi suġġeriment mill-EDPS fl-opinjoni tiegħu (punt 49). Minħabba l-implikazzjonijiet prevedibbli tal-protezzjoni tad-data, jidher xieraq li ssir referenza espliċita għall-awtoritajiet superviżorji skont il-GDPR. Barra minn hekk allinjament eqreb mal-PSD2/proposta dwar il-PSD3 u korrezzjoni ta' referenza (l-Artikolu 12 minflok l-Artikolu 11).

Emenda 131

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-awtorità kompetenti għandha tawtorizza fornitur ta' servizzi ta' informazzjoni finanzjarja ta' pajjiż terz, diment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:	***imħassar***
(a) il-fornitur ta' servizzi ta' informazzjoni finanzjarja ta' pajjiż terz ikun ikkonforma mal-kundizzjonijiet kollha stipulati fl-Artikoli 12 u 16;	
(b) il-fornitur ta' servizzi ta' informazzjoni finanzjarja ta' pajjiż terz ikun ħatar rappreżentant legali skont l-Artikolu 13;	
(c) meta l-fornitur ta' servizzi ta' informazzjoni finanzjarja ta' pajjiż terz ikun soġġett għal superviżjoni, l-awtorità kompetenti għandha tfittex li tistabbilixxi arranġament ta' kooperazzjoni xieraq mal-awtorità kompetenti rilevanti tal-pajjiż terz fejn ikun stabbilit il-fornitur ta' servizzi ta' informazzjoni finanzjarja,	

sabiex jiġi żgurat skambju effiċjenti ta' informazzjoni;

(d) il-pajjiż terz fejn huwa stabbilit il-fornitur ta' servizzi ta' informazzjoni finanzjarja ma huwiex elenkat bħala ġuriżdizzjoni mhux kooperattiva għal finijiet ta' taxxa skont il-politika rilevanti tal-Unjoni jew bħala ġuriżdizzjoni ta' pajjiż terz b'riskju għoli li tippreżenta nuqqasijiet f'konformità mar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/1675[44].

---

[44] Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/1675 tal-14 ta' Lulju 2016 li jissupplimenta d-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jidentifika pajjiżi terzi b'riskju kbir b'nuqqasijiet strateġiċi.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Biex jinżammu kundizzjonijiet ekwivalenti, sabiex ma titpoġġiex f'periklu s-superviżjoni effettiva ta' dawn l-atturi ġodda, u biex il-klijenti jiġu protetti minn użu ħażin possibbli tad-data tagħhom, huwa ssuġġerit li titneħħa l-possibbiltà li l-impriżi li ma humiex stabbiliti fl-UE jibbenefikaw minn awtorizzazzjoni bħala FISP. Il-forniturі ta' pajjiżi terzi ma għandhomx jitħallew iwettqu attivitajiet jekk ma jkunux liċenzjati kif suppost għal tali attivitajiet fi Stat Membru speċifiku. Għażla bħal din ma teżistix fil-PSD2 lanqas għal eż. AISPs u għalhekk tirriżulta f'sitwazzjoni diskriminatorja bejn l-FISPs u l-AISPs.

Emenda 132

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	***4a. L-awtorità kompetenti għandha tagħti awtorizzazzjoni biss jekk tkun issodisfata li l-arranġamenti ta' governanza tal-fornitur ta' servizzi ta' informazzjoni finanzjarja juru li beħsiebha twettaq attivitajiet kummerċjali sostantivi fl-Istat Membru fejn għandha l-**

uffiċċju rreġistrat tagħha.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-FISPs għandhom ikunu stabbiliti fl-UE, b'uffiċċju rreġistrat fi Stat Membru fejn iwettqu jew beħsiebhom iwettqu attivitajiet kummerċjali sostantivi. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw il-konformità ma' dawn ir-rekwiżiti matul il-proċess ta' awtorizzazzjoni.

Emenda 133

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Fi żmien 3 xhur minn meta tirċievi applikazzjoni ***jew, jekk l-applikazzjoni ma tkunx kompluta, l-informazzjoni kollha meħtieġa għad-deċiżjoni***, l-awtorità kompetenti għandha tinforma lill-applikant dwar jekk l-awtorizzazzjoni tingħatax jew tiġix irrifjutata. L-awtorità kompetenti għandha tagħti raġunijiet fejn tirrifjuta awtorizzazzjoni**.**	6. Fi żmien 3 xhur minn meta tirċievi applikazzjoni ***kompluta***, l-awtorità kompetenti għandha tinforma lill-applikant dwar jekk l-awtorizzazzjoni tingħatax jew tiġix irrifjutata. L-awtorità kompetenti għandha tagħti raġunijiet meta tirrifjuta awtorizzazzjoni

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ma għandux ikun possibbli li tinkiseb awtorizzazzjoni abbażi ta' applikazzjoni mhux kompluta. Il-perjodu ta' tliet xhur għandu jibda biss ladarba l-NCAs ikunu rċevew l-informazzjoni kollha (għalhekk applikazzjoni kompluta).

Emenda 134

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 7 – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ma jagħmilx użu mill-awtorizzazzjoni fi żmien 12-il xahar, ***jirrinunzja espressament*** l-awtorizzazzjoni	(a) ma jagħmilx użu mill-awtorizzazzjoni fi żmien 12-il xahar, ***jitlob lill-awtorità kompetenti biex tirtira*** l-

jew ikun waqaf jinvolvi ruħu fin-negozju għal aktar minn 6 xhur;	awtorizzazzjoni jew ikun waqaf jinvolvi ruħu fin-negozju għal aktar minn 6 xhur;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Kliem aktar preċiż.

Emenda 135

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 7 – subparagrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) ma jkunx għadu jissodisfa l-kundizzjonijiet għall-għoti tal-awtorizzazzjoni jew jonqos milli jinforma lill-awtorità kompetenti dwar żviluppi kbar f'dan ir-rigward;	(c) ma jkunx għadu jissodisfa l-kundizzjonijiet għall-għoti tal-awtorizzazzjoni jew jonqos milli jinforma lill-awtorità kompetenti dwar żviluppi kbar f'dan ir-rigward; ***jew***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Kjarifika li t-twettiq ta' waħda mill-kundizzjonijiet huwa biżżejjed.

Emenda 136

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 7– subparagrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) ikun jikkostitwixxi riskju għall-protezzjoni tal-konsumatur ***u*** għas-sigurtà tad-data.	(d) ikun jikkostitwixxi riskju għall-protezzjoni tal-konsumatur ***jew*** għas-sigurtà tad-data.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Riskju għall-protezzjoni tal-konsumatur jew riskju għas-sigurtà tad-data għandhom ikunu kundizzjoni suffiċjenti.

Emenda 137

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 7a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	7a. L-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej jew l-awtorità kompetenti ta' kwalunkwe Stat Membru ospitanti jistgħu fi kwalunkwe ħin jitolbu lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari biex teżamina jekk il-fornitur tas-servizz ta' informazzjoni finanzjarja għadux konformi mal-kundizzjonijiet skont liema tkun ingħatat l-awtorizzazzjoni, meta jkun hemm raġunijiet biex jissuspettaw li dan jista' ma jibqax il-każ.

Or. en

Ġustifikazzjoni

F'każ ta' suspett ta' nuqqas ta' konformità, l-ASE jew l-NCAs tal-Istati Membri ospitanti għandhom ikunu jistgħu jitolbu lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari tivverifika li FISP partikolari għadu konformi mal-FiDA. Il-kliem huwa ispirat mill-Artikolu 64(7) tal-MiCA.

Emenda 138

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-fornituri awtorizzati ta' servizzi ta' informazzjoni finanzjarja**.**	(a) il-fornituri awtorizzati ta' servizzi ta' informazzjoni finanzjarja***, inklużi l-isem, l-indirizz u, meta applikabbli, in-numru tal-awtorizzazzjoni, u deskrizzjoni tas-servizzi ta' informazzjoni finanzjarja offruti;***

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-inklużjoni ta' aktar informazzjoni dwar is-servizzi ta' informazzjoni finanzjarja offruti minn FISPs awtorizzati fir-reġistru, u deskrizzjoni tagħhom, ittejjeb it-trasparenza u tista' tgħin biex tippromwovi l-potenzjal innovattiv ta' finanzi miftuħa.

Emenda 139

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Ir-reġistru msemmi fil-paragrafu 1 għandu jkun fih biss data anonimizzata.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-iskop tar-reġistru jidher kemxejn invalidu jekk ikun fih biss data anonimizzata. Għalhekk huwa ssuġġerit li din id-dispożizzjoni titħassar.

Emenda 140

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Ir-reġistru għandu jkun disponibbli għall-pubbliku fuq is-sit web tal-EBA u għandu jippermetti li l-informazzjoni elenkata tkun tista' tiġi mfittxija u aċċessata faċilment.	3. Ir-reġistru għandu jkun disponibbli għall-pubbliku fuq is-sit web tal-EBA u għandu jippermetti li l-informazzjoni elenkata tkun tista' tiġi mfittxija u aċċessata faċilment***, mingħajr ħlas***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Allinjament mal-PSD2, Artikolu 15, paragrafu 1 u l-proposta tal-PSDs, Artikolu 18, paragrafu 2.

Emenda 141

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom jikkomunikaw mingħajr dewmien lill-EBA l-informazzjoni meħtieġa biex tkun tista' twettaq il-kompiti tagħha skont il-paragrafi 1 u ***3***. L-awtoritajiet kompetenti għandhom ikunu responsabbli għall-preċiżjoni tal-informazzjoni speċifikata fil-paragrafi 1 u 3 u biex iżommu dik l-informazzjoni aġġornata. Huma għandhom, fejn ikun teknikament possibbli, jittrażmettu din l-informazzjoni lill-EBA b'mod awtomatizzat.	5. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri ***fejn il-forniturі ta' servizzi ta' informazzjoni finanzjarja huma awtorizzati*** għandhom jikkomunikaw mingħajr dewmien***, u meta possibbli b'mod awtomatizzat,*** lill-EBA l-informazzjoni meħtieġa biex tkun tista' twettaq il-kompiti tagħha skont il-paragrafi 1 u 4. L-awtoritajiet kompetenti għandhom ikunu responsabbli għall-preċiżjoni tal-informazzjoni speċifikata fil-paragrafi 1 u 3 u biex iżommu dik l-informazzjoni aġġornata. Huma għandhom, fejn ikun teknikament possibbli, jittrażmettu din l-informazzjoni lill-EBA b'mod awtomatizzat.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Kjarifika li dan il-kompitu għandu jitwettaq mill-NCAs "domiċiljari", u idealment b'mod awtomatizzat. Huwa ssuġġerit ukoll li tiġi korretta referenza żbaljata.

Emenda 142

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) huwa għandu jieħu passi raġonevoli sabiex jiżgura l-kontinwità u r-regolarità fit-twettiq tal-attivitajiet tiegħu. Għal dak il-għan, il-fornitur ta' servizzi ta' informazzjoni finanzjarja għandu juża sistemi, riżorsi u proċeduri xierqa u proporzjonati biex jiżgura l-kontinwità tal-operazzjonijiet kritiċi tiegħu, ikollu fis-seħħ pjanijiet ta' kontinġenza u proċedura	(b) huwa għandu jieħu passi raġonevoli sabiex jiżgura l-kontinwità u r-regolarità fit-twettiq tal-attivitajiet tiegħu. Għal dak il-għan, il-fornitur ta' servizzi ta' informazzjoni finanzjarja għandu juża sistemi, riżorsi ***umani u tekniċi*** u proċeduri xierqa u proporzjonati biex jiżgura l-kontinwità tal-operazzjonijiet kritiċi tiegħu, ikollu fis-seħħ pjanijiet ta' kontinġenza u

biex jittestja u jirrieżamina regolarment l-adegwatezza u l-effiċjenza ta' tali pjanijiet;	proċedura biex jittestja u jirrieżamina regolarment l-adegwatezza u l-effiċjenza ta' tali pjanijiet;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Kjarifika.

Emenda 143

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) meta jistrieħ fuq parti terza għat-twettiq ta' funzjonijiet li huma kritiċi għall-forniment ta' servizz kontinwu u sodisfaċenti lill-klijenti u għat-twettiq ta' attivitajiet fuq bażi kontinwa u sodisfaċenti, li jieħu passi raġonevoli biex jevita riskju operattiv addizzjonali żejjed. L-esternalizzazzjoni ta' funzjonijiet operattivi importanti ma tistax issir b'tali mod li jfixkel materjalment il-kwalità tal-kontroll intern tiegħu u l-kapaċità ***tas-superviżur*** li ***jimmonitorja*** l-konformità tal-fornitur ta' servizzi ta' informazzjoni finanzjarja mal-obbligi kollha;	(c) meta jistrieħ fuq parti terza għat-twettiq ta' funzjonijiet li huma kritiċi għall-forniment ta' servizz kontinwu u sodisfaċenti lill-klijenti u għat-twettiq ta' attivitajiet fuq bażi kontinwa u sodisfaċenti, li jieħu passi raġonevoli biex jevita riskju operattiv addizzjonali żejjed. L-esternalizzazzjoni ta' funzjonijiet operattivi importanti ma tistax issir b'tali mod li jfixkel materjalment il-kwalità tal-kontroll intern tiegħu u l-kapaċità ***tal-awtorità kompetenti*** li ***timmonitorja*** l-konformità tal-fornitur ta' servizzi ta' informazzjoni finanzjarja mal-obbligi kollha;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Peress li "superviżur" huwa terminu mhux definit, huwa ssuġġerit li ssir referenza għall-awtorità kompetenti.

Emenda 144

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) id-diretturi tiegħu u l-persuni responsabbli għall-ġestjoni tiegħu, kif ukoll il-persuni responsabbli għall-ġestjoni tal-attivitajiet ta' ***aċċess għad-data*** tal-fornitur ta' servizzi ta' informazzjoni finanzjarja jkunu ta' reputazzjoni tajba u jkollhom għarfien, ħiliet u esperjenza xierqa, kemm individwalment kif ukoll b'mod kollettiv, biex iwettqu dmirijiethom;	(e) id-diretturi tiegħu u l-persuni responsabbli għall-ġestjoni tiegħu, kif ukoll il-persuni responsabbli għall-ġestjoni tal-attivitajiet ***tas-servizz*** ta' ***informazzjoni finanzjarja*** tal-fornitur ta' servizzi ta' informazzjoni finanzjarja jkunu ta' reputazzjoni tajba u jkollhom għarfien, ħiliet u esperjenza xierqa, kemm individwalment kif ukoll b'mod kollettiv, biex iwettqu dmirijiethom ***fir-rigward tat-tipi ta' data li huma soġġetti għall-ipproċessar***; ***is-suġġetti tad-data kkonċernati; l-entitajiet li lilhom, jew li għalihom, tista' tiġi żvelata d-data personali; il-limitazzjoni tal-iskop; il-perjodi ta' ħażna; u l-operazzjonijiet ta' pproċessar u proċeduri ta' pproċessar, inklużi miżuri li jiżguraw ipproċessar legali u ġust bħal dawk għal sitwazzjonijiet speċifiċi oħra ta' pproċessar;***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Is-sostituzzjoni ssuġġerita ta' "aċċess għad-data" b'"servizz ta' informazzjoni finanzjarja" ġejja mill-inserzjoni ssuġġerita fl-Artikolu 3 ta' definizzjoni ta' "servizz ta' informazzjoni finanzjarja". Barra minn hekk jidher adegwat li l-kriterji ta' reputazzjoni tajba jiġu allinjati aktar mill-qrib mal-Artikolu 6 tal-GDPR.

Emenda 145

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 1 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) huwa għandu jistabbilixxi u jżomm proċeduri effettivi u trasparenti għall-monitoraġġ, l-immaniġġar u s-segwitu fil-pront, ġust u konsistenti ta' inċident ta' sigurtà u ta' lmenti tal-klijenti relatati mas-sigurtà, inkluż mekkaniżmu ta' rapportar li	(f) huwa għandu jistabbilixxi u jżomm proċeduri effettivi u trasparenti ***biex jiżgura l-kunfidenzjalità, id-disponibbiltà u l-integrità tad-data fil-każ ta' inċident ta' sigurtà u*** għall-monitoraġġ, l-immaniġġar u s-segwitu fil-pront, ġust u

jqis l-obbligi ta’ notifika stipulati fil-Kapitolu III tar-Regolament (UE) 2022/2554;	konsistenti ta’ inċident ta’ sigurtà u ta’ lmenti tal-klijenti relatati mas-sigurtà, inkluż mekkaniżmu ta’ rapportar li jqis l-obbligi ta’ notifika stipulati fil-Kapitolu III tar-Regolament (UE) 2022/2554;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huwa ssuġġerit li jiġi inkluż rekwiżit ta’ sigurtà addizzjonali relatat mal-iżgurar tal-kunfidenzjalità, id-disponibbiltà u l-integrità tad-data fil-każ ta’ inċident ta’ sigurtà.

Emenda 146

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jaħtru l-awtoritajiet kompetenti responsabbli mit-twettiq tal-funzjonijiet u d-dmirijiet previsti f’dan ir-Regolament. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw dawk l-awtoritajiet kompetenti lill-Kummissjoni.	1. L-Istati Membri għandhom jaħtru l-awtoritajiet kompetenti responsabbli mit-twettiq tal-funzjonijiet u d-dmirijiet previsti f’dan ir-Regolament***, inkluża s-superviżjoni tal-iskemi ta’ aċċess għad-data finanzjarja u l-konformità tal-forniturі ta’ servizzi ta’ informazzjoni finanzjarja ma’ dan ir-Regolament***. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw dawk l-awtoritajiet kompetenti lill-Kummissjoni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huwa ssuġġerit li ssir referenza espliċita għar-responsabbiltà tal-awtoritajiet kompetenti li jissorveljaw l-iskemi ta’ aċċess għad-data finanzjarja u l-konformità tal-FISPs mar-Regolament.

Emenda 147

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jiżguraw li dawk l-awtoritajiet kompetenti jkollhom ir-riżorsi meħtieġa, notevolment f'termini ta' persunal iddedikat, sabiex jikkonformaw mal-kompiti tagħhom skont l-obbligi fil-qafas ta' dan ir-Regolament.	L-Istati Membri għandhom jiżguraw li dawk l-awtoritajiet kompetenti jkollhom ir-riżorsi ***umani u tekniċi*** meħtieġa, notevolment f'termini ta' persunal iddedikat, sabiex jikkonformaw mal-kompiti tagħhom skont l-obbligi fil-qafas ta' dan ir-Regolament.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Kjarifika.

Emenda 148

Proposta għal regolament
Artikolu 18 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Fl-eżerċitar tas-setgħat investigattivi u ta' sanzjonar tagħhom, inkluż f'każijiet transfruntieri, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkooperaw b'mod effettiv ma' xulxin u mal-awtoritajiet minn kull settur ikkonċernat, kif applikabbli għal kull każ u f'konformità mal-liġi nazzjonali u mad-dritt tal-Unjoni, sabiex jiżguraw l-iskambju ta' informazzjoni u l-assistenza reċiproka meħtieġa għall-infurzar effettiv tas-sanzjonijiet amministrattivi u tal-miżuri amministrattivi.	3. Fl-eżerċitar tas-setgħat investigattivi u ta' sanzjonar tagħhom, inkluż f'każijiet transfruntieri, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkooperaw b'mod effettiv ma' xulxin***, mal-awtoritajiet superviżorji skont ir-Regolament (UE) 2016/679,*** u mal-awtoritajiet minn kull settur ikkonċernat, kif applikabbli għal kull każ u f'konformità mal-liġi nazzjonali u mad-dritt tal-Unjoni, sabiex jiżguraw l-iskambju ta' informazzjoni u l-assistenza reċiproka meħtieġa għall-infurzar effettiv tas-sanzjonijiet amministrattivi u tal-miżuri amministrattivi.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Minħabba d-dimensjonijiet prevedibbli tal-protezzjoni tad-data, jidher xieraq li ssir referenza espliċita għall-awtoritajiet superviżorji skont il-GDPR.

Emenda 149

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 20, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu regoli li jippermettu lill-awtoritajiet kompetenti tagħhom jagħlqu investigazzjoni dwar allegat ksur ta' dan ir-Regolament, wara ftehim ta' soluzzjoni sabiex jintemm l-allegat ksur u l-konsegwenzi tiegħu qabel ma jinbdew proċedimenti formali ta' sanzjonar.	1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 20, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu regoli li jippermettu lill-awtoritajiet kompetenti tagħhom jagħlqu investigazzjoni ***jew proċeduri formali ta' sanzjonar*** dwar allegat ksur ta' dan ir-Regolament, wara ftehim ta' soluzzjoni sabiex jintemm l-allegat ksur u l-konsegwenzi tiegħu qabel ma jinbdew proċedimenti formali ta' sanzjonar ***jew jingħalqu proċeduri formali ta' sanzjonar permezz ta' ħlas***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Biex jitqies li l-liġi applikabbli ma hijiex armonizzata fl-UE.

Emenda 150

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) ksur tal-Artikoli 13 u 16;	(d) ksur tal-Artikoli ***12,*** 13 u 16;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huwa ssuġġerit li l-ksur tal-Artikolu 12, b'mod partikolari fir-rigward tal-obbligu li tinżamm assigurazzjoni tal-indennizz, għandu jkun ukoll soġġett għal miżuri amministrattivi.

Emenda 151

Proposta għal regolament
Artikolu 28 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-isem, l-indirizz u, fejn applikabbli, in-numru tal-awtorizzazzjoni tal-fornitur ta' servizzi ta' informazzjoni finanzjarja;	(a) l-isem, l-indirizz u, fejn applikabbli, in-numru tal-awtorizzazzjoni ***u l-Identifikatur ta' Entità Ġuridika (LEI)*** tal-fornitur ta' servizzi ta' informazzjoni finanzjarja;

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-Identifikatur ta' Entità Ġuridika (LEI) ISO 17442, bħala standard globali, disponibbli faċilment u li jinqara mill-magni, jipprovdi mod effiċjenti biex jgħin fil-verifika tal-identità ta' kwalunkwe FISP.

Emenda 152

Proposta għal regolament
Artikolu 28 – paragrafu 2– subparagrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) l-iskemi ta' ***kondiviżjoni tad-data*** finanzjarja li tagħhom huwa membru.	(d) l-iskemi ta' ***aċċess għad-data*** finanzjarja li tagħhom huwa membru.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Kliem aktar preċiż.

Emenda 153

Proposta għal regolament
Artikolu 28 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(da) deskrizzjoni tas-servizz li beħsiebu

jipprovdi.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Biex jiġi żgurat li l-NCAs ikunu infurmati bl-aċċess tal-FISPs għad-data tal-klijenti li tinsab fi Stati Membri oħra, huwa ssuġġerit li l-FISPs jiġu obbligati jikkomunikaw lill-NCA domiċiljari deskrizzjoni tas-servizzi li beħsiebhom jipprovdu. L-NCA domiċiljari għandha mbagħad taqsam din l-informazzjoni mal-NCAs ospitanti f'konformità mal-paragrafu 3.

Emenda 154

Proposta għal regolament
Artikolu 28 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. Meta l-awtorità kompetenti ta' Stat Membru ospitanti jkollha raġunijiet raġonevoli biex temmen li fornitur ta' servizzi ta' informazzjoni finanzjarja li jaġixxi fit-territorju tiegħu bil-libertà li jiġu pprovduti servizzi jew bil-libertà tal-istabbiliment jikser id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament fir-rigward tal-użu tiegħu tad-data tal-klijenti li tinsab fl-Istat Membru ospitanti, l-awtorità kompetenti ta' tali Stat Membru ospitanti għandu jkollha s-setgħa li tissospendi temporanjament it-trażmissjoni tad-data ta' dawk il-klijenti mid-detenturi tad-data lil dak il-fornitur ta' servizzi ta' informazzjoni finanzjarja, sakemm l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari tkun ħadet miżuri meħtieġa biex twaqqaf il-ksur.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huwa ssuġġerit li jissaħħu s-setgħat tal-awtoritajiet kompetenti ospitanti fejn il-protezzjoni tal-konsumatur tkun affettwata minn kondotta ħażina tal-FISPs stabbiliti fi Stat Membru ieħor u li jaġixxu fl-Istat Membru ospitanti bil-libertà li jiġu pprovduti servizzi jew bil-libertà tal-istabbiliment. Kwalunkwe awtorità kompetenti ospitanti għandha titħalla tissospendi t-trażmissjoni tad-data tal-klijenti mid-detenturi tad-data lil tali FISP sabiex twaqqaf il-ksur

tal-FiDA li jwassal għal danni lill-interessi tal-konsumatur fl-Istat Membru ospitanti, b'mod partikolari meta jkun hemm suspett ta' frodi.

Emenda 155

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu -1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	-1. Sa ... [sena mid-data tad-dħul fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament], u kull sena wara dan, l-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej għandhom jippreżentaw rapport pubbliku annwali konġunt lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.
	Ir-rapport imsemmi fil-subparagrafu 1 għandu jkun fih minn tal-inqas dan li ġej:
	a) deskrizzjoni tal-iżviluppi fl-attivitajiet tal-forniturі ta' servizzi ta' informazzjoni finanzjarja;
	b) valutazzjoni ta' jekk hemmx bżonn ta' xi bidliet għall-miżuri stabbiliti f'dan ir-Regolament biex tiġi żgurata l-protezzjoni tal-klijenti u jitrawwem l-iżvilupp ta' servizzi innovattivi.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huwa importanti li jiġi identifikat kwalunkwe riskju f'termini ta' protezzjoni tal-konsumatur jew ostakli għall-iżvilupp ta' servizzi ġodda ta' informazzjoni finanzjarja fil-qafas tal-FiDA ħafna qabel ir-rieżami leġiżlattiva potenzjali. Għalhekk huwa ssuġġerit li l-ASE jiġu obbligati li kull sena jipproduċu rapport konġunt dwar l-applikazzjoni tar-Regolament FiDA.

NOTA SPJEGATTIVA

1. Il-kuntest

Fit-28 ta' Ġunju 2023, il-Kummissjoni Ewropea adottat proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar qafas għall-Aċċess għad-Data Finanzjarja u emenda tar-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010, (UE) Nru 1094/2010, (UE) Nru 1095/2010 u (UE) Nru 2022/2554 ("FiDA").

Il-proposta tal-FiDA għandha l-għan li tippermetti lill-konsumaturi u d-ditti jikkontrollaw b'mod aktar effiċjenti l-aċċess għad-data finanzjarja tagħhom lil hinn mill-pagamenti, u b'hekk tippermettilhom jibbenefikaw minn prodotti u servizzi finanzjarji li huma mfassla għall-bżonnijiet tagħhom filwaqt li jżommu taħt kontroll ir-riskji assoċjati. Dan jirrappreżenta bidla minn banek miftuħa b'PSD2 għal finanzi miftuħa li għandu wkoll jippromwovi t-trasformazzjoni diġitali u jħaffef l-adozzjoni ta' mudelli ta' negozju mmexxija mid-data fis-settur finanzjarju tal-UE.

L-istrateġija għall-Finanzi Diġitali tal-2020 u l-Komunikazzjoni tal-2021 dwar Unjoni tas-Swieq Kapitali ħabbru l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tippromwovi finanzjament immexxi mid-data bi proposta leġiżlattiva. F'dan l-isfond, fl-ittra ta' intenzjoni tagħha tal-Istat tal-Unjoni tal-2022, il-President tal-Kummissjoni von der Leyen ikkonfermat l-aċċess għad-data fis-servizzi finanzjarji bħala inizjattiva ewlenija tal-Kummissjoni għall-2023.

Id-dispożizzjonijiet ewlenin fil-FiDA għandhom x'jaqsmu ma':

- It-tisħiħ tal-fiduċja tal-klijenti fil-kondiviżjoni tad-data;
- L-obbligu li d-detenturi tad-data jikkondividu d-data tal-klijenti mal-utenti tad-data;
- Il-promozzjoni tal-istandardizzazzjoni tad-data u l-interfaċċi tal-klijenti; u
- Il-promozzjoni tal-implimentazzjoni ta' interfaċċi ta' kwalità għolja għall-kondiviżjoni tad-data tal-klijenti.

2. Proċedura fil-Parlament Ewropew

Il-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (ECON) inħatar bħala l-Kumitat ewlieni biex jittratta l-proposta.

3. Abbozz ta' rapport

Filwaqt li jibnu fuq il-kombinazzjoni u l-aggregazzjoni tad-data, il-finanzi miftuħa jiffaċilitaw il-provvista ta' prodotti u servizzi finanzjarji ġodda li jistgħu jaqdu aħjar il-ħtiġijiet tal-klijenti, pereżempju f'oqsma bħal pariri finanzjarji, assigurazzjoni, jew tħejjija għall-pensjoni. Esperjenza mtejba tal-klijent se tagħti s-setgħa lill-klijenti jieħdu deċiżjonijiet finanzjarji infurmati aħjar u effettivament jaħsdu benefiċċji tanġibbli mill-FiDA.

Ir-Rapporteur jilqa' b'entużjażmu l-proposta tal-FiDA u jappoġġja bis-sħiħ kemm l-objettiv ġenerali kif ukoll id-direzzjoni ġenerali tagħha. Huwa madankollu tal-opinjoni li l-proposta tista' tiġi emendata b'mod pożittiv rigward diversi karatteristiċi ewlenin, u jissuġġerixxi modifiki żgħar tul l-assi ewlenin li ġejjin.

- **It-tisħiħ tal-fiduċja tal-klijenti**

Ir-Rapporteur jiddefendi approċċ iċċentrat fuq il-klijent. Għal implimentazzjoni sikura u b'suċċess tal-qafas tal-FiDA, il-klijenti għandhom l-ewwel u qabel kollox ikollhom fiduċja sħiħa fis-sikurezza, l-affidabbiltà u l-ġustizzja tiegħu. Kwalunkwe aċċess għad-data finanzjarja tal-klijenti għandu jkollu kunsiderazzjoni xierqa għall-privatezza tad-data. Iż-żamma ta' protezzjoni b'saħħitha tal-konsumatur tirrikjedi wkoll salvagwardji b'saħħithom, b'mod partikolari dawk relatati mal-permess u r-responsabbiltà.

F'konformità mal-opinjoni mogħtija mill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (EDPS), ir-Rapporteur għalhekk jillimita b'mod aktar ċar il-kategoriji ta' data personali li tista' ssir disponibbli fil-FiDA, filwaqt li jqis ir-riskji għall-individwi li d-data personali tagħhom tkun aċċessata u użata. Biex jipprevjeni ulterjorment ir-riskji ta' esklużjoni finanzjarja, huwa jipprovdi wkoll projbizzjoni espliċita fuq iċ-ċaħda ta' servizzi finanzjarji lill-konsumaturi li ma jridux jagħmlu d-data tagħhom disponibbli permezz tad-dashboard tal-permessi tal-FiDA, jissuġġerixxi gwida aktar granulari fil-livell 2 biex jiġu delineati użi xierqa ta' data personali, u jrawwem konsistenza bejn l-applikazzjoni u l-implimentazzjoni tal-FiDA u l-liġi tal-UE dwar il-protezzjoni tad-data.

L-ebda ġuriżdizzjoni oħra sal-lum ma adottat qafas finanzjarju miftuħ daqshekk wiesa' daqs il-FiDA. Filwaqt li titqies l-importanza li jiġu żgurati flussi ta' data transfruntiera sikuri li jipproteġu d-drittijiet fundamentali tal-konsumaturi tal-UE u tal-klijenti kummerċjali, speċjalment meta d-data tkun ta' natura sensittiva ħafna, ir-Rapporteur għalhekk jissuġġerixxi li titneħħa l-possibbiltà għall-impriżi li ma humiex stabbiliti fl-UE biex jibbenefikaw minn awtorizzazzjoni bħala fornitur ta' servizzi ta' informazzjoni finanzjarja. Skont l-istess loġika, huwa jirrakkomanda wkoll li l-gwardjani maħtura skont l-Att dwar is-Swieq Diġitali ma jħallux aċċess għad-data fil-FiDA.

- **Il-promozzjoni tal-innovazzjoni**

Ir-Rapporteur jemmen li l-finanzi miftuħa ma jikkonċernawx il-kondiviżjoni tad-data tal-klijenti, iżda li l-klijenti jkunu jistgħu jiżblokkaw u jerġgħu jużaw id-data tagħhom b'mod sikur, kif jidhrilhom xieraq u skont ir-rieda tagħhom, sabiex ikunu jistgħu japprofittaw minn għażla usa' ta' fornituri ta' servizzi filwaqt li jżommu kunfidenzjalità sħiħa. Biex tiffoka fuq il-qafas tal-FiDA b'mod aktar ċar fuq tali dritt ta' aċċess għad-data għall-konsumaturi u l-klijenti kummerċjali, huwa jirrakkomanda li n-narrattiva tiġi adattata kif xieraq.

Inċentivi adegwati huma prerekwiżit għat-trawwim tal-adozzjoni tas-suq. Is-suġġerimenti tar-Rapporteur għandhom l-għan li jikkontribwixxu biex jiżguraw li d-detenturi tad-data jibnu u jżommu l-infrastruttura meħtieġa biex id-data tkun disponibbli. B'mod partikolari, id-dispożizzjonijiet dwar il-kumpens huma allinjati aktar mill-qrib mal-approċċ immexxi mis-suq skont l-Att dwar id-Data.

- **It-titjib tal-interoperabbiltà u s-superviżjoni**

Is-suċċess fit-tul tal-qafas tal-FiDA jirrikjedi livell minimu ta' interoperabbiltà teknika għall-infrastrutturi tad-data u ta' aċċess għad-data, flimkien mal-interoperabbiltà regolatorja fost oqfsa differenti. Ir-Rapporteur jissuġġerixxi għadd ta' modifiki biex titrawwem tali interoperabbiltà, inkluż billi l-FiDA jiġi allinjat aktar mill-qrib ma' leġiżlazzjoni oħra tal-UE bħall-GDPR, l-Att dwar id-Data, u l-Att dwar il-Governanza tad-Data.

Hemm mertu li jissaħħaħ aktar ir-rwol tal-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej vis-à-vis dak tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, eż. billi jintalab li l-valutazzjoni tal-iskema ta' aċċess għad-data finanzjarja ssir fil-livell Ewropew. Dan jevita valutazzjonijiet differenti mill-awtoritajiet nazzjonali li jistgħu jipperikolaw il-kundizzjonijiet ekwivalenti. Ir-Rapporteur jagħmel xi suġġerimenti preliminari f'dik id-direzzjoni, li għandhom jinħadmu jekk it-tim tan-negozjar tal-Parlament jappoġġja dan l-approċċ.

4. Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati

Filwaqt li l-emendi fl-abbozz tar-rapport fihom il-fehmiet tar-Rapporteur biss, hu u t-tim tiegħu huma grati għall-kontribut li rċevew minn varjetà ta' partijiet ikkonċernati, inklużi:

- American Express;
- L-Assoċjazzjoni għas-Swieq Finanzjarji fl-Ewropa (AFME);
- Better Finance;
- Bureau européen des unions de consommateurs (BEUC) ;
- L-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Banek Kooperattivi (EACB);
- L-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Aġenziji tal-Komunikazzjoni (EACRA);
- L-Assoċjazzjoni Ewropea ta' Istituzzjonijiet Paritarji (AEIP);
- Il-Federazzjoni Bankarja Ewropea (EBF);
- L-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Fornituri ta' Partijiet Terzi
- Febelfin;
- Il-Federazzjoni tas-Servizzi ta' Informazzjoni tan-Negozju (FEBIS);
- Finance Watch;
- Il-Federazzjoni tal-Banek Franċiża (FBF);
- Il-Kumitat għall-Industrija Bankarja Ġermaniża (GBIC);
- L-Assoċjazzjoni Ġermaniża tal-Assigurazzjoni (GDV);
- Il-Fondazzjoni Globali għall-Identifikatur tal-Entità Legali (GLEIF);
- Hogan Lovells;
- Insurance Europe;
- Klarna;
- Mastercard;
- Pensions Europe;
- Nederlands Verbond van Verzekeraars;
- Nederlandse Pensioenfederatie;
- Visa.

5. Triq ’il quddiem

Ir-Rapporteur jenfasizza li l-abbozz ta’ rapport tiegħu jikkostitwixxi biss punt tat-tluq għall-ħidma tal-Kumitat ECON dwar il-FiDA. Huwa jistenna bil-ħerqa l-kontributi tax-shadow rapporteurs, li huwa se javvičina b’moħħ miftuħ u attitudni kostruttiva.